www.sportivmalta.com – Ħarġa nru. 19 – Ottubru 2008

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



**Logħob tal-Commonwealth**
L-akbar suċċess jasal mill-isparar, p68



**Tazza tad-Dinja 2010**
Malta tibqa' mingħajr punti fil-klassifika, p4

**Żwiemel**
Ritratti, riżultati u klassifiċi mill-Marsa p70



# ROLEX Middlesea Race

## ALEGRE tirbaħ id-29 edizzjoni




KMS • POWERBOATS • FORMULA 1 • ŻWIEMEL • MOTO GP • TONY NICHOLL • YFA • WATERPOLO • QORMI F.C. • BASKETBALL • RUGBY

THE WESTIN DRAGONARA RESORT Malta
IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK

THE 3-STRIPES ARE HERE



NEW adidas BRAND STORE

EuroSport
Malta's Largest & Leading Mega Sports / Casual Shops

PSAILA STREET, BIRKIRKARA
ALSO IN VALLETTA AND BAYSTREET

2008



Ottubru

SPORTIV

Mhux faċli titkellem dwar is-suċċess ta' Ħarġa numru 18 tal-magażin SPORTIV, iżda l-emails, il-messaġġi u l-ittri li rċevejna mingħandkom il-qarrejja, tant wasslu kliem ta' tifħir għal din il-publikazzjoni, li nħossni fir-responsabbiltà li nirringrazzjakom ta' l-appoġġ.

Ninsab ċert li Ħarġa numru 19 m'hijiex se tiddiżappuntakom u bħall-edizzjonijiet ta' qabel se ssibu xahar ta' sport miġbur f'paġni mimlija kulur, ritratti u informazzjoni minn ħafna avvenimenti sportivi.

Għal dawk li forsi naqsu li jakkwistaw l-aħħar ħarġa jew jixtiequ l-kollezzjoni kollha sa mill-ewwel edizzjoni, nistedinhom jgħarrfuna permezz ta' l-email.

Bħal dejjem nawguralkom xahar ieħor ta' saħħa u parteċipazzjoni fl-isport.

Björn Vassallo - Editur




Jekk tixtieq tixtri Back Issues ta' SPORTIV għandek iċċempel fuq 25900263 jew tibgħat email fuq sportivmalta@yahoo.com u tniżżel id-dettalji neċċessarji.






# Casual Mediterranean dining at its best

Mediterranean and Italian specialities in a relaxed setting either indoors or under the stars. The menu offers pasta, pizza, meat or fish dishes as well as a variety of antipasti, soups and dips.

**To book your table or for further information please call 2138 1000 or email: westin.dragonara@westin.com**

**www.westin.com/malta**

PALIO'S

THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA








www.sportivmalta.com
SPORTIV

Ħarġa nru 19
**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar
www.sportivmalta.com

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 25401217

**Pubblikaturi**
**Norman Darmanin Demajo**
**Paul Falzon**

**Editur**
**Björn Vassallo**
bjorn.vassallo@yahoo.com

**Riklamar**
**Claudia Cutajar**
sportivmalta@yahoo.com

**Disinn**
**Zen Grafiks**

**Ritratti**
**Stephen Gatt**

**Cover - Middle Sea Race**

**SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta**

# Werrej

**4 Danimarka v Malta**
Tasal telfa oħra

**6 Malta v Ungerija**
Nibqgħu mingħajr punt

**10 Analiżi**
Bejn Easy Money u Fair Play

**18 Futbol Lokali**
Jibdew il-kampjonati tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni

**23 FIFA News**
Il-programm GOAL

**26 L-Istorja tal-Football Malti**
Tkompli... kif qatt ma rajtuha qabel...

**32 Bħal-Lum...**
Tony Nicholl jiskorja sebgħa f'logħba waħda...

**36 Kampjonati YFA**
Statistika mill-passat

**41 Qormi F.C. Poster**
L-iskwadra kollha ta' Qormi F.C. - Staġun 2008/9

**42 Middle Sea Race**
Id-29 edizzjoni tar-Regatta

**46 Champions League**
Juventus jirkupraw u jsalvaw punt fl-Ukrajna

**50 Moto GP**
Jintemm il-kampjonat b'Valentino Rossi protagonista

**52 Formula 1**
Hamilton u Massa sa l-aħħar

**56 Drag Racing**
Programm ieħor minn Ħal-Far

**58 Basketball**
Logħba bis-sens u diverenti

**61 ...bla kumment!**
Ritratti mid-dinja ta' l-isport

**62 Powerboats P1**
Il-Malti Aaron Ciantar champion mondjali

**64 Waterpolo**
It-tim Malti jitlef fil-finali tat-Tazza Comen

**68 Logħob tal-Commonwealth**
Ryan Bugeja jirbaħ midalja tal-fidda

**70 Żwiemel**
Riżultati u ritratti mill-Marsa

**74 Storja tar-Regatta**
It-Tmien Kapitlu

**78 Kunsill Malti għall-Isport**
Intervisti ma' Bernard Vassallo u Joe Cassar, Chairman u CEO tal-Kunsill Malti għall-iSport

**88 Kriss-Kross**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

FIFA
For the Good of the Game

SOUTH AFRICA 2010 FIFA WORLD CUP

# Id-Danimarka wisq dominanti għall-Maltin



It-tim nazzjonali Malti sofra t-tielet telfa minn daqstant partiti ta' Grupp 1 validi mill-preliminari tat-Tazza tad-Dinja, 2010, meta fil-Parken Stadium, f'Copenhagen, safa megħlub mid-Danimarka bl-iskor ta' 3-0. Bla dubju, ir-riżultat jidher wieħed aċċettabbli, li iżda, li ma kienux is-saves determinanti tal-goalkeeper, Justin Haber, it-telfa setgħet kienet ferm akbar.

Fil-verità, il-Maltin qatt ma daħlu fil-partita u kienu kostretti jiddefendu tul il-partita kollha għajr għal xi attakk iżolat fuq il-lasti avversarji. Id-dominanza Daniża kienet il-fattur li wieħed ftit li xejn seta' jikkummenta fuq il-prestazzjoni tal-Maltin.

Matul l-ewwel taqsima, il-plejers Maltin dehru diżullużi, mifxula u demoralizzati mill-finezza ta' l-avversarji li daħlu jistrieħu f'vantaġġ ta' żewġ goals. Hekk kif għaddiet minuta mill-ftuħ tat-tieni taqsima d-Daniżi skurjaw it-tielet goal, kulħadd antiċipa xi goleada iżda l-Maltin iddefendew b'għaxar plejers biex għalqu l-ispazji neċessarji lill-avversarji u mgħejjuna wkoll mill-fortuna, l-iskor baqa' ma nbidilx.

Id-Daniżi mill-ewwel urew l-intenzjonijiet tagħhom u mas-suffara inizjali ħarġu fuq l-offensiva biex xeħtu lill-Maltin fil-qoxra difensiva tagħhom u wara biss disa' minuti fetħu l-iskor minn SOREN LARSEN li approfitta wara li d-difiża Maltija nqabdet statika biex irtokka l-ballun fir-rokna tax-xibka minkejja t-tentattiv ta' Justin Haber biex jipprova jilħaq il-ballun milli jaqbeż il-linja fatali.

Fit-13-il minuta, Haber salva goal ċert, mgħejjun mill-wieqfa, meta Larsen ikkonnettja l-kross ta' Kapser Bogelund. Ħames minuti wara d-Daniżi kienu għoddhom irdoppjaw meta azzjoni minn fuq il-lemin spiċċat b'Thomas Kahlenberg inkreddibbilment ifalli minn taħt il-lasti. Kien fid-29 minuta li għamlu dan meta ingħataw penalty wara li Gilbert Agius żamm fil-kaxxa lil DANIEL AGGER milli jipprova jsib l-ispazju waqt li kien qed jingħata corner. Kien foul li seta' ġie evitat. Mill-11-il metru, bil-kalma kollha l-istess plejer xeħet lil Haber fuq in-naħa l-ħażina.

Fit-35 minuta, Larsen għamel l-impossibbli meta minn tliet metri bogħod xeħet barra b'Haber megħlub għal kollox.

Żewġ minuti wara kien imiss lil Aaron Xuereb li jsalva gowl ieħor meta antiċipa f'corner lil Dennis Rommedahl wara li dan qabeż lil Haber fit-tentattiv li jkompli l-ballun għal ġewwa.

Mal-ftuħ tat-tieni taqsima, id-Daniżi komplew fejn ħallew qabel il-mistrieħ għax appena għaddiet minuta, SOREN LARSEN skorja t-tieni goal personali tiegħu minn kross insidjuż ta' Kasper Bogelund wara li rċieva mingħand Martin Laursen.

Minuta wara, Haber kien providenzjali għall-Maltin meta wettaq żewġ saves fuq Daniel Agger u Christian Poulsen.



**Soren Larsen jiċċelebra l-ewwel goal tiegħu kontra Malta**



**Soren Larsen jifraħ ma' Thomas Kahlenberg**



**Andrè Schembri (Malti) jipprova jżomm lil Soren Larsen (Danimarka)**




Partitarji Daniżi qabel il-partita



Soren Larsen

Fil-50 minuta, waslet l-ewwel azzjoni Maltija li kienet waħda personali ta' Michael Mifsud iżda x-xutt tiegħu kien dgħajjef u ċentrali wisq biex seta' jagħmel xi ħsara lill-avversarji

Fl-64 minuta, Malta rebħu l-ewwel korner meta Martin Laursen ipprova jantiċipa lil Michael Mifsud. Iżda dan is-*set-piece* inħela minħabba nuqqas ta' ftehim bejn Gilbert Agius u Etienne Barbara biex mill-istess kontrattakk Dennis Rommedahl sab ix-xibka iżda l-goal ma ġiex konvalidat minħabba pożizzjoni ta' offside.

Fl-74 minuta, Malta tilfu ċans kbir li jnaqqsu l-iskor meta mill-viċin Roderick Briffa falla kompletament il-mira. Iżda tliet minuti wara t-tim Malti seta' sofra goal ieħor meta bid-difiża fuq sieq waħda, is-sostitut Thomas Rasmussen għeleb in-nasba ta' l-offside iżda quddiem il-lasta Maltija ma laqatx tajjeb.

Bid-Daniżi jkomplu jippressaw, tliet minuti mit-tmiem Martin Laursen ra r-rovexxjata tiegħu maqlugħa bir-ras minn fuq il-linja fatali minn Roderick Briffa, b'Haber megħlub għal kollox.

## TAZZA TAD-DINJA 2010

**Logħba Nru 3 – 11.10.2008 - 20.00 hrs**

**Danimarka** **3**
S. Larsen 9, 46, D. Agger 29 pen (D)

**Malta** **0**

HT 2-0 **Parken Stadium**

**Danimarka** – Thomas Sorensen, Christian Poulsen, Martin Laursen, Daniel Agger, Thomas Schultz, Kasper Bogelund, Daniel Jensen (Thomas Kristiansen 82), Thomas Kahlenberg (Michael Krohn-Dehll 60), Morten Nordstrand, Dennis Rommedahl, Soren Larsen (Thomas Rasmussen 77)

*Coach* – Morten Olsen

**Malta** – Justin Haber, Jonathan Caruana, Ian Azzopardi, Aaron Xuereb, Luke Dimech, Gilbert Agius (Udochukwu Nwoko 80), Roderick Briffa, Jamie Pace, Ivan Woods, Andrè Schembri (Etienne Barbara 60), Michael Mifsud (Terence Scerri 88)

*Coach* – Dusan Fitzel

**Referee** – Levan Paniashvili (Georgia)

**Assistenti** – Mamuka Elikashvili, Zurab Jvaridze (Georgia)

**Raba' Uff.** – George Vadachkoria (Georgia)

**Ammoniti** – G. Agius, A. Xuereb (M))



# Ir-raba' telfa konsekuttiva għal Malta

Malta sofriet ir-raba' telfa konsekuttiva minn daqstant partiti tal-preliminari tat-Tazza tad-Dinja, 2010, meta fl-Istadium Nazzjonali sfat megħluba mill-Ungerija bl-iskor minimu ta' 1-0.

Forsi l-pubbliku sportiv Malti kien sorpriż meta l-kowċ nazzjonali, iċ-Ċek Dusan Fitzel, għamel bosta tibdiliet mit-telfa ta' 3-0 kontra d-Danimarka fejn għażel erba' attakkanti, b'Terence Scerri u Michael Mifsud jilagħbu fuq quddiem filwaqt li Etienne Barbara u Andrè Schembri jiġu utilizzati aktar irtirati.

Kollox ma' kollox il-prestazzjoni tal-plejers Maltin kienet waħda diżappuntanti minħabba li matul il-partita kollha l-goalkeeper Ungeriż, Marton Fulop, qatt ma għadda minn episodji nsidjużi. Wieħed għandu jqis ukoll li l-avversarji tagħna ma kienux daqstant ta' livell għoli u mingħajr ma għamlu xi aħtarijiet kbar, ħallew Ta' Qali bit-tliet punti. Kien goal li seta' ġie evitat meta Sandor Torghelle rnexxielu jisraq il-ballun bir-ras, minn bejn erba' plejers Maltin, biex eventwalment għeleb ukoll lill-goalkeeper Malti, Justin Haber.

Wieħed irid jaċċenna għall-fatt ukoll li qabel li sofrejna l-gowl, ir-referee Islandiż, Johannes Valgeirsson, kien messu keċċa lil Pal Dardar meta, b'mod premeditat, ta daqqa ta' sieq minn wara fuq ras Michael Mifsud meta dan kien ma' l-art għal foul li rebaħ,



Dusan Fitzel

b'konsegwenza li ħariġlu ħafna demm. Iżda b'sorpriża kbira kollox kien normali għat-terna arbitrali.

L-aħjar plejer fil-ground kien, bla dubju, Szabolcs Huszti, li nvolva ruħu prattikament f'kull azzjoni denja li ħolqu l-Ungeriżi, fosthom il-freekick li minnu wasal il-gowl deċiżiv.

Kienu l-Maltin li ħolqu l-ewwel azzjoni meta Mifsud kien għoddu approfitta minn inċertezza fid-difiża



It-tim Malti qabel il-partita



It-tim Ungeriż qabel il-partita

Ungeriża imma Fulop irkupra fil-ħin biex evita kull periklu.

Il-Maltin reġgħu ħolqu azzjoni tajba permezz ta' Barbara, li beda jtella' l-ballun tajjeb fuq il-linja tal-lemin, iżda l-kross tiegħu ġie nterċettat tajjeb minn Fulop qabel seta' jilħaq Woods.

Fit-23 minuta wasal il-gowl li ddeċieda l-logħba. L-Ungeriżi ingħataw freekick li nkariga minnu Szabolcs Huszti li għadda lejn Roland Juhasz li, f'tarf il-kaxxa, indirizza l-ballun bir-ras għan-nofs fejn SANDOR TORGHELLE seraq il-ballun minn bejn erba' difensuri Maltin u bir-ras għeleb lil Haber.

Ftit wara Haber salva f'korner freekick ieħor ta' Huszti qabel seta' jilħaq Juhasz.

L-istess Huszti inkariga ruħu minn freekick ieħor li Haber ippanċja biex biegħed il-periklu.

Fis-36 minuta Fitzel kien kostrett jagħmel l-ewwel sostituzzjoni meta Roderick Briffa ħa post Jonathan Caruana, li kien ilu jidher imweġġa'.

It-tieni taqsima ftit li xejn offriet emozzjonijiet bl-ewwel azzjoni tasal mit-tim Ungeriż permezz ta' cross ta' Juhasz, li minnu Torghelle minn qagħda angolata ma laqatx tajjeb biex il-ballun għadda tul il-lasta u baqa' sejjer barra.

L-Ungeriżi baqgħu jikkontrollaw is-sitwazzjoni bla ma wisq ikunu perikolużi. Il-Maltin ipprovaw joħolqu reazzjoni, speċjalment Mifsud li l-ġirjiet tiegħu dehru li setgħu jinkwetaw lid-difiża



Jamie Pace (Malta) janticipa lil Sandor Torghelle (Ungerija)



Jamie Pace (Malta) jattakka lil Zotan Gera (Ungerija)

avversarja imma li baqgħu ma pproduċew xejn.

L-aħjar ċans wasal għand Pace inqas minn 10 minuti mit-tmiem meta deher li seta' japprofitta minn nuqqas ta' ftehim fid-difiża Ungeriża, imma l-konklużjoni tiegħu kienet dgħajfa wisq biex tinkwieta lill-avversarji u l-ballun ġie kklerjat.

Lejn it-tmiem, Fitzel introduċa wkoll lil Udo Nwoko fil-post ta' Barbara imma minkejja li l-Maltin baqgħu jipprovaw minn kollox biex joħolqu xi forma ta' periklu, dan baqa' qatt ma wasal, bid-difiża Ungeriża tikkontrolla bla wisq diffikultà.

### TAZZA TAD-DINJA 2010

**Logħba Nru 4 – 15.10.2008 - 19.30 hrs**

**Malta** 0

**Ungerija** 1
S.Torghelle 23

HT 0-1 **National Stadium**

**Malta** – Justin Haber, Jonathan Caruana (Roderick Briffa 35), Aaron Xuereb, Luke Dimech, Shaun Bajada, Etienne Barbara (Udochukwu Nwoko 78), Jamie Pace, Andre Schembri, Ivan Woods, Michael Mifsud, Terence Scerri (Gilbert Agius 63)
*Coach* – Dusan Fitzel

**Ungerija** – Marton Fulop, Szabolcs Huszti, Laszlo Bodnar, Vilmos Vanczak, Roland Juhasz, Boldizsar Bodor, Peter Halmosi, Balazs Dzudzak (Akos Buzsaky 70), Pal Dardai (Balazs Toth 86), Sandor Torghelle, Zoltan Gera
*Coach* – Erwin Koeman

**Referee** – Johannes Valgeirsson (Islanda)
**Assistenti** – Olaf Ingvar Gudfinnsson, Johann Gunnar Gudmundsson (Islanda)
**Raba' Uff.** – Magnus Thosisson (Islanda)
**Ammoniti** – P. Dardai, R. Juhasz, Z. Gera, B. Bodor (U); L. Dimech, J. Pace (M)




# Irbaħ ma' TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tlett rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**"Semmi wieħed mill-plejers tat-Tim Nazzjonali Ungeriż li jilgħab fil-Kampjonat Ingliż?"**

Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mid-19 ta' Novembru 2008:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 18 hija: Kevin Blom - Olanda u r-rebbieħa huma (1) Joseph Attard - Balzan, (2) Graziella Cutajar - Marsa, (3) Owen Simmonds - Santa Venera*



1



2



3

# Franza u l-Portugall jiddiżżappuntaw

## Grupp 1

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/09 | Tirana | ALB | 0:0 | SVE |
| 06/09 | Budapest | UNG | 0:0 | DAN |
| 06/09 | Ta' Qali | MAL | 0:4 (0:1) | POR |
| 10/09 | Budapest | SVE | 2:1 (0:0) | UNG |
| 10/09 | Ta' Qali | POR | 2:3 (1:0) | DAN |
| 10/09 | Solna | ALB | 3:0 (1:0) | MAL |
| 11/10 | Budapest | UNG | 2:0 (0:0) | ALB |
| 11/10 | Solna | SVE | 0:0 | POR |
| 11/10 | Copenhagen | DAN | 3:0 (2:0) | MAL |
| 15/10 | Ta' Qali | MAL | 0:1 (0:1) | UNG |
| 15/10 | Braga | POR | 0:0 | ALB |

Grupp 1

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Danimarka | 3 | 2 | 1 | 0 | 7 |
| Ungerija | 4 | 2 | 1 | 1 | 7 |
| Portugall | 4 | 1 | 2 | 1 | 5 |
| Albanija | 4 | 1 | 2 | 1 | 5 |
| Svezja | 3 | 1 | 2 | 0 | 5 |
| Malta | 4 | 0 | 0 | 4 | 0 |

## Grupp 2

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/09 | Tiraspol | MOL | 1:2 (1:2) | LAT |
| 06/09 | Luxembourg | LUS | 0:3 (0:2) | GRE |
| 06/09 | Ramat Gan | IŻR | 2:2 (0:1) | SVI |
| 10/09 | Zurich | SVI | 1:2 (1:1) | LUS |
| 10/09 | Chisinau | MOL | 1:2 (1:2) | IŻR |
| 10/09 | Riga | LAT | 0:2 (0:1) | GRE |
| 11/10 | Luxembourg | LUS | 1:3 (1:1) | IŻR |
| 11/10 | St. Gall | SVI | 2:1 (0:0) | LAT |
| 11/10 | Piraeus | GRE | 3:0 (2:0) | MOL |
| 15/10 | Riga | LAT | 1:1 (0:0) | IŻR |
| 15/10 | Luxembourg | LUS | 0:0 | MOL |
| 15/10 | Piraeus | GRE | 1:2 (0:1) | SVI |

Grupp 2

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Greċja | 4 | 3 | 0 | 1 | 9 |
| Iżrajel | 4 | 2 | 2 | 0 | 8 |
| Svizzera | 4 | 2 | 1 | 1 | 7 |
| Latvja | 4 | 1 | 1 | 2 | 4 |
| Lussemburgu | 4 | 1 | 1 | 2 | 4 |
| Moldova | 4 | 0 | 1 | 3 | 1 |

## Grupp 3

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/09 | Wroclaw | POL | 1:1 (1:1) | SLO |
| 06/09 | Bratislava | SLO | 2:1 (0:0) | IRL |
| 10/09 | Belfast | IRL | 0:0 | RCE |
| 10/09 | Serravalle | SMA | 0:2 (0:1) | POL |
| 10/09 | Maribor | SLO | 2:1 (1:0) | SLO |
| 11/10 | Chorzow | POL | 2:1 (1:0) | RCE |
| 11/10 | Serravalle | SMA | 1:3 (1:2) | SLO |
| 11/10 | Maribor | SLO | 2:0 (0:0) | IRL |
| 15/10 | Teplice | RCE | 1:0 (0:0) | SLO |
| 15/10 | Belfast | IRL | 4:0 (2:0) | SMA |
| 15/10 | Bratislava | SLO | 2:1 (0:0) | POL |
| 19/11 | Serravalle | SMA | | RCE |

Grupp 3

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Slovakja | 4 | 3 | 0 | 1 | 9 |
| Polonja | 4 | 2 | 1 | 1 | 7 |
| Slovenja | 4 | 2 | 1 | 1 | 7 |
| Irlanda ta' Fuq | 4 | 1 | 1 | 2 | 4 |
| Rep. Ċeka | 3 | 1 | 1 | 1 | 4 |
| San Marino | 3 | 0 | 0 | 3 | 0 |

## Grupp 4

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/09 | Tirana | ALB | 0:0 | SVE |
| 06/09 | Cardiff | WAL | 1:0 (0:0) | AZE |
| 06/09 | Vaduz | LIE | 0:6 (0:1) | ĠER |
| 10/09 | Moska | RUS | 2:1 (1:0) | WAL |
| 10/09 | Helsinki | FIL | 3:3 (2:2) | ĠER |
| 10/09 | Baku | AZE | 0:0 | LIE |
| 11/10 | Helsinki | FIL | 1:0 (0:0) | AZE |
| 11/10 | Cardiff | WAL | 2:0 (1:0) | LIE |
| 11/10 | Dortmund | ĠER | 2:1 (2:0) | RUS |
| 15/10 | Moska | RUS | 3:0 (1:0) | FIL |
| 15/10 | Moenchengladbach | ĠER | 1:0 (0:0) | WAL |

Grupp 4

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Ġermanja | 4 | 3 | 1 | 0 | 10 |
| Russja | 3 | 2 | 0 | 1 | 6 |
| Wales | 4 | 2 | 0 | 2 | 6 |
| Fillandja | 3 | 1 | 1 | 1 | 4 |
| Azerbaijan | 3 | 0 | 1 | 2 | 1 |
| Liechtenstein | 3 | 0 | 1 | 2 | 1 |

## Grupp 5

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/09 | Liege | BEL | 3:2 (1:0) | EST |
| 06/09 | Yerevan | ARM | 0:2 (0:0) | TUR |
| 06/09 | Murcia | SPA | 1:0 (0:0) | BOS |
| 10/09 | Zenica | BOS | 7:0 (2:0) | EST |
| 10/09 | Istanbul | TUR | 1:1 (0:1) | BEL |
| 10/09 | Albacete | SPA | 4:0 (2:0) | ARM |
| 11/10 | Brussel | BEL | 2:0 (2:0) | ARM |
| 11/10 | Istanbul | TUR | 2:1 (0:1) | BOS |
| 11/10 | Tallinn | EST | 0:3 (0:2) | SPA |
| 15/10 | Zenica | BOS | 4:1 (2:0) | ARM |
| 15/10 | Brussel | BEL | 1:2 (1:1) | SPA |
| 15/10 | Tallinn | EST | 0:0 | TUR |

Grupp 5

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | 4 | 4 | 0 | 0 | 12 |
| Turkija | 4 | 2 | 2 | 0 | 8 |
| Belġju | 4 | 2 | 1 | 1 | 7 |
| Bosnija-Herz. | 4 | 2 | 0 | 2 | 6 |
| Estonja | 4 | 0 | 1 | 3 | 1 |
| Armenja | 4 | 0 | 0 | 4 | 0 |

## Grupp 6

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 20/08 | Almaty | KAZ | 3:0 (3:0) | AND |
| 06/09 | Barcelona | AND | 0:2 (0:0) | ING |
| 06/09 | Lviv | UKR | 1:0 (0:0) | BEL |
| 06/09 | Zagreb | KRO | 3:0 (2:0) | KAZ |
| 10/09 | Andorra La Vella | AND | 1:3 (0:1) | BEL |
| 10/09 | Zagreb | KRO | 1:4 (0:1) | ING |
| 10/09 | Almaty | KAZ | 1:3 (0:1) | UKR |
| 11/10 | Londra | ING | 5:1 (0:0) | KAZ |
| 11/10 | Kiev | UKR | 0:0 | KRO |
| 15/10 | Minsk | BEL | 1:3 (1:1) | ING |
| 15/10 | Zagreb | KRO | 4:0 (2:0) | AND |

Grupp 6

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Ingilterra | 4 | 4 | 0 | 0 | 12 |
| Kroazja | 4 | 2 | 1 | 1 | 7 |
| Ukrajna | 3 | 2 | 1 | 0 | 7 |
| Belarus | 3 | 1 | 0 | 2 | 3 |
| Kazakhstan | 4 | 1 | 0 | 3 | 3 |
| Andorra | 4 | 0 | 0 | 4 | 0 |

## Grupp 7

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/09 | Belgrad | SER | 2:0 (1:0) | FAR |
| 06/09 | Vjenna | AWS | 3:1 (2:0) | FRA |
| 06/09 | Cluj | RUM | 0:3 (0:1) | LIT |
| 10/09 | Torshavn | FAR | 0:1 (0:0) | ROM |
| 10/09 | Saint-Denis | FRA | 2:1 (0:0) | SER |
| 10/09 | Marijampole | LIT | 2:0 (0:0) | AWS |
| 11/10 | Belgrad | SER | 3:0 (2:0) | LIT |
| 11/10 | Torshavn | FAR | 1:1 (0:0) | AWS |
| 11/10 | Constanta | RUM | 2:2 (2:1) | FRA |
| 15/10 | Kaunas | LIT | 1:0 (1:0) | FAR |
| 15/10 | Vjenna | AWS | 1:3 (0:3) | SER |

Grupp 7

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Serbja | 4 | 3 | 0 | 1 | 9 |
| Litwanja | 4 | 3 | 0 | 1 | 9 |
| Franza | 3 | 1 | 1 | 1 | 4 |
| Awstrija | 4 | 1 | 1 | 2 | 4 |
| Rumanija | 3 | 1 | 1 | 1 | 4 |
| Gżejjer Faroe | 4 | 0 | 1 | 3 | 1 |

## Grupp 8

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/09 | Mainz | ĠEO | 1:2 (0:1) | IRL |
| 06/09 | Podgorica | MON | 2:2 (0:1) | BUL |
| 06/09 | Larnaca | ĊIP | 1:2 (1:1) | ITA |
| 10/09 | Podgorica | MON | 0:2 (0:1) | IRL |
| 10/09 | Udine | ITA | 2:0 (1:0) | ĠEO |
| 11/10 | Tbilisi | ĠEO | 1:1 (0:0) | ĊIP |
| 11/10 | Sofia | BUL | 0:0 | ITL |
| 15/10 | Tbilisi | ĠEO | 0:0 | BUL |
| 15/10 | Dublin | IRL | 1:0 (1:0) | ĊIP |
| 15/10 | Lecce | ITL | 2:1 (2:1) | MON |

Grupp 8

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Italja | 4 | 3 | 1 | 0 | 10 |
| Rep. Irlanda | 3 | 2 | 1 | 0 | 7 |
| Bulgarija | 3 | 0 | 3 | 0 | 3 |
| Montenegro | 3 | 0 | 2 | 1 | 2 |
| Ġeorgja | 4 | 0 | 2 | 2 | 2 |
| Ċipru | 3 | 0 | 1 | 2 | 1 |

## Grupp 9

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06/09 | Skopje | MAĊ | 1:0 (1:0) | SKO |
| 06/09 | Oslo | NOR | 2:2 (1:1) | ISL |
| 10/09 | Reykjavik | ISL | 1:2 (0:1) | SKO |
| 10/09 | Skopje | MAĊ | 1:2 (0:0) | OLA |
| 11/10 | Glasgow | SKO | 0:0 | NOR |
| 11/10 | Rotterdam | OLA | 2:0 (1:0) | ISL |
| 15/10 | Reykjavik | ISL | 1:0 (1:0) | MAĊ |
| 15/10 | Oslo | NOR | 0:1 (0:0) | OLA |

Grupp 9

| KLASSIFIKA | L | R | D | T | Pti |
|---|---|---|---|---|---|
| Olanda | 3 | 3 | 0 | 0 | 9 |
| Skozja | 3 | 1 | 1 | 1 | 4 |
| Islanda | 4 | 1 | 1 | 2 | 4 |
| Maċedonja | 3 | 1 | 0 | 2 | 3 |
| Norveġja | 3 | 0 | 2 | 1 | 2 |

# €asy Money



Malta mhijiex eċċezzjoni. F'pajjiżna kollox possibbli bħal f'kull pajjiż ieħor. Għaddejna minn gwerer, iġġilidna għall-Indipendenza u kif ukoll irbaħna Assedju. Dawn kollha ġrajjiet li se jibqgħu fl-istorja ta' pajjiżna. Bħal ma huma ġrajjiet il-fatti l-oħra li jseħħu ta' kuljum fi gżiritna. Forsi qabel konna nitkażaw b'xi fatt gravi, illum kull aħbar ma tqajjimx daqshekk reazzjoni, qisna drajna nisimgħu u naraw minn kollox.

Forsi l-kultura bdiet tinbidel u sar aktar faċli tikxef il-borom, speċjalment dawk jaħarqu. Fl-aħħar bdejna nneħħu l-biżgħa. Min x'hiex għandna nibżgħu nitkellmu? Għalfejn diffiċli li toħroġ għonqok biex twassal il-verità? Li hu żgur hu li jekk titkellem se tiġġieled ma' xi wħud, iżda min-naħa l-oħra tirbaħ rispett mingħand ħafna aktar.

Ftit xhur ilu u għall-ewwel darba f'pajjiżna żewġ maġistrati ġew mixlijin b'tixħim. Akkuża serja. Nies korrotti? Il-korruzzjoni ilha teżisti minn żmien Ġesu Kristu, wieħed minn ta' ġewwa kien ittradieh. L-aħħar każ oriġinali li jinsab fuq fomm kulħadd jirrigwardja kowċ Albaniż u referee Malti. Nies li bħalna għandhom funzjoni fl-isport, u x'funzjoni!!

Nies li spiċċaw akkużati b'tixħim. U tixħim xi jfisser? Ifisser xi jfisser, il-konklużjoni wara kollox hija €asy Money. Flus faċli. Ladarba inqbadt fix-xibka diffiċli toħroġ, għaliex meta l-flus takkwistahom mingħajr daqshekk tbatija u b'frekwenza, qisek int stess l-anqas tkun trid toħroġ u minn vittma tispiċċa tibda tieħu gost fiċ-ċirku.

F'90 minuta, fl-isport tal-futbol, tista' tagħmel fortuna wara l-oħra. Dejjem jekk kollox jiġik sew, dejjem jekk dawk li jkunu fl-ixkora jżommu l-kelma u l-aktar importanti li jidħol ir-riżultat. Kollox bħal qabel... fil-passat kien isir kollox bil-kelma, illum il-kelma baqgħet tgħodd, li nbidel, anzi, li żdied huwa l-logħob ta' l-imħatri mill-kumdità tad-dar. U milli jidher dan il-logħob qiegħed jitfa' dubji kbar fuq ir-riżultati finali tal-logħbiet. L-imħatri legali jew aħjar l-internet betting u għalkemm l-ebda referee, kowċ, uffiċjal jew plejer ma jista' jittanta xortih, huma wisq ta' tentazzjoni.

Il-UEFA diġà bdiet taħdem biex trażżan l-abbuż. Il-FIFA l-istess. It-tentazzjoni ta' l-€asy Money hija bħal mara sabiħa li twaqqgħek u għalkemm tkun taf il-konsegwenzi li dik l-għażla ġġib magħha, xorta waħda l-entużjażmu li timla l-but f'qasir żmien jegħleb kull prinċipju. U meta l-prinċipji ma jibqgħux jiġu mħarsa, tintilef id-dinjità u l-ħażin isir normali. Fil-ħajja f'kollox hekk u fl-isport mhux eċċezzjoni. Il-ħażin jirkbek u tinsa min int u tinsa r-responsabbilitajiet tiegħek ukoll.

stephengatt.com
FREELANCE SPORTS PHOTOGRAPHER

minn Björn Vassallo

# Fair Play

Kowċ u Referee. Taħraq mhux ftit. Sallum ħadd ma jista' jiġġudika, iżda kif jgħid il-Malti – "il-qasba ma ċċaqċaqx għal xejn." Nies ta' prinċipju, suppost mudelli ta' min jimxi fuqhom… minflok akkużati b'korruzzjoni. Aktar minn hekk, ir referee fuq il-panel tal-FIFA, jiġifieri fuq sidru jkollu l-arma tal-MFA meta jirrappreżenta lil Malta f'livell internazzjonali.

Hu daqskemm hu faċli timla l-but fi ftit minuti, fl-istess ħin faċli wkoll tkisser dak kollu li bnejt madwarek matul dawn l-aħħar snin. Kollox jaqa', il-karriera, il-kredibbilità, ir-relazzjoni mal-ħbieb u tispiċċa waħdek imdawwar b'att talmistħija u mifni b'sitwazzjoni li taf tfisser ħabs, għaliex meta tidħol fin-nofs il-pulizija ma tistax iddur lura għax mal-liġi ma hemmx ċajt. Min jilgħab man-nar jinħaraq. U mhux hu biss. Miegħu jaħraq lil dawk ta' madwaru, il-familja u l-kollegi, dawk li ma għandhom xejn x'jaħtu. F'dawn il-mumenti vulnerabbli ma hemmx kliem ieħor biex itaffi ftit mid-disperazzjoni li taħkem, għajr dawk ta' dispjaċir u li għada tisbaħ ġurnata aħjar. U kull att fih konsegwenza, u kull konsegwenza tħalli vittma. Min jaf kemm kien hawn vittmi ta' din ix-xorta?

Wara kulħadd bravu. Id-dellijiet qishom sħab, jibdew jiġru u jdallmu kull kantuniera. Tisma' lil dak jgħid mod u lill-ieħor ilissen mod ieħor. Min b'sodisfazzjon, min biex iweġġa' u min għax vittma u għadu jħossu mweġġa'. Għall-vittmi iddubju ma jorqodx, anzi jibqa' jidwi fost l-irwifen ta' Ta' Qali.

Qalu … mela għalhekk dawk ir-riżultati strambi… għalhekk dik il-karta safra u dik it-tkeċċija, forsi għalhekk dik il-bidla u mhux l-oħra. Ġara x'ġara u kien x'kien il konsolazzjoni trid tkun dik li aħjar issa milli qatt. Mhux faċli tniżżilha jekk tkun vittma, iżda kollox jgħaddi u suppost kulħadd jeħodha b'tagħlima.

L-atti anti-sportivi fid-dinja saru affarijiet ta' kuljum. Fl-aħħar f'pajjiżna l-atti kuraġġużi wkoll qegħdin jieħdu din ix-xejra. Kellu bżonn nimxu bi professjonalità f'dan ir rigward, iżda sfortunatament f'pajjiżna fl-isport u madwaru ftit nistgħu nitkellmu fuq professjonaliżmu.

Dawn huma każi diffiċli, mhux ta' kemm iddur il-kantuniera u ħallejt kollox warajk u min joħroġ għonqu għall-ġid tal-futbol Malti għandu jkun issalvagwardjat u mhux espost beraħ quddiem kulħadd.

Jekk jiġri hekk kif ġara f'dan il-każ, żgur li l-ebda każ ieħor ma għandu ċans joħroġ u l-bejta tibqa' hemm. Mhux faċli tikxef, aħseb u ara tikxef u tinkixef. Mela f'ġieħ is-sewwa ejja nkunu serji f'kollox u jekk xejn dan il-każ ikun serva biex dawk li mhux jorqdu bil-biżgħa u t-twerwir li isimhom għadu fil-bott tal-wirdien, jitgħallmu jagħżlu l-FAIR PLAY flok l-€ASY MONEY u dan qabel ikun tard wisq!



maltafootball.com


Paul Fenech (Birkirkara) jilħaq qabel Priso Doding (Valletta)


Massimo Grima (Qormi) jantiċipa lil Marco Aurelio (Msida SJ)

## PREMIER

**Logħba Nru 21 – 26.09.2008 - 19.30 hrs**

**Birkirkara** 2
S. Bajada 3, P. Fenech 29

**Valletta** 2
D. Falzon 5, N. Priso 28

HT 2-2 **National Stadium**

**B'Kara** – Omar Borg, Joseph Zerafa, Paul Fenech, Emil Yantchev, Ronni Hartvig, George Mallia, William Sander Landim (Martin Anastasi 67), Shaun Bajada, Alan Tabone (Jonathan Holland 81), Angus Buhagiar (Michael Galea 88), Jean Pierre Mifsud Triganza
*Coach* – John Buttigieg

**Valletta** – Andrew Hogg, Kenneth Scicluna, Josef Mif-sud, Luke Dimech, Dyson Falzon, David Camilleri, Stefan Giglio (Justin Grioli 65), Jamie Pace, Gilbert Agius, Edmond Agius (Marcelo Tolomeotti 83), Njongo Priso
*Coach* – Paul Zammit

Referee – Chris Lautier
Assistenti – Konrad Borg, Joe Camilleri
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – K. Scicluna, N. Priso, G. Agius (V); J. Holland (B)

## PREMIER

**Logħba Nru 22 – 27.09.2008 - 16.00 hrs**

**Msida St. Joseph** 1
P. Dos Santos Calcado 31

**Qormi** 1
A. Effiong 45

HT 1-1 **National Stadium**

**Msida SJ** – Matthew Camilleri, Stefano Grima, Andrew Spiteri, Tyrone Farrugia (Elliot Navarro 89), Stacey Vella (Kenneth Spiteri 63), Adrian Farrugia, Andre Rocha Da Silva, Pedro Dos Santos Calcado, Kurt Magro (Dino Cachia 81), Chris Camilleri, Marcos Aurelio
*Coach* – Patrick Curmi

**Qormi** – Reuben Gauci, Rennie Forace, Ramon Dos Santos, Massimo Grima, Alfred Effiong, Joseph Farrugia (Anatole Debono 79), Shawn Tellus, Roderick Sammut, Keith Fenech (Joseph Chetcuti 83), Josevan Da Silva, Chucks Nwoko (Carmel Formosa 59)
*Coach* – Jesmond Zerafa

Referee – Paul Caruana
Assistenti – Edward Spiteri, Glenn Tonna
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – A. Farrugia, A.R. Da Silva, S. Vella (MSJ); J. Farrugia, R. Sammut, R. Forace (Q)

## PREMIER

**Logħba Nru 23 – 27.09.2008 - 18.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 1
D.M. Bueno 71

**Hamrun Spartans** 1
D.A. Cucciardi 83

HT 0-0 **National Stadium**

**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Steve Sadowski (Pio Sciriha 86), Lino Galea, Manuel Caruana, Ivan Carapic, Warren Chircop, Ramon Schembri, Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien, Kevin Borg (Mark Tanti 59), Rodrigo Mariano Cariaga
*Coach* – Noel Coleiro

**Hamrun S.** – Sean Sullivan, Zoran Levnaic, Aaron Attard, Ronaldo Ortega (Diego Cucciardi 65), Roderick Fenech (Stefan Sultana 89), Ryan Fenech, Rupert Mangion, Alex Noronha, Gaetan Spiteri (Steve Meilak 81), Dylan Kokavessis, Manolito Micallef
*Coach* – Marco Gerada

Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Charles Micallef, Malcolm Mercieca
Raba' Uff. – Saviour Tanti
Ammoniti – Z. Levnaic (HS); I. Carapic (TR)

## PREMIER

**Logħba Nru 24 – 28.09.2008 - 16.00 hrs**

**Floriana** 3
M. Briffa 26, O. Anonam 45, 93

**Marsaxlokk** 1
M. Barbara 13

HT 2-1 **National Stadium**

**Floriana** – Dejan Maksic, Duncan Pisani, Clyde Camoin, Julian Briffa, Sunday Eboh, Joseph Borg (Mark Gauci 61), Pablo Doffo, Orosco Anonam, Marlon Briffa, Christian Caruana (Dylan Zarb 70), Ryan Darmanin (Aleksandar Madzar 84)
*Coach* – Zoran Popovic

**M'Xlokk** – Saviour Darmanin, Malcolm Licari (Renato Conceicao 46), William Camenzuli (Arnold Buttigieg 75), Brian Said, Clive Brincat, Carlo Mamo, Mark Barbara, Peter Pullicino, Gareth Sciberras, Claude Mattocks, Stephen Wellman
*Coach* – Brain Talbot

Referee – Marco Borg
Assistenti – Ingmar Spiteri, Alan Camilleri
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – G. Sciberras (M); P. Doffo, J. Briffa, S. Eboh, M. Gauci (F)


Manuel Caruana (Tarxien R.) ibiegħed il-periklu kontra Hamrun S.


Julian Briffa (Floriana) jattakka lil Marcelo Pereira (M'Xlokk)

mfa.com.mt


Henry Bonello (Sliema W.) f'titjira spettakolari kontra Hibernians


Michael Galea (B'Kara) jiddefendi l-ballun minn Mano Micallef (Hamrun S.)

## PREMIER

**Logħba Nru 25 – 28.09.2008 - 18.00 hrs**

**Hibernians** 2
C. Callejas 16, J. Caruana 71
**Sliema Wanderers** 3
K. Bjedov 29, 68, D. Severino 91
HT 1-1 **National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Jonathan Caruana, Edward Herrera, Adrian Pulis (Leighton Grech 83), Aaron Xuereb, Kurt Formosa (Tristan Caruana 66), Clayton Failla, Christian Callejas, Jonathan Pearson, Alexis Tekumu Mbongo, Terence Scerri
*Coach* – Mark Miller

**Sliema W.** – Henry Bonello, Alex Muscat, Branko Nisevic, Kosta Bjedov (Noel Turner 82), Matthew Bartolo, Jeffrey Chetcuti, Ivan Woods (John Mintoff 89), Ian Ciantar, Julian Vella (Daniel Severino 60), Roderick Bajada, Roderick Bajada
*Coach* – Stephen Azzopardi

Referee – Anton Zammit
Assistenti – Philip Agius, Mariano Debono
Raba' Uff. – B. Nisevic, A. Muscat (SW); J. Pearson (H)

## PREMIER

**Logħba Nru 26 – 03.10.2008 - 19.30 hrs**

**Hamrun Spartans** 0
**Birkirkara** 1
A. Buhagiar 32
HT 0-1 **National Stadium**

**Hamrun S.** – Michael Falzon, Zoran Levnajic, Aaron Attard, Ronaldo Ortega (Neville Galea 57), Steve Meilak, Roderick Fenech, Ryan Fenech, Rupert Mangion, Gaetan Spiteri (Diego Armando Cucciardi 46), Dylan Kokavessis, Manolito Micallef (Stefan Sultana 70)
*Coach* – Marco Gerada
**B'Kara** – Omar Borg, Paul Fenech, Jean Pierre Mifsud Triganza, Michael Galea (Alan Tabone 75), William Sander Landim (Martin Anastasi 63), Ronni Hartvig, Shaun Bajada, Joseph Zerafa, Angus Buhagiar (Thomas Paris 87), George Mallia, Emil Yanchev
*Coach* – John Buttigieg
Referee – Saviour Tanti
Assistenti – Philip Agius, Paul Apap
Raba' Uff. – Paul Caruana
Ammoniti – R. Hartvig (B); Rod. Fenech, R. Fenech, D. Cucciardi, A. Attard, Z. Levnaic (HS)

## PREMIER

**Logħba Nru 27 – 04.10.2008 - 16.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 4
R. Briffa 2, I. Woods 22, K. Bjedov 24, I. Azzopardi 56
**Tarxien Rainbows** 2
D. M. Bueno 26, 44
HT 3-2 **National Stadium**

**Sliema W.** – Henry Bonello, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Branko Nisevic, Kosta Bjedov (Noel Turner 76), Matthew Bartolo, Jeffrey Chetcuti (Clifton Ciantar 86), Ivan Woods, Ian Ciantar (Daniel Severino 57), Roderick Bajada, Roderick Briffa
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Steve Sadowski (Omar Grech 46), Lino Galea, Manuel Caruana, Ivan Carapic, Warren Chircop (Michael Zammit 69), Mark Tanti, Ramon Schembri, Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien (Pio Sciriha 59), Rodrigo Martin Cariaga
*Coach* – Noel Coleiro
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Alan Camilleri, Gordon Barbara
Raba' Uff. – Marco Borg
Ammoniti – R. Cariaga, W, Chircop (TR)

## PREMIER

**Logħba Nru 28 – 04.10.2008 - 18.00 hrs**

**Marsaxlokk** 2
M. Pereira 51, M. Licari 57
**Hibernians** 3
J. P. Farrugia 27, A.Pulis 74, T. Scerri 83
HT 0-1 **National Stadium**

**M'Xlokk** – Reuben Debono, Malcolm Licari, Carlo Mamo, Gareth Sciberras, Renato Conceicao, Brian Said, Stephen Wellman, Mark Barbara (Peter Pullicino 52) (Claude Mattocks 88), Clive Brincat (Arnold Buttigieg 37), Marcelo Pereira, Christian Cassar
*Coach* – Brian Talbot
**Hibernians** – Mario Muscat, Jonathan Caruana, Edward Herrera, Adrian Pulis, Aaron Xuereb, Jonathan Pearson (Triston Caruana 89), Clayton Failla, Chrstian Callejas, Terence Scerri, Jean Paul Farrugia, Alexis Tekumu Mbongo
*Coach* – Mark Miller
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Edward Spiteri, Charles Micallef
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – G. Sciberras, C. Mamo (M); A. Pulis (H)



Matthew Bartolo (Sliema W.) jipprova jaqbeż lil Anthony Curmi (Tarxien R.)


Mario Muscat (Hibernians) jinnewtralizza lil Mark Barbara (Marsaxlokk)

mfa.com.mt



Attakk ta' Floriana fuq il-lasti ta' Qormi



Pedro Calcado (Msida SJ) issikkat minn Dyson Falzon (Valletta)

## PREMIER

**Logħba Nru 29 – 05.10.2008 - 16.00 hrs**

**Qormi** 0

**Floriana** 0

**National Stadium**

**Qormi** – Reuben Gauci, Rennie Forace, Ramon Dos Santos, Massimo Grima, Alfred Effiong, Joseph Chetcuti (Carmel Formosa 87), Joseph Farrugia, Roderick Sammut, Keith Fenech, Josevan Da Silva (Adrian Ciantar 79), Paul Camilleri

*Coach* – Jesmond Zerafa

**Floriana** – Dejan Maksic, Sunday Eboh, Julian Briffa, Clyde Camoin, Duncan Pisani, Mark Gauci (Ryan Darmanin 69), Pablo Doffo, Marlon Briffa (Roberto Brincat 58), Orosco Anonam, Aleksandar Madzar, Joseph Borg (Luke Agius 75)

*Coach* – Zoran Popovic

**Referee** – Clayton Pisani

**Assistenti** – Joe Camilleri, Jurgen Spiteri

**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant

**Ammoniti** – J. Chetcuti, M. Grima (Q); O. Anonam, S. Eboh (F)

## PREMIER

**Logħba Nru 30 – 05.10.2008 - 18.00 hrs**

**Valletta** 2

N. Priso 11, G. Agius 71

**Msida St. Joseph** 1

K. Magro 37

HT 1-1 **National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Edmond Agius, Josef Mifsud (Ian Zammit 46), Kenneth Scicluna, David Camilleri, Jamie Pace, Gilbert Agius, Luke Dimech, Njongo Priso (Stefano Giglio 87), Dyson Falzon, Marcelo Tolomeotti (Cleavon Frendo 56)

*Coach* – Paul Zammit

**Msida SJ** – Matthew Camilleri, Stefano Grima (Mark Camilleri 83), Andrew Spiteri, Kenneth Spiteri, Stacey Vella, Tyrone Farrugia, Adrian Farrugia, Andre Rocha Da Silva, Chris Camilleri (Marcos Aurelio 64), Pedro Dos Santos Calcado, Kurt Magro (Elliot Navarro 75)

*Coach* – Patrick Curmi

**Referee** – Adrian Azzopardi

**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Mariano Debono

**Raba' Uff.** – Kevin Azzopardi

**Ammoniti** – L. Dimech (V); A. Farrugia, S. Grima, P. Calcado (MSJ)

## PREMIER

**Logħba Nru 31 – 18.10.2008 - 15.00 hrs**

**Floriana** 2

O. Anonam 19, R. Darmanin 62

**Hibernians** 1

A. Cohen 78 pen

HT 1-0 **National Stadium**

**Floriana** – Dejan Maksic, Sunday Eboh, Julian Briffa, Duncan Pisani, Clyde Camoin, Pablo Doffo, Luke Agius, Joseph Borg (Mark Gauci 67), Orosco Anonam, Christian Caruana (Dylan Zarb 81), Ryan Darmanin (Marlon Briffa 88)

*Coach* – Zoran Popovic

**Hibernians** – Mario Muscat, Edward Herrera, Timothy Fleri Soler, Jonathan Caruana, Jonathan Pearson (Leighton Grech 87), Christian Callejas, (Elkien Cauchi 46), Alexis Tekumu Mbongo, Andrew Cohen, Clayton Failla, Terence Scerri, Jean Paul Farrugia (Triston Caruana 69)

*Coach* – Mark Miller

**Referee** – Adrian Azzopardi

**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Konrad Borg

**Raba' Uff.** – Saviour Tanti

**Ammoniti** – J. Pearson (H); L. Agius, C. Camoin, S. Eboh, D. Maksic (F)

## PREMIER

**Logħba Nru 32 – 18.10.2008 - 17.00 hrs**

**Msida St. Joseph** 3

M. Aurelio 74, 89, T. Farrugia 84

**Hamrun Spartans** 2

M. Micallef 27, D. Kokavessis 34

HT 0-2 **National Stadium**

**Msida SJ** – Matthew Camilleri, Stefano Grima, Andrew Spiteri, Kenneth Spiteri (Stacey Vella 46), Tyrone Farrugia, Adrian Farrugia, Dino Cachia (Mark Camilleri 67), Andre Rocha Da Silva, Chris Camilleri, Pedro Dos Santos Calcado, Kurt Magro (Marcos Aurelio 46)

*Coach* – Patrick Curmi

**Hamrun S.** – Michael Falzon, Zoran Levnaic, Aaron Attard, Roderick Fenech, Steve Meilak (Stefan Sultana 83), Ryan Fenech, Rupert Mangion (Lee James Agius 42), Karl Magro (Neville Galea 61), Gaetan Spiteri, Dylan Kokavessis, Manolito Micallef

*Coach* – Marco Gerada

**Referee** – Marco Borg

**Assistenti** – Joe Camilleri, Edward Spiteri

**Raba' Uff.** – Paul Caruana

**Ammoniti** – Z. Levnaic, G. Spiteri, M. Micallef (HS); A. Farrugia, T. Farrugia, P. Calcado (MSJ)

**Tkeċċew** – A. Rocha Da Silva 48 (MSJ); G. Spiteri 80 (HS)



Aaron Attard (Hamrun) u Adrian Farrugia (Msida) fi dwell għall-ballun



Jean Pierre Mifsud Triganza u Paul Fenech jiċċelebraw wara wieħed mill-goals kontra Sliema W.

mfa.com.mt



Edward Herrera (Hibernians) bil-ballun mgħasses minn Anonam u Camoin (Floriana)

**PREMIER**

**Logħba Nru 33 – 19.10.2008 - 15.00 hrs**

| | |
|---|---|
| **Tarxien Rainbows** | **3** |
| D. M. Bueno 72, 83, 90 | |
| **Marsaxlokk** | **1** |
| M. Pereira 86 | |
| HT 0-0 **National Stadium** | |

**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Lino Galea, Manuel Caruana (Melvin Pisani 89), Ivan Carapic, Pio Sciriha, Warren Chircop (Omar Grech 76), Mark Tanti, Ramon Schembri, Daniel Mariano Bueno, Luke Vella Critien (Steve Sadowski 62), Rodrigo Martin Cariaga
*Coach* – Noel Coleiro
**M'Xlokk** – Reuben Debono, Malcolm Licari, Carlo Mamo, Gareth Sciberras (Peter Pullicino 55), Renato Conceicao (Claude Mattocks 60), Brian Said, Julio Alcorse, Steve Wellman (Mark Barbara 78), Clive Brincat, Marcelo Pereira, Christian Cassar
*Coach* – Brian Talbot
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Mariano Debono, Ingmar Spiteri
**Raba' Uff.** – Adrian Azzopardi
**Ammoniti** – P. Sciriha, R. Schembri (TR); J. Alcorse, B. Said, M. Licari (M)

**PREMIER**

**Logħba Nru 34 – 19.10.2008 - 17.00 hrs**

| | |
|---|---|
| **Birkirkara** | **4** |
| A. Buhagiar 45, J. P. Mifsud Triganza 52, 66, R. Hartvig 59 | |
| **Sliema Wanderers** | **2** |
| B. Nisevic 25, I. Woods 28 | |
| HT 1-2 **National Stadium** | |

**B'Kara** – Omar Borg, Thomas Paris (Patrick Borg 89), Shaun Bajada, Ronni Hartvig, Emil Yanchev, Angus Buhagiar, Jean Pierre Mifsud Triganza (Alan Tabone 88), George Mallia, Paul Fenech, William Sander Landim (Martin Anastasi 69), Michael Galea
*Coach* – John Buttigieg
**Sliema W.** – Henry Bonello, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Branko Nisevic, Kosta Bjedov (Clifton Ciantar 69), Matthew Bartolo (Julian Vella 76), Jeffrey Chetcuti (Roderick Bajada 55), Ivan Woods, Daniel Severino, Ian Ciantar, Roderick Briffa
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – Philip Agius, Konrad Borg
**Raba' Uff.** – Anton Zammit
**Ammoniti** – M. Galea (B); I. Woods (SW)




L-internazzjonali Gareth Sciberras (Marsaxlokk) fl-azzjoni kontra Tarxien

# Pedro Enrique Dos Santos Calcado

## Plejer tax-xahar Settembru 2008




L-erba' gowls li skorja Pedro Enrique Dos Santos Calcado matul ix-xahar ta' Settembru, tlieta minnhom fil-logħba li Msida lagħbu kontra Floriana, mhux biss għenu lill-plejer iwassal lit-tim tiegħu jikseb pożizzjoni aħjar fil-klassifika tal-BOV Premier League wara t-telfa kontra Hibernians f'Awwissu, iżda għenuh jirbaħ ukoll l-unur prestiġġjuż tal-'BOV Plejer tax-Xahar'.
L-attakkant ta' Msida għamel impatt immedjat matul l-ewwel erba' logħbiet u l-pożizzjoni tiegħu fost l-aqwa skorers b'ħames gowls juru l-bravura ta' dan il-plejer. L-andament pożittiv tiegħu huwa ta' vantaġġ kbir għat-tim.
Anthony Camilleri, Manager tal-fergħa tal-Bank of Valletta fl-Imsida, ippreżenta t-trofew tal-BOV Plejer tax-Xahar lill-plejer Dos Santos Calcado (ritratt) li rringrazzja lil sħabu fit-tim talli għenuh jiskroja l-gowls għat-tim. Huwa għażel lill-Creche ta' l-Ursolini fi G'Mangia biex igawdu mid-donazzjoi fi flus li l-BOV jorbot ma' dan l-unur.

mfa.com.mt

# Goals li ġew skurjati

| No. | Data | Plejer | Tim | | Avversarju | Rd | Ħin | Riżultat | Stadium |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 | 26.09.08 | SHAUN BAJADA | BIRKIRKARA | v | Valletta | 1 | 3 min | 1-0 | National Stadium |
| 54 | 26.09.08 | DYSON FALZON | VALLETTA | v | Birkirkara | 1 | 5 min | 1-1 | National Stadium |
| 55 | 26.09.08 | NJONGO PRISO | VALLETTA | v | Birkirkara | 1 | 28 min | 2-1 | National Stadium |
| 56 | 26.09.08 | PAUL FENECH | BIRKIRKARA | v | Valletta | 1 | 29 min | 2-2 | National Stadium |
| 57 | 27.09.08 | PEDRO DOS SANTOS CALCADO | MSIDA SJ | v | Qormi | 1 | 31 min | 1-0 | National Stadium |
| 58 | 27.09.08 | ALFRED EFFIONG | QORMI | v | Msida SJ | 1 | 45 min | 1-1 | National Stadium |
| 59 | 27.09.08 | DANIEL MARIANO BUENO | TARXIEN R. | v | Hamrun S. | 1 | 71 min | 1-0 | National Stadium |
| 60 | 27.09.08 | DIEGO ARMANDO CUCCIARDI | HAMRUN S. | v | Tarxien R. | 1 | 83 min | 1-1 | National Stadium |
| 61 | 28.09.08 | MARK BARBARA | MARSAXLOKK | v | Floriana | 1 | 13 min | 1-0 | National Stadium |
| 62 | 28.09.08 | MARLON BRIFFA | FLORIANA | v | Marsaxlokk | 1 | 26 min | 1-1 | National Stadium |
| 63 | 28.09.08 | OROSCO ANONAM | FLORIANA | v | Marsaxlokk | 1 | 45 min | 2-1 | National Stadium |
| 64 | 28.09.08 | OROSCO ANONAM | FLORIANA | v | Marsaxlokk | 1 | 93 min | 3-1 | National Stadium |
| 65 | 28.09.08 | CHRISTIAN CALLEJAS | HIBERNIANS | v | Sliema W. | 1 | 16 min | 1-0 | National Stadium |
| 66 | 28.09.08 | KOSTA BJEDOV | SLIEMA W. | v | Hibernians | 1 | 29 min | 1-1 | National Stadium |
| 67 | 28.09.08 | KOSTA BJEDOV | SLIEMA W. | v | Hibernians | 1 | 68 min | 2-1 | National Stadium |
| 68 | 28.09.08 | JONATHAN CARUANA | HIBERNIANS | v | Sliema W. | 1 | 71 min | 2-2 | National Stadium |
| 69 | 28.09.08 | DANIEL SEVERINO | SLIEMA W. | v | Hibernians | 1 | 91 min | 3-2 | National Stadium |
| 70 | 03.10.08 | ANGUS BUHAGIAR | BIRKIRKARA | v | Hamrun S. | 1 | 32 min | 1-0 | National Stadium |
| 71 | 04.10.08 | RODERICK BRIFFA | SLIEMA W. | v | Tarxien R. | 1 | 2 min | 1-0 | National Stadium |
| 72 | 04.10.08 | IVAN WOODS | SLIEMA W. | v | Tarxien R. | 1 | 22 min | 2-0 | National Stadium |
| 73 | 04.10.08 | KOSTA BJEDOV | SLIEMA W. | v | Tarxien R. | 1 | 24 min | 3-0 | National Stadium |
| 74 | 04.10.08 | DANIEL MARIANO BUENO | TARXIEN R. | v | Sliema W. | 1 | 26 min | 1-3 | National Stadium |
| 75 | 04.10.08 | DANIEL MARIANO BUENO | TARXIEN R. | v | Sliema W. | 1 | 44 min | 2-3 | National Stadium |
| 76 | 04.10.08 | IAN AZZOPARDI | SLIEMA W. | v | Tarxien R. | 1 | 56 min | 4-2 | National Stadium |
| 77 | 04.10.08 | JEAN PAUL FARRUGIA | HIBERNIANS | v | Marsaxlokk | 1 | 25 min | 1-0 | National Stadium |
| 78 | 04.10.08 | MARCELO PEREIRA | MARSAXLOKK | v | Hibernians | 1 | 51 min | 1-1 | National Stadium |
| 79 | 04.10.08 | MALCOLM LICARI | MARSAXLOKK | v | Hibernians | 1 | 57 min | 2-1 | National Stadium |
| 80 | 04.10.08 | ADRIAN PULIS | HIBERNIANS | v | Marsaxlokk | 1 | 74 min | 2-2 | National Stadium |
| 81 | 04.10.08 | TERENCE SCERRI | HIBERNIANS | v | Marsaxlokk | 1 | 83 min | 3-2 | National Stadium |
| 82 | 05.10.08 | NJONGO PRISO | VALLETTA | v | Msida SJ | 1 | 11 min | 1-0 | National Stadium |
| 83 | 05.10.08 | KURT MAGRO | MSIDA SJ | v | Valletta | 1 | 37 min | 1-1 | National Stadium |
| 84 | 05.10.08 | GILBERT AGIUS | VALLETTA | v | Msida SJ | 1 | 71 min | 2-1 | National Stadium |
| 85 | 18.10.08 | OROSCO ANONAM | FLORIANA | v | Hibernians | 1 | 19 min | 1-0 | National Stadium |
| 86 | 18.10.08 | RYAN DARMANIN | FLORIANA | v | Hibernians | 1 | 62 min | 2-0 | National Stadium |
| 87 | 18.10.08 | ANDREW COHEN | HIBERNIANS | v | Floriana | 1 | 78 pen | 1-2 | National Stadium |
## Il-Tieni ġurnata

**21-10-1950:**
**Valletta FC – Floriana FC 0-0**
Ref: Joe M. Cassar Naudi.

**Valletta FC:** George Zarb, Charlie Muscat, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Ċensu Muscat, Leli 'Goway' Curmi, Dr. George Degiorgio, Pawlu 'Puxu' Zammit, Ġużi Vassallo, Leli 'Pesa' Pace, Salvinu Schembri, Ġużi Scicluna.

**Floriana FC:** Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, Lino Farrugia, Tony Vella, Victor Farrugia, Benny Camilleri, Pullu Zarb, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

1. Floriana FC akkwistaw lil Pullu Zarb mingħand St. Andrew's FC fis-sajf. Zarb kien diġà plejer ta' Floriana sentejn qabel iżda ma kienx irnexxielu jidħol fl-ewwel tim.
2. Il-goalkeeper George Zarb kien qed jiddebutta mat-tim tal-Belt. Huwa kien ġie akkwistat mingħand Hibernians FC ġimgħa qabel.

**22-10-1950:**
**Sliema Wdrs. – St.George's FC 3-0**
**H.T 1-0**
Ref: William (Billy) Mock.
Skurjaw: N. Calleja (S) 22', M. Walsh (S) 54' u T. Nicholl (S) 77'.

**Sliema Wdrs. FC:** Lolly Rizzo, Emmanuel 'Id-Dijju' Borg, Lolly Cuschieri, Ġużi Cuschieri, Eddie Cole, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ninu Calleja, Louis Vigar, Maurice Walsh, Tony Nicholl, Joe Bonello.

**St.George's FC:** Jimmy Pearson, Ġużi Cachia,



Il-goalkeeper ta' Sliema W., Lolly Rizzo, fl-azzjoni fil-partita kontra Valletta 0-0 (11.02.1950)




Ġużi Pirotta (Hiberians) u Maurice Decesare (Sliema W.) f'taqtiegħa għall-ballun 0-4 (22.01.1950)

Albert Izzo, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Żaren Camilleri, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, George Flask, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Salvu Romolo.

1. 'Id-Dijju' Borg ta' Sliema Wanderers safa' mkeċċi wara biss sitt minuti logħob wara nċident ma' Salvu Romolo. Ftit ġranet wara kemm 'Id-Dijju' kif ukoll Romolo ġew sospiżi żewġ partiti kull wieħed.
2. Kwarta mit-tmiem George Flask ta' St. George's ta daqqa ġo wiċċ ir-referee Billy Mock wara li kien għadu kemm tkeċċa. Flask kien ġie sospiż sa tmiem l-istaġun 1951-52.

**28-10-1950:**
**Hamrun Sp. – St. Patrick FC 3-1**
**H.T 3-0**
Skurjaw: O. Gatt (HS), W. Mills (HS) 34', G. Psaila (HS) 40' u L. Gouder (St. Pat) 69'.

**Hamrun Sp. FC:** Ġużi 'Yumi' Bonnici, Ġużi Grech, Fredu Preca, Romeo Vassallo, Frans 'Tirjule' Borg, Arthur Mattocks, Gejtu 'Ħaċċa' Psaila, Toni 'Rumba' Dimech, Oscar Gatt, Willie Mills, Dr. Maurice Decesare.

**St. Patrick FC:** Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Frans Hole, W. Hole, C. Cassar, John 'Is-Sini' Cassar, Albert Scerri, Joe Bonnici, Leli Gouder, C. Spiteri, Anġlu 'Il-Wila' Cremona, John Azzopardi.

1. Willie Mills falla żewġ penalties għall-Ispartans. Fl-34 minuta, huwa skorja xorta waħda mir-rebound filwaqt li fl-40 minuta huwa laqat il-lasta l-wieqfa. Dan it-tieni penalty kien ġie mogħti wara li John Cassar kien qabad il-ballun b'idejh fil-penalty area għax ħaseb li t-throw-in ta' l-Ispartans kien ser jerġa' jingħata.
2. St. Patrick ħarġu għat-tieni taqsima b'għaxar plejers wara li l-goalkeeper Salvu Cassar weġġa' u ma setax ikompli l-partita. Minfloku daħal bejn il-lasti l-attakkant John Azzopardi li rnexxielu wkoll ma jsofrix goal.
3. Arthur Mattocks ta' l-Ispartans, ħu Charlie tal-Wanderers, kien qed jilgħab l-ewwel partita tiegħu fl-Ewwel Diviżjoni. Huwa però ma damx ma' l-Ispartans għaliex ftit ġranet wara kien ġie trasferit lil Msida Wolves fit-Tieni Diviżjoni.
4. Joe Bonnici iddebutta ma' St. Patrick FC. Qabel huwa kien plejer ta' Valletta FC u Sliema Wanderers filwaqt li fl-istaġun li għadda huwa lagħab ma' St. Andrew's FC. Ġużi Bonnici ieħor li kien qed jiddebutta kien il-goalkeeper tal-Ispartans li kien qed jieħu post Ġiġi Zammit li kien imsiefer.
5. 'Jumbo' Azzopardi ta' St. Patrick FC kien nieqes minn din il-partita minħabba li kien għadu qed jirkupra mill-injury li sofra ma' Floriana fl-ewwel ħarġa.
6. Ftit wara li St. Patrick naqqsu l-iskor il-partita kellha tieqaf għal madwar 20 minuta minħabba xita qawwija.

**01-11-1950:**
**Hibernians FC – St.Andrew's FC 2-0**
**H.T 1-0**
Skurjaw: Ġ. Pirotta (H) 20' u J. Xuereb (H) 49'.

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Gerada, Joe Xuereb, Fredu Church, John Came, Leli 'Likku' Saliba, Ġużi Pirotta.

**St.Andrew's FC:** Salvu Spiteri, George Borg, Piju Camilleri, Leli Portelli, Frans Scifo, Nenu Grech, Hector Muscat, Joe Pace, Eddie Sammut, Nenu 'Virgandin' Calleja, Alfred Whelpdale.

1. Frans Scifo tkeċċa fil-55 minuta wara li xejjer daqqa lil John Gatt. Tliet ġimgħat wara, Scifo kien ġie sospiż għal tliet logħbiet mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA.
2. Hibernians FC kellhom liż-żewġ Ingliżi Morgan u Dodds neqsin wara li ma ingħatawx il-permess biex jilagħbu mir-Royal Air Force.
3. St. Andrew's FC akkwistaw is-servizzi ta' Hector Muscat mingħand Mosta Athletics. Wara dan l-istaġun Muscat kien reġa' sieħeb lil Mosta u kellu karriera twila ma' dan il-klabb kemm bħala plejer kif ukoll fl-amministrazzjoni fejn serva bħala segretarju u president tal-club Mosti għal diversi snin. Huwa kien anke fil-Kunsill tal-MFA.

**Klassifika:** Hamrun Spartans u Hibernians FC 4 pti.; Floriana FC 3 pti.; Sliema Wdrs. FC u St.George's FC 2 pti.; Valletta FC 1 pt.; St.Andrew's FC u St. Patrick FC 0 pti.

**L-Aqwa Skorers:** P. Demanuele (Floriana FC) 3 goals; L. Borg (Floriana FC), G. Psaila u W. Mills (Hamrun Sp.) 2 goals.

It-Tielet ġurnata.

**04-11-1950:**
**St.George's FC – Hamrun Sp. 2-0**
**H.T 1-0**
Skurjaw: P. Farrugia (St. Geo) 35' u J. Grima (St. Geo) 60'.

**St. George's FC:** Jimmy Pearson, Karmenu Farrugia, Ġużi Bonavia, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Albert Izzo, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Pawlu Farrugia, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, J. Grima.

**Hamrun Sp. FC:** Ġużi 'Yumi' Bonnici, Dana Galea, Fredu Preca, Romeo Vassallo, Frans 'Tirjule' Borg, Arthur Mattocks, Arthur Calleja Urry, Toni 'Rumba' Dimech, Gejtu 'Ħaċċa' Psaila, George Jones, Dr. Maurice Decesare.

1. Wara seba' minuti logħob Gejtu Psaila xxuttja għoli mill-penalty spot.
2. Willie Mills ta' l-Ispartans kien nieqes minħabba li kien imweġġa'.

**05-11-1950:**
**Valletta FC – St.Andrew's FC 5-0**
**H.T 4-0**
Skurjaw: S. Schembri (V) 10' u 16', L. Pace (V) 23', ġ. Scicluna (V) 26' u P. Zammit (V) 87'.

**Valletta FC:** George Zarb, Charlie Muscat, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Lewis Calleja, Camilleri, Ċensu Muscat, Pawlu 'Puxu' Zammit, Ġużi Vassallo, Leli 'Pesa' Pace, Salvinu Schembri, Ġużi Scicluna.

**St.Andrew's FC:** Salvu Spiteri, George Borg, Piju Camilleri, Leli Portelli, Nenu Grech, Anthony Lombardo, Eddie Sammut, Frans Scifo, Ninu Briffa, Joe Pace, Nenu 'Virgandin' Calleja.

1. Lewis Calleja iddebutta ma' Valletta FC

wara li kien akkwistat fis-sajf mingħand Mosta Athletics.

**11-11-1950:**
**Sliema Wdrs – St. Patrick FC 2-1**
**H.T 2-0**
Ref: B.S.M Joseph Galea
Skurjaw: T. Nicholl (S) 37', L. Vigar (S) 39' u C. Spiteri (St. Pat).

**Sliema Wdrs. FC:** Lolly Rizzo, Ġużi Bonnici, Lolly Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Lieut. Sonny Borg Cardona, Ġużi Cuschieri, Ġużi 'Labre' Camilleri, Lewis Vigar, Maurice Walsh, Tony Nicholl, Charles Mattocks.

**St. Patrick FC:** Garrett, Frans Hole, W. Hole, John 'Is-Sini' Cassar, Albert Scerri, Borg, Joe Bonnici, Renu Azzopardi, C. Spiteri, Leli Gouder, Anġlu 'Il-Wila' Cremona.

1. Mal-Wanderers iddebuttaw Ġużi Bonnici u Charlie Mattocks. Bonnici, li lagħab għal snin twil ma' Sliema, kien tewmi ma' Michael li lagħab biss żewġ partiti mal-Wanderers fl-istaġun 1952-53. Ħuhom iż-żgħir, Salvu Bonnici, ukoll kellu karriera twila ma' Sliema wara li għamel id-debutt fl-istaġun 1954-55. Salvu Bonnici huwa missier Karl Bonnici li lagħab hu wkoll mal-Wanderers fis-snin disgħin. Id-debuttant l-ieħor Charlie Mattocks kien akkwistat lejn tmiem l-istaġun ta' qabel mingħand Msida Wolves u kien diġà lagħab mal-Wanderers fit-Trophy. Mattocks, li kien plejer tal-Malta Youths, kien mistenni jimla il-vojt li ħalla Dr. Maurice Decesare. Plejer ieħor tal-Malta Youths li ffirma mal-Wanderers kien Charles Gauci li ġie akkwistat mingħand Rabat FC. Gauci minkejja li lagħab ma' Sliema fix-Scicluna Cup ta' l-istaġun ta' qabel ma rnexxilux jidħol fl-ewwel tim u għamel ritorn ta' malajr ma' Rabat FC.

**12-11-1950:**
**Floriana FC – Hibernians FC 3-1**
**H.T 0-0**
Skurjaw: B. Camilleri (F) 49', P. Demanuele (F) 56', L. Saliba (H) 75' u P. Demanuele (F) 87'.

**Floriana FC:** Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Victor Farrugia, Benny Camilleri, Charles 'Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Gerada, Joe Xuereb, Fredu Church, Leli 'Likku' Saliba, Joe Vella, Ġużi Pirotta.

**Klassifika:** Floriana FC 5 pti.; Sliema Wdrs. FC, St.George's FC, Hibernians FC u Hamrun Sp. FC 4 pti.; Valletta FC 3pti.ġ St.Andrew's FC u St. Patrick FC 0 pti.

**L-Aqwa Skorers:** P. Demanuele (Floriana FC) 5 goals; L. Borg (Floriana FC); G. Psaila u W. Mills (Hamrun Sp.); S. Schembri (Valletta FC) u T. Nicholl (Sliema Wdrs) 2 goals.

## Ir-Raba' ġurnata

**18-11-1950:**
**Hibernians FC – Valletta FC 1-0**
**H.T 0-0**
Skorja: J. Xuereb (H) 62'.

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Gerada, Joe Xuereb, Fredu Church, Leli 'Likku' Saliba, John Came, Joe Pirotta.

**Valletta FC:** George Zarb, Charlie Muscat, Lewis Calleja, N. Attard, ċensu Muscat, Charlie 'Najsu' Bennetti, Joe Saliba, Ġużi Vassallo, Leli 'Pesa' Pace, Salvinu Schembri, Ġużi Scicluna.

1. Partitarju ta' Valletta FC waddab flixkun fid-direzzjoni ta' Joe Xuereb hekk kif dan kien qed jiċċelebra l-goal tar-rebħa.
2. Joe Saliba u Attard kienu qed jiddebuttaw mal-Lilywhites. Saliba kien ġie akkwistat mingħand Mosta Athletic u qabel iddebutta kellu jiskonta sospensjoni ta' żewġ logħbiet wara li f'partita tat-Trophy kontra Hibernians fl-istaġun ta' qabel kien qabad u ħalla l-ground minn jeddu. Id-debuttant l-ieħor Attard kien plejer regolari ta' Valletta FC fit-Tielet Diviżjoni.

**19-11-1950:**
**St.George's FC – St. Patrick FC 2-1**
**H.T 1-1**
Skurjaw: C. Spiteri (St. Pat) 21', J. Grima (St. Geo) 32' u N. Bonavia (St. Geo) 46'.

**St.George's FC:** Jimmy Pearson, Karmenu Farrugia, Ġużi Bonavia, Żaren Camilleri, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Albert Izzo, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, J. Grima, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Ġużi Cachia.

**St. Patrick FC:** Garrett, C. Cassar, W. Hole, John 'Is-Sini' Cassar, Albert Scerri, Anġlu 'Il-Wila' Cremona, Joe Bonnici, Renu Azzopardi, C. Spiteri, Borg, John Azzopardi.

1. Fit-tieni taqsima l-iskorer ta' St. Patrick FC Spiteri safa' mkeċċi wara li xejjer daqqa ġo wiċċ Ġużi Bonavia. Spiteri kien ġie sospiż għal żewġ logħbiet mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA.

## AHBARIJIET

**Fl-24 ta' Novembru 1950, il-plejer Ġużi Bennetti, li kien wieħed mill-ħames plejers li tpoġġa fuq il-lista tat-trasferimenti minn Hamrun Spartans għamel dikjarazzjoni fuq il-gazzetta *The Times of Malta* fejn ħabbar li huwa ma kienx se jilgħab ma' l-ebda tim fil-kampjonat f'dan l-istaġun. Dan wara li kien sema' li xi partitarji ta' Floriana kienu qed jiġbru l-firem sabiex jinġieb il-plejer lura mal-klabb Furjaniż u fin-nuqqas ta' dan kienu ser joħorġu minn membri. Min-naħa tiegħu l-kumitat ta' Floriana kien għamilha ċara mal-partitarji li huma ma kellhom l-ebda nteress li jġibu lura lil Bennetti.**

**Fl-10 ta' Jannar, 1951, inżammet laqgħa ġenerali straordinarja ta' Hamrun Spartans li għaliha attendew 250 membru. Matul din il-laqgħa il-kumitat kollu ta' l-Ispartans ħabbar li kien qed jirriżenja en-bloc mill-karigi rispettivi tagħhom. Ir-riżenja tagħhom waslet wara vot qawwi ta' sfiduċja li ħadu kontra tagħhom il-membri tal-klabb wara li kienu tpoġġew fuq il-lista tat-trasferimenti plejers importanti bħal Ġużi Buttigieg, Ġużi Zammit, Leli Agius, Ġużi Bennetti u Frans Paris. F'dik l-istess laqgħa ġenerali kienet inħatret kummissjoni sabiex tavviċina lil dawn il-plejers ħalli jirritornaw mal-klabb.**



Il-goalkeeper ta' Valletta Wenzu Gabarretta isalva f'attakk ta' Hibernians 2-1 (09.10.1949)

# Born to be wilder

Men live for a real challenge. We've got what you are looking for:
More than 90 sports, 12,000 bets per day, 24/7 live betting.

play for real

bwin.com

▸ Sports ▸ Poker ▸ Casino ▸ Games

# bwin Competition

# WIN 2 VIP Tickets TO WATCH MILAN OR REAL MADRID

## COMPETITION

*Programme 2*

| Date | Team 1 | | Team 2 | 1 | X | 2 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sat 15th November | Hibernians | vs | Tarxien | | | |
| | Qormi | vs | Valletta | | | |
| Sun 16th November | Sliema | vs | Msida | | | |
| | Marsaxlokk | vs | Birkirkara | | | |
| | Roma | vs | Lazio | | | |
| Sun 23rd November | Inter | vs | Juventus | | | |
| Tue 25th November | Villarreal | vs | Man United | | | |
| | Bayern | vs | Steaua | | | |
| | Fiorentina | vs | Lyon | | | |
| | Arsenal | vs | Dynamo Kiev | | | |
| | Zenit | vs | Juventus | | | |
| Wed 26th November | Bordeaux | vs | Chelsea | | | |
| | CFR Cluj | vs | Roma | | | |
| | Inter | vs | Panathinaikos | | | |
| | Sporting | vs | Barcelona | | | |
| | Liverpool | vs | Marseille | | | |

**Participating Rules**

- This competition is only open to bwin registered players who are over 18 years of age ( visit www.bwin.com for details);
- Insert your prediction ( 1, X, or 2) for the games indicated on the competition form;
- 3 points will be awarded for every correct result;
- Points awarded will be carried forward to the next SPORTIV issue;
- The player collecting most points over 2 issues ( i.e. October and November issue) will win 2 VIP tickets to watch MILAN or REAL MADRID in any league or Champion's League match;
- Entries must be addressed to: Bwin Competition, Sportiv, BAPU, Triq Is-Sejjieh, Swieqi SWQ 3011;
- All entries must be received before Saturday, 15th November, 2008.

*Fill in your contact details below:*

Name ____________________

Address ____________________

____________________

____________________

bwin User ID ____________________

Contact No. ____________________

Email ____________________

www.bwin.com

# Bħal-lum...

# 74

# sena ilu

## ...Tony Nicholl skorja rekord ta' seba' goals f'logħba waħda.

**Kien nhar it-28 ta' Ottubru, 1934, meta bil-flokk ta' Sliema Wanderers, il-mibki Tony Nicholl u sħabu fit-tim tiegħu għamlu ħerba sħiħa mit-tim promoss ta' Hamrun Spartans.**

Il-logħba kienet intlagħbet fl-Empire Stadium tal-Gżira u kif kien jiġri dejjem matul dawk iż-żminijiet, il-partitarji ħonqu l-istands biex isegwu lit-tim Slimiż. Dak iż-żmien Sliema kellhom tim b'saħħtu ferm. Fiż-żewġ staġuni ta' qabel kienu nkurunati champions Maltin. L-individwalità tal-plejers fl-iskwadra kienet twassal biex jilagħbu b'ċertu supremazija kontra l-avversarji tagħhom. Flimkien ma' Sliema kien hemm timijiet oħra li setgħu joffru futbol sabiħ u li kienu jħabbtuha mal-Wanderers, fosthom Floriana. Matul dak il-perjodu dawn iż-żewġ klabbs qasmu ħafna mill-unuri li kien joffri l-futbol Malti, jiġifieri l-kampjonat u l-Cassar Cup. Magħhom Hibernians u St.George' s, li għalkemm ftit kellhom suċċessi kienu minn dejjem ma' ta' fuq u kienu joffru dejjem sfida denja lill-avversarji tagħhom. Fil-fatt bejn l-istaġun 1919-20 u l-istaġun 1939-40 kienu biss Sliema Wanderers u Floriana li rnexxielhom jirbħu l-kampjonati, għajr għal fl-istaġun 1931-32 meta l-kampjonat Malti kien mirbuħ minn Valletta United.

### Sliema Wanderers jiskorjaw ħdax

Il-lum mhux soltu tiskorja ħdax u għalkemm statistikament fil-kampjonat Malti meta mqabbel ma' kampjonati oħra fl-Ewropa jiġu skorjati ħafna goals, tiskorja ħdax il-goal f'logħba waħda mhux ċajta. Riżultati li jibqgħu fl-istorja. U din il-logħba tibqa' fl-istorja mhux biss minħabba r-riżultat kbir tagħha iżda wkoll għaliex dak in-nhar l-attakkant Slimiż, Tony Nicholl, skorja xejn anqas minn seba' goals f'disgħin minuta. Hamrun Spartans kienu tim promoss u ħafna mill-plejers li rebħu l-promozzjoni mit-Tieni Diviżjoni kienu telqu lit-tim biex issieħbu ma' timijiet aktar b'saħħithom u rinomati fl-Ewwel Diviżjoni. Wieħed minnhom kien Joe Gruppetta, li kien ingħaqad ma' Sliema proprju mingħand Hamrun u dak in-nhar kien skorja l-ewwel goal Slimiż. Iżda ma kienx Gruppetta biss li kien sieħeb lill-Wanderers matul dak is-sajf, għaliex Joe Gasan, il-president ta' dak iż-żmien ta' Sliema kien xtara wkoll lil Effie Borg mingħand Hibernians u kien iffirma lil Sansone u Sammut li kellhom esperjenzi fl-Italja u l-Amerika fl-istaġuni ta' qabel. Kien jingħad li l-plejers ta' Sliema kienu jitħallsu s-salarju ta' Lm5 fix-xahar mill-president, liema għajdut kien dejjem miċħud mill-istess president li kien jgħid li dan ma kienx salarju fiss iżda pagament żgħir għas-servizz li l-plejers kienu jagħtu. L-iskor sa tmiem l-ewwel taqsima kien diġà 4-0 favur il-Wanderers u meta l-iskor kien 10-0, Kelinu Azzopardi naqas li jiskorja penalty għat-tim tiegħu minħabba li ma riedx li l-avversarji jkunu redikolati b'aktar goals kontrihom. Għal Sliema kienu skorjaw ukoll Decesare u Sammut. Dak li għamel Tony Nicholl dak in-nhar jibqa' fl-istorja, kien wettaq rekord fl-Ewwel Diviżjoni, liema rekord għadu fis-seħħ sal-lum. Intant minn dak it-tim ta' Sliema ħadd mill-protagonisti ma għadu ħaj. Kien proprju Tony Nicholl l-aħħar wieħed li miet, ħafna minnhom kienu mietu qabel u waqt il-gwerra u

l-informazzjoni dwarhom hija limitata. Minn dak it-tim fadal ukoll persuna familjari ma' plejer f'dik l-iskwadra u li hu nvolut fil-futbol tal-lum. Fil-fatt Kelinu Azzopardi kien jiġi n-nannu ta' Stephen Azzopardi l-kowċ attwali ta' Sliema Wanderers.

## L-istorja ta' Tony Nicholl

Tony Nicholl twieled fl-1 ta' Jannar, 1916, f'Tas-Sliema. Iben Samuel James Nicholl minn Belfast fl-Irlanda u Anna, xebba Camilleri, mill-Belt Valletta. Tony kien l-iżgħar fost 23 aħwa. Missieru kien fl-Armata Ingliża u kien inbtgħat Malta. Il-gżira baqgħet f'qalbu tant li fl-1880 kien ġie joqgħod hawn Malta għal kollox.
Ta seba' snin kienu se jaqtgħawlu siequ meta kien qiegħed jilgħab b'ballun tat-tennis ma' ħabib tiegħu, ċertu Toninu Camilleri, ma laqatx il-ballun, ħabat saqajh mal-art u ġurnata wara l-oħra bdiet tintefaħlu u l-uġiegħ jiżdiedlu. Qabel sar l-intervent ħuh Ġużi li kien jilgħab bħala goalkeeper ma' Sliema, staqsa lit-tabib tal-klabb, Dr. Alfred Azzopardi, biex jiġi jara lil ħuh Tony għax kienu se jaqtgħawlu siequ. It-tabib induna li kellu ksur, għamillu siequ f'postha, għamilhielu fil-ġibs u għadda kollox. It-Tabib Azzopardi wara kien ukoll president ta'Sliema Wanderers.

L-ewwel tim li lagħab miegħu Tony kien it-tim tal-iskola. L-għalliem kien Daddu Tonna, plejer ta' Sliema Rangers u aktar tard ta' Sliema Wanderers. Is-Sur Tonna kien jaf li Tony kellu ħuh goalkeeper ta' Sliema, b'hekk poġġa lil Tony Nicholl goalkeeper tat-tim ta' l-iskola anke jekk Tony qallu li ma riedx. Ried jew le Tony Nicholl kellu jobdi u spiċċa l-goalkeeper fit-tim ta' l-iskola. Wara beda jmur l-iskola tal-Marsa u kien hawn li ħareġ minn goalkeeper u s-Sur Axiaq beda jilagħbu bħala inside-left. Tony jiftakar f'logħbiet jaħarqu kontra t-tim ta' Hamrun Boys fejn logħba minnhom kienet ġiet abbandunata minħabba l-ġlied li nqala'.
L-ewwel tim ta' Tony Nicholl, fl-MFA, kien Sliema Rovers u li minnhom Sliema Wanderers kienu jagħżlu l-aħjar plejers. Fil-fatt f'dik is-sena ma' Tony Nicholl kien hemm Salvu Sammut l-Għargħuri u Joe Sammut 'Il-Brownie'. It-tlieta flimkien kienu rebbħu diversi unuri lil Wanderers fis-snin tletin.

L-ewwel logħba ta' Tony Nicholl ma' Sliema Wanderers waslet fil-15 ta' Mejju, 1932, fil-kompetizzjoni MFA Cup kontra Valletta United li spiċċat bl-iskor ta' 1-1. Minħabba li dak iż-żmien ma kienux jeżistu line-ups ħadd ma kien jaf min kien dan it-tifel ġdid mal-Wanderers. Jirrakonta Tom Hedley, wieħed mill-ġurnalisti ta' dik l-epoka, li meta Nicholl mar ħdejn it-touchline staqsih, "Boy, x'jismek?" U dak id-daqxejn ta' tfajjel wieġbu "Jien Tony, ħu Ġużi l-goalkeeper".

Tony Nicholl ma damx ma sar magħruf ma' kulħadd għall-goals li beda jiskorja. Mal-



**Tony Nicholl fl-1954-55 bil-flokk ta' Sliema Wanderers**

Wanderers rebaħ seba' darbiet it-titlu ta' l-aqwa skorer, fl-1934-35 (11-il goal), fl-1937-38 (6 goals), fl-1938-39 (8 goals), fl-1939-40 (18-il goal), fl-1944-45 (6 goals), fl-1945-46 (22 goal) u fl-1953-54 (12-il goal).

Barra minn hekk huwa rebaħ disa' Kampjonati ta' l-Ewwel Diviżjoni (1932-33; 1933-34; 1935-36; 1937-38; 1938-39; 1939-40; 1953-54; 1955-56; 1956-57); tmien darbiet il-kompetizzjoni Knock-Out (1934-35, 1935-36, 1936-37, 1939-40, 1947-48, 1950-51, 1951-52, 1955-56); seba' darbiet il-Cassar Cup (1933-34, 1934-35, 1937-38, 1938-39, 1945-46, 1955-56, 1956-57) u sitt darbiet il-kompetizzjoni Scicluna Cup (1949-50, 1950-51, 1953-54, 1954-55, 1955-56, 1956-57). Tony rebaħ ukoll l-unur tal-Footballer of The Year tal-MFA għall-istaġun 1955-56, proprju fis-sena li fiha Sliema Wanderers kienu rebħu l-Quadruple Crown (Kampjonat, Trophy, Cassar Cup u Scicluna Cup – dak kollu li kien hemm x'tirbaħ fl-MFA). B'kollox Tony lagħab għal 21 staġun konsekuttivi mal-Wanderers, kien plejer umli u wieħed mill-aqwa attakkanti li kien qatt offra l-futbol Malti. Fl-1947, kien guest player ma' Valletta u f'erba' logħbiet kien skorja xejn anqas minn disa' goals. B'kollox ma' Sliema lagħab 294 logħba u skorja total ta' 272 goal. Ma' l-MFA XI kien lagħab 52 logħba u skorja 39 goal, biex fil-karriera glorjuża tiegħu lagħab total ta' 346 logħba u skorja in-numru sabiħ ta' 311-il goal.

Tony Nicholl kien ħabbar li rtira mil-logħba fid-29 ta' Settembru, 1957, eżatt wara t-telfa ta' 3-0 kontra Floriana fil-final tal-Cassar Cup. Floriana kienu rebħu b'wirja kbira u b'żewġ goals ta' Pullu Demanuele l-Koku u ieħor minn Tony Cauchi. Wara l-partita Tony Nicholl ħa b'idejn kulħadd u qalilhom li dik kienet l-aħħar logħba tiegħu. Kienet sorpriża kbira u kulħadd baqa' ssummat. Dawn huma xi ftit mill-kummenti tal-plejers ta' Floriana hekk kif saru jafu li Tony Nicholl kien irtira mill-logħba: "Kont emozzjonat ħafna meta kelli 16-il sena u lgħabt għall-ewwel darba mal-MFA Xi, iżda l-inkoraġġiment li kien wassalli Tony dak in-nhar kien għamilli l-affarijiet faċli. Qatt ma ħarist lejh bħala rival. It-tluq tiegħu mil-logħba tal-futbol għalaq wieħed mill-isbaħ kapitli tal-futbol Malti" temm jgħid Lolly Borg. Pullu Demanuele stqarr "Bqajt sorpriż meta wara l-logħba Tony qalilna li mhux mistenni jilgħab aktar. Jiddispjaċini li waqaf mill-futbol. Nibqa' niftakar għal dejjem il-kliem li qalli wara l-finali tal-Ħadd". Plejer ieħor li kkumenta kien Lolly Debattista "J'Alla Tony Nicholl igawdi l-mistrieħ li jixraqlu. Mhux se jinstab sostitut tiegħu faċilment fil-futbol Malti." Avversarju ieħor li kellu x-xorti jilgħab kontra Tony kien Charles Brincat u dan kien lissen dawn il-kelmiet fuq Tony Nicholl, "Kien privileġġ għalija li kont jien li mmarkajtu fl-aħħar logħba tiegħu. Nibqa' niftakar din il-logħba bħal ma nibqa' niftakar il-mumenti ta' nkwiet li kien ikolli meta kont inkun naf li se nimmarka lilu. Meta wara l-logħba kien ġie jgħidilna li se jieqaf kien mument ta' dwejjaq." Fl-aħħarnett il-president ta' Floriana ta' dak iż-żmien, Dr. Benny Camilleri, kien qal "l-assenza ta' Tony mill-futbol se ċċaħħad lill-pubbliku minn footballer kbir, sportiv u eżempju għall-plejers żgħażagħ."

Fit-3 ta' Frar, 1958, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Agatha Barbara u l-President tal-MFA, Dr. Maurice Decesare, inawguraw ground ġdid f'Manoel Island u semmewh Nicholl Ground. Fit-13 ta' Diċembru, 1994, Tony Nicholl ingħata l-midalja ta' Ġieħ ir-Repubblika, filwaqt li f'Marzu, 1997, Nadur Youngsters irregalawlu plakka f'għeluq il-ħamsin sena minn meta kien lagħab magħhom bħala guest player u skorja l-goals kollha tagħhom fir-rebħa ta' 4-2 li Nadur Ramblers kellhom fuq Victoria Athletics fl-1947. Huwa miet fl-Isptar San Luqa nhar il-Ħamis 11 ta' Marzu, 1999, wara marda qasira. Il-quddiesa funebri kienet ikkonċelebrata minn Fr. Hilary Tagliaferro, filwaqt li erba' goalkeepers ta' żmienu Ġużi Alamango, Ray Cosby, Victor Scerri u Lolly Rizzo, flimkien ma' żewġ plejers, Alex Gollcher u Nenu Mackay refgħu it-tebut. Tony Nicholl jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata, f'Raħal Ġdid.

Illum ftit jiem qabel nhar it-28 t'Ottubru 2008, eżatt 74 sena wara dak it-trijonf fil-kampjonat, niftakru f'Tony Nicholl bħala wieħed mill-aqwa plejers li l-futbol Malti qatt ipproduċa u għalkemm ħadd minn dik l-iskwadra ta' dik l-epoka ma' jista jwasslilna l-kummenti tiegħu, aħna xorta waħda fid-dmir li nfakkru lill-pubbliku sportiv Malti dwar dawk iż-żminijiet meta l-futbol kien għadu jintlgħab mill-qalb.



**Tony Nicholl fil-formazzjoni tipika ta' Sliema Wanderers (1957) lest għar-ritratt**



**Tony Nicholl bl-FA Trophy merfugħ minn sħabu wara li Sliema Wanderers rebħu l-final kontra Floriana bl-iskor ta' 1-0 (1956)**



3 Great ideas for this Sunday
Montekristo's
BOTTLE SHOP
Open all day, with a large selection of wines to choose from.
Montekristo's
SUNDAY LUNCH
Lunch served from 12pm onwards in The Alcoves Restaurant
Montekristo's
WINE BAR
Open on Friday & Saturday Night & Sunday Afternoons
MONTEKRISTO ESTATES
Montekristo Estates, Hal Farrug Rd, L/O Siggiewi, Malta Tel 9992 1151 email info@mkleisure.com / www.mkleisure.com




EMPIRE
cinema complex bugibba
where movies come to life
Showing in
Digital 3D
only at Empire
Tickets Hotline
2158 1787 • 2158 1909
www.empirecinema.com.mt
U2 in Concert
Fly Me to the Moon
Forthcoming attractions
The Nightmare Before Christmas
Beowolf
KRS Film Distributors

**28-10-1934 - Sliema Wanderers v Hamrun Spartans**

*F.T. 11-0 - H.T 4-0 - Kick Off: 15:30*

**Skorjaw:** Gruppetta, Nicholl, Nicholl, Decesare, Nicholl, Nicholl, Nicholl, Nicholl, Sammut, Nicholl, Sammut.

**Sliema Wdrs:** Ġużi Nicholl, Eddie Paris, Effie Borg, Oscar 'Il Figlio' Sansone, Kelinu 'Il-Faldu' Azzopardi, Ġużi 'Is-Sissy' Gauci, Peppinu 'Forfor' Brincat, Salvu 'L-Għargħuri' Sammut, Tony Nicholl, Robbie Decesare, Joe Gruppetta.

**Hamrun Sp:** Sciberras, P.Tabone, G.Tabone, G.Debono, T.Vella, C.Debono, Formosa, A.Bezzina, Charles Jones, C.Brincau, F.Mifsud.



| Staġun | Lagħab | Skorja |
|---|---|---|
| 1932-33 | 3 | 0 |
| 1933-34 | 3 | 1 |
| 1934-35 | 6 | 11 |
| 1935-36 | 4 | 1 |
| 1936-37 | 6 | 2 |
| 1937-38 | 6 | 6 |
| 1938-39 | 6 | 8 |
| 1939-40 | 10 | 18 |
| 1944-45 | 3 | 6 |
| 1945-46 | 12 | 22 |
| 1946-47 | 10 | 10 |
| 1947-48 | 14 | 13 |

| Staġun | Lagħab | Skorja |
|---|---|---|
| 1948-49 | 14 | 10 |
| 1949-50 | 13 | 15 |
| 1950-51 | 14 | 6 |
| 1951-52 | 12 | 9 |
| 1952-53 | 12 | 7 |
| 1953-54 | 14 | 12 |
| 1954-55 | 9 | 2 |
| 1955-56 | 14 | 9 |
| 1956-57 | 14 | 7 |
| | | |
| Total | 199 | 175 |

**L-ewwel logħba ta' ħbiberija:**
27-03-1932: Sliema Wdrs FC – HMS Royal Oak 4-2

**L-ewwel logħba kompetittiva:**
15/05/1932: Sliema Wdrs FC – Valletta United 1-1

**L-ewwel goal fil-kampjonat:**
25/01/1934: Sliema Wdrs FC – Hibernians FC 2-2

**L-aħħar goal fil-kampjonat:**
03-04-1957: Sliema Wdrs – Marsa FC 5-1

**L-aħħar logħba fil-kampjonat:**
21/4/1957: Sliema – Floriana 2-1

**L-aħħar logħba tal-karriera:**
29-09-1957: Floriana – Sliema Wdr 3-0

| Goals Oħra: | | |
|---|---|---|
| Trophy | Lagħab 54 | Skorja 57 |
| Cassar Cup | Lagħab 27 | Skorja 31 |
| Scicluna Cup | Lagħab 8 | Skorja 5 |
| Xmas Cup | Lagħab 6 | Skorja 4 |

**Tim Nazzjonali A**

24.02.57 - Malta vs Austria 2 – 3 (Sostitut)

**Lagħab mal-MFA XI kontra timijiet barranin - 23 logħba**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 33.33.33 | - | MFA XI vs SK Kladno | (Czechoslovakia) | 1 – 6 |
| 35.35.35 | - | MFA XI vs SK Prostejov | (Czechoslovakia) | 2 – 8 |
| 38.38.38 | - | MFA XI vs SK Ferencvárosi | (Ungerija) | 3 – 12 (1 goal) |
| 39.39.39 | - | MFA XI vs SK Rigas | (Latvja) | 2 – 2 |
| 45.45.45 | - | MFA XI vs Hajduk FC | (Yugoslavja) | 1 – 4 (1 goal) |
| 45.45.45 | - | MFA XI vs Hajduk FC | (Yugoslavja) | 3 – 5 (1 goal) (missed penalty) |
| 45.45.45 | - | MFA XI vs Hajduk FC | (Yugoslavja) | 1 – 2 |
| 48.48.48 | - | MFA XI vs SK Austria | (Austrija) | 1 – 1 |
| 48.48.48 | - | MFA XI vs SK Rapid | (Austrija) | 1 – 3 |
| 15.05.49 | - | MFA XI vs Chelsea FC | (Ingilterra) | 2 – 3 (1 goal) |
| 06.01.50 | - | MFA XI vs Red Star | (Yugoslavja) | 0 – 10 |
| 07.01.51 | - | MFA XI vs Wiener SK | (Austrija) | 1 – 1 |
| 29.05.51 | - | MFA XI vs Rotherham U. | (Ingilterra) | 3 – 1 (2 goals) |
| 10.02.52 | - | MFA XI vs SK Admira | (Austrija) | 0 – 2 |
| 04.01.53 | - | MFA XI vs La Chaux de Fonds | (Svizzera) | 3 – 1 |
| 06.01.53 | - | MFA XI vs FK Malmo | (Svezzja) | 2 – 2 (1 goal) |
| 14.06.53 | - | MFA XI vs Falkirk FC | (Skozja) | 0 – 2 |
| 06.01.54 | - | MFA XI vs FK Spartak | (Yugoslavja) | 1 – 3 (1 goal) |
| 27.05.54 | - | MFA XI vs Sao Cristavao | (Brażil) | 0 – 3 |
| 06.01.55 | - | MFA XI vs Vojvodina | (Yugoslavja) | 0 – 5 |
| 31.12.55 | - | MFA XI vs SK Kinitzi | (Hungerija) | 2 - 2 |
| 06.01.56 | - | MFA XI vs SK Beograd | (Yugoslavja) | 0 – 1 |
| 56.56.56 | - | MFA XI vs SK Kinitzi | (Hungerija) | 0 – 0 |

**Skors kbar fil-Kampjonat**

| | | |
|---|---|---|
| 1964-65 | Valletta FC vs Rabat A. FC | 13 – 0 |
| 1920-21 | Marsa U. FC vs Curmi U. FC | 13 – 0 (Curmi kienu Qormi United) |
| 1917-18 | Hamrun S. FC vs Floriana L. FC | 12 – 0 |
| 1913-14 | Hamrun S. FC vs Floriana FC | 11 – 0 (L-iskor kien mibdul għal 4-0 mill-MFA wara investigazzjoni |
| 1914-15 | Valletta U. FC vs Vittoriosa R. FC | 11 – 0 |
| 1934-35 | Slliema W vs Hamrun S. FC | 11 – 0 |
| 1951-52 | Floriana FC vs St.Patrick FC | 11 – 0 |
| 1977-78 | Valletta FC vs Msida SJ FC | 11 – 0 |
| 1979-80 | Valletta FC vs Qormi FC | 11 – 0 |
| 2000-01 | Sliema W. FC vs Xgħajra T. FC | 11 – 0 |
| 1964-65 | Floriana FC vs Rabat A. FC | 11 – 0 |

# Il-Most Promising Youngsters tal-Kampjonati tal-YFA


San Gwann F.C.

Hekk li ninsabu fil-bidu ta' dawn il-kampjonati mhux il-ħsieb li nidħol fid-dettal dwar l-andament tal-kampjonati s'issa. Dan nistgħu nagħmluh aktar 'il quddiem meta l-klassfika tibda turi riżultati konkreti. Nota żgħira matul dan l-ewwel xahar mill-kampjonat

L-U/17A kienet il-waqfa ta' xi timijiet mil-logħob minħabba l-impenn ta' diversi plejers li kienu msejħa mat-tim nazzjonali Malti.

Bejn it-22 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru, it-tim Malti ppartecipa fil-preliminari tal-UEFA U/17 Mini Tournament li sar fir-Russja. L-iskwadra Maltija kienet immexxija minn Oliver Spiteri u l-assistent tiegħu Ramon Zammit. L-avversarji tat-tim Malti kienu r-Russja, t-Turkija u s-Slovenja, fejn il-Maltin ħarġu telliefa fit-tliet konfronti bir-riżultati jkunu dawk ta' 2-0, 2–0 u 1–0 rispettivament. Ta' min jirrimarka li f'kull logħba t-tim Malti qasam il-logħob ma' l-avversarji u fil-konfront kontra r-Russi kellu wkoll goal regolari imħassar fl-aħħar ħinijiet tal-logħba.

Tajjeb li minn żmien għal żmien nagħtu xi ftit dettalji jew statistika fuq il-passat u nħoss li

jkun ta' interess għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-Youth Football, li nibdew

din is-sensiela billi f'din l-edizzjoni nagħtu ħarsa lejn il-Most Promising Youngsters fil-Kampjonati ta' l-U/16 u U/14, hekk kif kienu magħrufa sa qabel dan l-istaġun.

Il-YFA twaqqfet fis-sena, 1982, 26 sena ilu, u l-ewwel darba li ġie mogħti dan l-unur fil-kategorija ta' l-U/16 kien propju fl-istaġun 1985-86. Dak l-istaġun ir-rebbieħa kienu tnejn, il-goalkeeper ta' Rabat Ajax Paul Ciappara u l-plejer ta' Sliema Wanderers, Paul Zammit.

Minn dak in-nhar, dan l-unur baqa' jiġi mogħti kull staġun. Il-kriterji kif jiġi magħżul dan

il-plejer dejjem tbiddlu maż-żmien, biex il-lum dan jiġi magħżul skond punteġġ ta' punti vvutati fuq il-wirja tal-plejer fil-kampjonati tal-YFA. In-Nurseries fl-aħħar ta' l-istaġun iressqu n-nominazzjonijiet tagħhom, filwaqt li jsir riferiment ukoll għal dak li josservaw il-kowċis miċ-Ċentru Tekniku ta' Ta' Qali.





## REBBIEĦA TAL-MOST PROMISING YOUNGSTER - KATEGORIJA U/16

| STAĠUN | PLEJER | KLABB |
|---|---|---|
| 1985/86 | Paul Ciappara | Rabat Ajax |
| | Paul Zammit | Sliema Wanderers |
| 1986/87 | Aldo Scarino | St.Andrew' s Luxol |
| 1987/88 | Neville Galea | Hibs Għajn Dwieli |
| 1988/89 | Sandro Zammit Fava | Sliema Wanderers |
| 1989/90 | Etienne Mercieca | Hibs Għajn Dwieli |
| 1990/91 | David Camilleri | Hamrun Spartans |
| 1991/92 | Angelo Galea | Valletta |
| 1992/93 | Mario Muscat | Hibs Għajn Dwieli |
| 1993/94 | Malcolm Licari | Floriana |
| 1994/95 | Michael Galea | Melita Amateurs |
| 1995/96 | Franklin Muscat | Naxxar |
| 1996/97 | Antonie Zahra | Floriana |
| 1997/98 | Michael Mifsud | Sliema Wanderers |
| 1998/99 | Antonie Sacco | Valletta |
| 1999/2000 | Shaun Bajada | Floriana |
| 2000/01 | Josef Mifsud | Sliema Wanderers |
| 2001/02 | Cleaven Frendo | Pieta Hotspurs |
| 2002/03 | Paul Fenech | Naxxar Lions |
| 2003/04 | Angus Buhagiar | Floriana |
| 2004/05 | Tyrone Farrugia | Msida St.Joseph |
| 2005/06 | Mark Scerri | Sliema Wanderers |
| 2006/07 | Paul Kane Farrugia | Sliema Wanderers |
| 2007/08 | Elkien Cauchi | Paola Hibs |

Dwar l-għazla ta' dan l-unur għall-kategorija U/14, din bdiet aktar riċenti jew aħjar mill-istaġun 1999/2000. Fir-rigward ta' dan l-unur jinżammu l-istess kriterji għall-għażla finali hekk kif isir fil-kategorija ta' l-U/16.

## REBBIEĦA TAL-MOST PROMISING YOUNGSTER – KATEGORIJA U/14

| STAĠUN | PLEJER | KLABB |
|---|---|---|
| 1999/2000 | Thomas Caruana | St.Patrick |
| 2000/01 | Clayton Failla | St.Patrick |
| 2001/02 | Luke Stivala | Birkirkara |
| 2002/03 | Dylan Zarb | Valletta |
| 2003/04 | Julian Galea | Melita Amateurs |
| 2004/05 | Miguel Ciantar | Sliema Wanderers |
| 2005/06 | Edward Grima | St. Andrew' s Luxol |
| 2006/07 | James Paris | Pieta' Hotspurs |
| 2007/08 | Ian Scerri | Paola Hibs |

Ma rridx innaqqas mill-mertu tal-plejers rebbieħa u li jidhru fuq dawn il-listi, iżda bla dubju, żgur li kien hemm plejers oħra li għamlu l-grad u mxew 'il quddiem.

Fil-ħarġa li jmiss, nagħtu ħarsa lejn tagħrif dwar ir-rebbieħa tal-kampjonati u l-kompetizzjonijiet organizzati mill-Youth FA. Għalkemm l-istorja tal-YFA mhijiex xi waħda antika, ninsab ċert li dan it-tagħrif iġib nostalġija għal dawk il-plejers u amministraturi li matul dawk is-snin kienu jiffurmaw parti f'waħda min-Nurseries membri tal-YFA.



Floriana F.C.



**U15 - Sezzjoni A**

| | |
|---|---|
| Sliema vs Naxxar L. | 5-0 |
| Hamrun S. vs St. Patrick | 2-1 |
| Valletta vs Mosta | 2-0 |
| Pieta' H. vs St.Andrews | 2-1 |
| San Gwann vs Floriana | 1-4 |
| Paola H. vs Birkirkara | 0-0 |
| Floriana vs St. Patrick | 0-1 |
| Mosta vs Paola H. | 0-3 |
| St.Andrews vs Birkirkara | 4-1 |
| Valletta vs San Gwann | 0-3 |
| Naxxar L. vs Hamrun S. | 0-3 |
| Sliema W. vs Pieta' H. | 2-1 |
| Valletta vs St. Patrick | 4-1 |

**Klassifika U15 - Sezzjoni A**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paola H. | 5 | 4 | 1 | 0 | 14 | 1 | 13 |
| Pieta' H. | 5 | 4 | 0 | 1 | 15 | 5 | 12 |
| Sliema W. | 5 | 3 | 1 | 1 | 11 | 5 | 10 |
| Hamrun S. | 5 | 3 | 0 | 2 | 8 | 5 | 9 |
| Valletta | 5 | 2 | 2 | 1 | 6 | 4 | 8 |
| St. Andrew' s | 5 | 2 | 0 | 3 | 7 | 9 | 6 |
| St. Patrick | 5 | 2 | 0 | 3 | 6 | 9 | 6 |
| Floriana | 5 | 2 | 0 | 3 | 6 | 9 | 6 |
| San Gwann | 5 | 1 | 2 | 2 | 6 | 9 | 5 |
| Birkirkara | 5 | 1 | 2 | 2 | 5 | 8 | 5 |
| Mosta | 5 | 1 | 1 | 3 | 3 | 7 | 4 |
| Naxxar L. | 5 | 0 | 1 | 4 | 1 | 17 | 1 |

**U15 - Sezzjoni B**

| | |
|---|---|
| Kirkop U. vs Qormi | 1-1 |
| Gozovs Sirens | 1-1 |
| Qormi vs Birzebbuga W. | 3-1 |
| Mellieha vs Pembroke A. | 0-6 |
| Balzan Y. vs Melita | 0-4 |
| Sirens vs Kirkop U. | 0-4 |
| Rabat D. vs Gozo | 1-3 |
| Marsa vs Tarxien R. | 2-1 |
| Balzan Y. vs Qormi | 1-1 |
| Tarxien R. vs Pembroke A. | 1-6 |

**Klassifika U15 - Sezzjoni B**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke Ath. | 5 | 5 | 0 | 0 | 27 | 3 | 15 |
| Marsa | 4 | 4 | 0 | 0 | 7 | 3 | 12 |
| Kirkop Utd. | 4 | 2 | 1 | 1 | 6 | 2 | 7 |
| Rabat D. | 4 | 2 | 1 | 1 | 7 | 4 | 7 |
| Gozo | 4 | 2 | 1 | 1 | 9 | 8 | 7 |
| Tarxien R. | 5 | 2 | 1 | 2 | 9 | 10 | 7 |
| Melita | 5 | 2 | 0 | 2 | 7 | 3 | 6 |
| Qormi | 5 | 1 | 2 | 2 | 6 | 7 | 5 |
| Balzan Y. | 5 | 1 | 1 | 3 | 2 | 13 | 4 |
| Birzebbuga W. | 4 | 1 | 0 | 3 | 4 | 9 | 3 |
| Sirens | 4 | 0 | 1 | 3 | 1 | 10 | 1 |
| Mellieha | 4 | 0 | 0 | 4 | 0 | 13 | 0 |

**U15 - Sezzjoni Ċ1**

| | |
|---|---|
| Gzira U. vs Gudja U. | 1-1 |
| Zejtun C. vs Vittoriosa S. | 5-1 |
| Mgarr U. vs Ghaxaq | 8-0 |

**Klassifika U15 - Sezzjoni Ċ1**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mgarr Utd. | 1 | 1 | 0 | 0 | 8 | 1 | 3 |
| Zejtun C. | 1 | 1 | 0 | 0 | 5 | 1 | 3 |
| Gzira Utd. | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 1 | 1 |
| Gudja Utd. | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 1 | 1 |
| Fgura Utd. | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Vittoriosa S. | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 5 | 0 |
| Ghaxaq | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 8 | 0 |

**U15 - Sezzjoni Ċ2**

| | |
|---|---|
| Zebbug R. vs St.Venera U. | 2-0 |
| Dingli S. vs Marsaxlokk | 2-0 |

**Klassifika U15 - Sezzjoni Ċ2**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mqabba | 1 | 1 | 0 | 0 | 4 | 1 | 3 |
| Zebbug R. | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 | 0 | 3 |
| Dingli S. | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 | 0 | 3 |
| St George` s | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Sta. Venera Utd. | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 2 | 0 |
| Marsaxlokk | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 2 | 0 |
| Attard | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 4 | 0 |

**U15 - Sezzjoni Ċ3**

| | |
|---|---|
| Xghajra T. vs Senglea A. | 0-2 |
| Zurrieq vs Lija-Iklin | 1-2 |
| Siggiewi vs Msida SJ | 1-4 |

**Klassifika U15 - Sezzjoni Ċ3**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Msida SJ | 1 | 1 | 0 | 0 | 4 | 1 | 3 |
| Senglea A. | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 | 0 | 3 |
| Lija-Iklin | 1 | 1 | 0 | 0 | 2 | 1 | 3 |
| Luqa SA | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Zurrieq | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 2 | 0 |
| Xghajra T. | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 2 | 0 |
| Siggiewi | 1 | 0 | 0 | 1 | 1 | 4 | 0 |

**U17 - Sezzjoni A**

| | |
|---|---|
| St. Andrews vs Rabat D. | 0-4 |
| Naxxar L. vs Valletta | 1-2 |
| San Gwann vs Pieta' H. | 2-0 |
| Birkirkara vs St. Andrews | 3-0 |
| Melita vs Paola H. | 0-0 |
| Sliema W. vs Melita | 1-3 |
| St. Patrick vs Pieta' H. | 0-3 |
| Naxxar L. vs Floriana | 0-4 |
| Naxxar L. vs San Gwann | 0-6 |
| Valletta vs Floriana | 3-5 |
| St. Patrick vs Birkirkara | 0-1 |
| Sliema W. vs St. Andrews | 3-2 |
| Rabat D. vs Paola H. | 3-4 |
| Melita vs Pieta' H. | 0-2 |

**Klassifika U17 - Sezzjoni A**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana | 4 | 4 | 0 | 0 | 15 | 5 | 12 |
| Melita | 5 | 3 | 1 | 1 | 13 | 4 | 10 |
| Birkirkara | 5 | 3 | 1 | 1 | 9 | 5 | 10 |
| Paola H. | 4 | 3 | 1 | 0 | 7 | 3 | 10 |
| Pieta' H. | 5 | 3 | 0 | 2 | 9 | 3 | 9 |
| Valletta | 4 | 2 | 1 | 1 | 8 | 8 | 7 |
| Rabat D. | 4 | 2 | 0 | 2 | 13 | 8 | 6 |
| San Gwann | 3 | 2 | 0 | 1 | 10 | 5 | 6 |
| Sliema W. | 5 | 1 | 0 | 4 | 4 | 8 | 3 |
| Naxxar L. | 4 | 1 | 0 | 3 | 4 | 14 | 3 |
| St. Patrick | 4 | 0 | 0 | 4 | 1 | 14 | 0 |
| St. Andrew' s | 5 | 0 | 0 | 5 | 2 | 18 | 0 |

**U17 - Sezzjoni B**

| | |
|---|---|
| Tarxien R. vs Hamrun S. | 0-1 |
| Balzan Y. vs Sirens | 3-0 |
| Mellieha vs Attard | 1-0 |
| Qormi vs Tarxien R. | 0-1 |
| Pembroke A. vs Hamrun S. | 0-1 |
| Zebbug R. vs Balzan Y. | 0-5 |
| Msida SJ vs Lija-Iklin | 4-0 |
| Tarxien R. vs Attard | 4-0 |
| Mosta vs Sirens | 2-0 |
| Qormi vs Hamrun S. | 1-2 |
| Msida SJ vs Qormi | 0-0 |
| Lija-Iklin vs Pembroke A. | 0-2 |
| Tarxien R. vs Zebbug R. | 5-3 |
| Mosta vs Balzan Y. | 2-1 |
| Sirens vs Attard | 0-2 |
| Zebbug R. vs Mellieha | 0-1 |
| Msida SJ vs Tarxien R. | 1-0 |
| Hamrun S. vs Sirens | 3-0 |
| Attard vs Balzan Y. | 1-1 |
| Mosta vs Pembroke A. | 4-1 |

**Klassifika U17 - Sezzjoni B**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Msida | 6 | 5 | 1 | 0 | 13 | 3 | 16 |
| Hamrun S. | 5 | 5 | 0 | 0 | 11 | 2 | 15 |
| Mosta | 6 | 4 | 1 | 1 | 17 | 6 | 13 |
| Tarxien R. | 6 | 4 | 0 | 2 | 13 | 6 | 12 |
| Balzan Y. | 6 | 3 | 1 | 2 | 12 | 6 | 10 |
| Mellieha | 4 | 3 | 0 | 1 | 7 | 4 | 9 |
| Qormi | 5 | 2 | 1 | 2 | 6 | 5 | 7 |
| Pembroke Ath. | 5 | 1 | 0 | 3 | 10 | 8 | 6 |
| Attard | 6 | 1 | 1 | 4 | 4 | 16 | 4 |
| Zebbug R. | 6 | 1 | 0 | 5 | 6 | 21 | 3 |
| Lija-Iklin | 5 | 0 | 1 | 4 | 3 | 12 | 1 |
| Sirens | 6 | 0 | 0 | 6 | 1 | 14 | 0 |







**U17 - Sezzjoni Ċ 1**

| | |
|---|---|
| Kalkara SJ vs Marsaxlokk | 2-1 |
| Dingli S. vs Senglea A. | 0-0 |
| Fgura U. vs Sta. Venera U. | 2-0 |
| Kalkara SJ vs Dingli S. | 0-0 |
| Siggiewi vs Gozo | 0-13 |
| Ghaxaq vs Senglea A. | 1-5 |
| Marsaxlokk vs Sta. Venera U. | 2-0 |
| Fgura U. vs Dingli S. | 1-3 |
| Ghaxaq vs Marsaxlokk | 1-4 |
| Siggiewi vs Senglea A. | 3-4 |
| Sta. Venera U. vs Kalkara SJ | 0-3 |
| Kalkara SJ vs Fgura U. | 3-2 |
| Dingli S. vs Gozo | 0-5 |

**Klassifika U17 - Sezzjoni Ċ1**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kalkara SJ | 5 | 4 | 1 | 0 | 12 | 4 | 13 |
| Gozo | 4 | 4 | 0 | 0 | 28 | 0 | 12 |
| Senglea Ath. | 4 | 3 | 1 | 0 | 11 | 5 | 10 |
| Dingli S. | 5 | 2 | 2 | 1 | 5 | 7 | 8 |
| Marsaxlokk | 4 | 2 | 0 | 2 | 7 | 5 | 6 |
| Fgura Utd. | 4 | 1 | 1 | 2 | 10 | 11 | 4 |
| Siggiewi | 4 | 0 | 1 | 3 | 9 | 26 | 1 |
| Sta. Venera Utd. | 4 | 0 | 0 | 4 | 1 | 9 | 0 |
| Ghaxaq | 4 | 0 | 0 | 4 | 3 | 19 | 0 |

**U17 - Sezzjoni Ċ 2**

| | |
|---|---|
| Gudja U. vs Vittoriosa S. | 2-0 |
| Birzebbuga W. vs Gzira U. | 1-1 |
| Mgarr U. vs Kirkop U. | 0-1 |
| St. George's vs Zurrieq | 3-0 |
| Marsa vs Gzira U. | 0-0 |
| Marsa vs Birzebbuga W. | 0-2 |
| Gudja U. vs Mgarr U. | 0-0 |
| Vittoriosa S. vs St. George's | 1-0 |
| Kirkop U. vs Vittoriosa S. | 11-1 |
| Gudja U. vs Gzira U. | 1-1 |
| Vittoriosa S. vs Birzebbuga W. | 2-3 |

**Klassifika U17 - Sezzjoni Ċ2**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birzebbuga W. | 5 | 4 | 1 | 0 | 14 | 4 | 13 |
| Kirkop Utd. | 4 | 2 | 2 | 0 | 14 | 2 | 8 |
| Zurrieq | 4 | 2 | 2 | 0 | 5 | 0 | 8 |
| Mgarr Utd. | 3 | 2 | 1 | 0 | 6 | 2 | 7 |
| Gudja Utd. | 5 | 1 | 2 | 2 | 10 | 7 | 5 |
| Gzira Utd. | 5 | 1 | 2 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| St George` s | 4 | 1 | 0 | 3 | 7 | 7 | 3 |
| Marsa | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 8 | 3 |
| Vittoriosa S. | 5 | 0 | 0 | 5 | 4 | 31 | 0 |

**Nurseries 22** fuq Education 22
Nhar ta' Ħamis fis-7.00 pm
Nhar ta' Ġimgħa fl-10.00am (R)
Nhar ta' Sibt fl-4.30pm (R)
Il-Program ta' informazzjoni dwar in-Nurseries
Ippreżentat minn Mario Pisani

NEWS

# Sliema Wanderers F.C. and Puttinu Cares




During a press conference held last month at a hotel in St. Julians, Sliema Wanderers Football Club and Puttinu Cares signed an agreement of collaboration between the two parties. Through this agreement, Sliema Wanderers agreed to become the ambassador of Puttinu Cares with coach Stephen Azzopardi acting as coordinator/liaison officer on behalf of the Club.

The main aim of this contract is to create more awareness amongst the general public regarding the role of this support group, the needs of the children and their families and the activities being organised for this cause. For this reason, the President and Committee of Sliema Wanderers Football Club have pledged to send a number of its officials, coach, technical staff and players for the fund raising activities taking place in aid of Puttinu Cares and to participate in television or radio programmes linked to the Puttinu Cares project. The Club is also ready to use its involvement in sports' television and radio programmes, the print media and the web, to pass on information and put forward this important message to the Maltese public.

Amongst others, the Club's nursery is committed to coordinate a yearly event with the scope that profits made are used solely by the Puttinu Cares. The nursery also intends organising a Christmas party for these children together with those attending the Sliema Nursery.

From a social point of view, the coach and players are dedicated to visiting sick patients at hospital or at their residences, to invite some of the kids to spend a whole day with the team on match day, and to visit schools and youth clubs to create consciousness to the plight of these sick children, and the way one can care for, and help, them morally and financially.

Sliema Wanderers also pledged to offer its facilities free of charge (once they are completed), for the organisation of the yearly marathon by the Puttinu Cares.

2. Karl Borealis (Brincat Nazzareno)
3. Sheriff As (Ellul David)
4. First King (Schembri Joseph)



03.10.08 - Race 5 - Gold 2

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 12 ta' Ottubru 2008

**Race 1 - Silver 5 (2140m) - 1'16"4**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Jan Emil (Baldacchino Noel)
2. Syllabub (Gatt Rodney)
3. Robin Lou (Ellul Michael)
4. Freedom Hyppinge (Camilleri Charles)

**Race 2 - Silver 4 (2140m) - 1'16"0**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Super Swede (Sciberras Kevin)
2. Simb Rattigan (Ellul David)
3. Patriarque (Gatt Rodney)
4. Vip River (Camilleri Charles)

**Race 3 - Silver 3 (2140m) - 1'16"4**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Agobra Bingo (Portelli Frank)
2. Flying Spur (Demanuele Tony)
3. Circus Flip (Baldacchino Noel)
4. Marcello Bob (Formosa Shaun)

**Race 4 - Gold 3 (2140m) - 1'16"1**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Lajos Useful (Bartolo Anthony)
2. Noble Spirit (Baldacchino Noel)
3. BWT Mensroom (Refalo Claudio)
4. Highway Ribb (Farrugia Julian)

**Race 5 - Silver 1 (2140m) - 1'15"9**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Solid VG (Zammit Brian)
2. Beautiful Accent (Calleja Clifforty)
3. Handy (Mifsud Mark)
4. Vision Star (Vassallo Jason)

**Race 6 - Gold 1 (2140m) - 1'16"4**
**Swedish U-Bet Championship**
1. New Kid In Town (Farrugia Karmenu)
2. Freak (Camilleri Charles)
3. Charlie Smitt (Debono Charlo)
4. Whiz Kid (Scicluna Joseph)

**Race 7 - Gold 2 (2140m) - 1'15"6**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Tough East (Mizzi Darren)
2. Gingoro (Magro Charles)
3. Massi Pioneer (Zammit Jonathan)
4. BBS Balthazar (Farrugia Karmenu)

**Race 8 - Silver 2 (2140m) - 1'18"9**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Lady June (Caruana Karl)
2. Guy`s Tornado (Xerri Chris)
3. Supremo As (Scicluna Joseph)
4. Millennium Guy (Falzon Mario)

**Race 9 - Gold 4 (2140m) - 1'15"7**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Emil Brebro (Zammit Brian)
2. Wingait Geforce (Magro Charles)
3. Arragon Crown (Briffa James)
4. Coinbox (Camilleri Charles)

**Race 10 - Gold 5 (2140m) - 1'16"4**
**Swedish U-Bet Championship**
1. G Force Son (Zammit Brian)
2. Royal Pointer (Farrugia Julian)
3. Rybo Celion (Vella Salvu)
4. Fever Jogo (Bartolo Salvu)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 19 ta' Ottubru 2008

**Race 1 - Bronze 4 (2640m) - 1'18"1**
1. Expect High (Gatt Rodney)
2. Handy Star (Caruana Karl)
3. Fier Seigneur (Schembri Gorg)
4. Mystic Flower (Polidano Anthony)

**Race 2 - Bronze 1 (2640m) - 1'18"1**
1. El Paso STR (Camilleri Charles)
2. Pretty Post (Ellul David)
3. Florissant (Farrugia Andrew)
4. Fredrico Kim (Farrugia Karmenu)

**Race 3 - Silver 2 (2640m) - 1'17"4**
1. Count Of Life (Ellul Michael)
2. Jibilo Du Terme (Debattista Joe)
3. Jet Star (Bezzina Eric)
4. Jean Perrine (Bartolo Joseph)

**Race 4 - Flat Race (2250m)**
1. Just The Best (Ramon Grima)
2. Minglaz (Paul Abela)
3. Ridifana (Michael Sultana)
4. Tantalus (Lewis Azzopardi)

**Race 5 - Gold 2 (2640m) - 1'17"2**
1. Lucky King (Baldacchino Noel)
2. Race Ball (Demanuele Tony)
3. Faverol (Micallef Carmelo)
4. Breeze Brodde (Camilleri Charles)

**Race 6 – Ponijiet tal-Olanda Children's Race**
1. Dandu Boy (Francesca Micallef)
2. Georginu (Dylan Baldacchino)
3. Gypsy Rose (Anton Cassar)

**Race 7 - Gold 1 (2640m) - 1'17"6**
1. Incisa Real (Camilleri Charles)
2. Joyful Du Douetil (Attard Jesmond)
3. Jaguar De France (Mizzi Darren)
4. Kosker Mancellerie (Briffa Benny)

**Race 8 - Gold 3 (2640m) - 1'17"3**
1. Kheops D'Ariane (Camilleri Charles)
2. Korentin (Baldacchino Noel)
3. Kaki De Peyrahout (Demanuele Tony)
4. Ksar (Clifton Charles)

**Race 9 - Gold 4 (2640m) - 1'17"1**
1. Lindsay Neve (Micallef Raymond)
2. Keep Out (Hili Brian)
3. Kojak D'Isques (Camilleri Charles)
4. Love Me Bourbon (Farrugia Julian)

**Race 10 - Silver 1 (2640m) - 1'17"5**
1. It's My Way (Hili Brian)
2. King De Bourdenay (Farrugia Julian)
3. Thankful Major (Gatt Rodney)
4. Dina Maty (Cassar Sam)

**Race 11 - Silver 3 (2640m) - 1'16"0**
1. Joker Pitstop (Camilleri Charles)
2. Lance Pierre (Camilleri Anthony)
3. Zut (Schembri Joseph)
4. Borlis Giant (Hili Brian)



03.10.08 - Race 7 - Gold 1


05.10.08 - Race 10 - Gold 5


12.10.08 - Race 6 - Gold 1


19.10.08 - Race 6 - Ponijiet tal-Olanda


19.10.08 - Race 7 - Gold 1


SWISH
lemon
Carbonated lemon drink

# ĠERREJJA TAT-TROTT

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Baldacchino Noel | 262 | 52 | 28 | 12 | 11 | 45 | 19.85% | 39.31% | 510 |
| Camilleri Charles | 257 | 38 | 35 | 30 | 39 | 35 | 14.79% | 55.25% | 505 |
| Farrugia Julian | 234 | 38 | 25 | 28 | 17 | 34 | 16.24% | 46.15% | 439 |
| Gatt Rodney | 134 | 15 | 15 | 11 | 7 | 26 | 11.19% | 35.82% | 187 |
| Cassar Frencu | 126 | 11 | 11 | 13 | 5 | 18 | 8.73% | 31.75% | 150 |
| Hili Brian | 149 | 13 | 8 | 5 | 14 | 32 | 8.72% | 26.85% | 147 |
| Mizzi Darren | 94 | 12 | 12 | 9 | 8 | 15 | 12.77% | 43.62% | 147 |
| Demanuele Tony | 145 | 8 | 15 | 12 | 15 | 22 | 5.52% | 34.48% | 144 |
| Schembri Gorg | 117 | 13 | 10 | 7 | 5 | 14 | 11.11% | 29.91% | 143 |
| Debono Charlo | 85 | 10 | 11 | 8 | 12 | 11 | 11.76% | 48.24% | 142 |
| Ellul Michael | 92 | 10 | 9 | 12 | 6 | 8 | 10.87% | 40.22% | 132 |
| Ellul David | 138 | 6 | 11 | 7 | 13 | 23 | 4.35% | 26.81% | 113 |
| Portelli Frank | 71 | 7 | 11 | 5 | 6 | 11 | 9.86% | 40.85% | 109 |
| Refalo Claudio | 66 | 10 | 5 | 3 | 6 | 7 | 15.15% | 36.36% | 102 |
| Farrugia Karmenu | 62 | 8 | 7 | 3 | 7 | 6 | 12.90% | 40.32% | 97 |

# ĠERREJJA TAT-TROTT UNDER 25

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gatt Rodney | 134 | 15 | 15 | 11 | 7 | 26 | 11.19% | 35.82% | 187 |
| Vassallo Clint | 38 | 4 | 6 | 1 | 8 | 4 | 10.53% | 50.00% | 62 |
| Cauchi Omar | 24 | 4 | 5 | 7 | 0 | 3 | 16.67% | 66.67% | 56 |
| Cassar Sam | 43 | 1 | 4 | 8 | 4 | 7 | 2.33% | 39.53% | 43 |
| Xerri Jeffrey | 21 | 2 | 2 | 2 | 1 | 4 | 9.52% | 33.33% | 27 |
| Briffa James | 25 | 2 | 1 | 4 | 0 | 5 | 8.00% | 28.00% | 24 |
| Zammit Jonathan | 24 | 1 | 2 | 2 | 2 | 3 | 4.17% | 29.17% | 21 |
| McKay Herman | 18 | 2 | 1 | 1 | 0 | 4 | 11.11% | 22.22% | 20 |
| Schembri Johan | 11 | 0 | 3 | 3 | 1 | 0 | 0.00% | 63.64% | 19 |
| Ghigo Ludvig | 21 | 0 | 1 | 4 | 2 | 2 | 0.00% | 33.33% | 14 |
| Farrugia Josef | 9 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 11.11% | 33.33% | 13 |
| Gerada Clive | 14 | 1 | 1 | 1 | 0 | 3 | 7.14% | 21.43% | 13 |
| Portelli Shaun | 13 | 1 | 1 | 0 | 1 | 2 | 7.69% | 23.08% | 12 |
| Borg Owen | 25 | 0 | 0 | 2 | 0 | 2 | 0.00% | 8.00% | 4 |
| Farrugia Andre | 14 | 0 | 0 | 0 | 1 | 0 | 0.00% | 7.14% | 1 |

# ĠERREJJA TAL-GALOPP

| Ġerrej | Rides | Wins | 2nd | 3rd | Pts Win | Pts Place | Pts Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ZAMMIT ERIC | 16 | 8 | 2 | 0 | 56 | 10 | 66 |
| MALLIA MATTHEW | 11 | 3 | 3 | 2 | 21 | 24 | 45 |
| ZAMMIT DEMIS | 11 | 0 | 3 | 4 | 0 | 27 | 27 |
| GRIMA RAMON | 15 | 1 | 3 | 1 | 7 | 15 | 25 |
| BORG SARHA | 9 | 1 | 2 | 2 | 7 | 16 | 23 |
| BRIFFA OLIVER | 14 | 1 | 1 | 3 | 7 | 14 | 21 |
| ABELA PAUL | 7 | 0 | 2 | 2 | 0 | 16 | 16 |
| CAUCHI OMAR | 2 | 2 | 0 | 0 | 14 | 0 | 14 |
| FARUGIA JOHN | 8 | 2 | 0 | 0 | 14 | 0 | 14 |
| AZZOPARDI LOUIS | 6 | 0 | 1 | 1 | 0 | 3 | 8 |
| BORG MARIO | 5 | 0 | 0 | 4 | 0 | 4 | 4 |
| SULTANA.MICHAEL | 6 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | 3 |

# ŻWIEMEL TAT-TROTT

| Żiemel | Org | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| James De l'Iton | FR | 13 | 5 | 5 | 1 | 0 | 0 | 38.46% | 84.62% | 57 |
| BWT Mensroom | SE | 14 | 6 | 2 | 3 | 0 | 0 | 42.86% | 78.57% | 56 |
| Tough East | SE | 11 | 6 | 1 | 0 | 0 | 0 | 54.55% | 63.64% | 46 |
| New Kid In Town | SE | 9 | 4 | 4 | 0 | 1 | 0 | 44.44% | 100.00% | 45 |
| Kheops D'Ariane | FR | 13 | 5 | 1 | 1 | 1 | 3 | 38.46% | 61.54% | 42 |
| Pilot Kloster | SE | 12 | 3 | 4 | 2 | 0 | 0 | 25.00% | 75.00% | 41 |
| Tapincha | SE | 16 | 5 | 0 | 1 | 1 | 3 | 31.25% | 43.75% | 38 |
| Garden Pax | DK | 14 | 4 | 2 | 1 | 0 | 0 | 28.57% | 50.00% | 38 |
| Iris Du Louvet | FR | 16 | 5 | 0 | 1 | 0 | 1 | 31.25% | 37.50% | 37 |
| Permit Hanover | DE | 13 | 5 | 0 | 1 | 0 | 1 | 38.46% | 46.15% | 37 |
| Charlie Smitt | SE | 15 | 3 | 2 | 2 | 4 | 0 | 20.00% | 73.33% | 37 |
| Korentin | FR | 14 | 3 | 3 | 1 | 1 | 2 | 21.43% | 57.14% | 36 |
| Iptus | FR | 12 | 3 | 3 | 1 | 1 | 1 | 25.00% | 66.67% | 36 |
| Joker Pitstop | DK | 16 | 3 | 2 | 3 | 1 | 1 | 18.75% | 56.25% | 36 |
| Joyful Du Douetil | FR | 10 | 4 | 1 | 1 | 0 | 1 | 40.00% | 60.00% | 34 |

# ŻWIEMEL TAL-GALOPP

| Żiemel | Org | Races | Wins | 2nd | 3rd | € | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PRIVILEDGE BOY | IRL | 6 D | 4 | 1 | 0 | 1970 | 33 |
| POUR L'AMOUR | FRA | 6 | 3 | 1 | 1 | 1155 | 30 |
| MINGLAZ | FRA | 8 D | 0 | 2 | 3 | 270 | 21 |
| SAINTAX | FRA | 7 | 0 | 2 | 2 | 380 | 19 |
| VALLEY FOG | GB | 6 | 1 | 1 | 0 | 220 | 16 |
| SECONDINO | FRA | 5 | 1 | 1 | 1 | 375 | 16 |
| CROCOLIRIQUE | FRA | 6 D | 0 | 2 | 1 | 180 | 15 |
| BLACK METAL | FRA | 2 | 2 | 0 | 0 | 320 | 14 |
| DOCKLANDS BRIAN | GB | 4 | 1 | 0 | 1 | 250 | 12 |
| TANTALUS | GER | 6 | 1 | 0 | 0 | 180 | 12 |
| SWING DANCER | MLT | 3 | 0 | 2 | 0 | 160 | 11 |
| PRINCE SOLOR | FRA | 2 | 1 | 0 | 1 | 180 | 10 |
| AUBE ROSE | FRA | 4 | 0 | 1 | 1 | 150 | 10 |
| GENEROUS SPIRIT | IRL | 3 | 0 | 1 | 1 | 110 | 9 |
| DIOUGANER | FRA | 5 | 0 | 1 | 0 | 200 | 9 |
| KOHIMA | IRE | 2 | 1 | 0 | 0 | 200 | 8 |
| NIKOS HERINIERI | FRA | 2 | 1 | 0 | 0 | 150 | 8 |
| SANTUZZA | FRA | 5 D | 0 | 0 | 2 | 70 | 8 |
| JUST THE BEST | FRA | 2 | 0 | 1 | 1 | 110 | 8 |




Id-Dgħajsa tal-Midalji tal-Birgu 'Paċenzja' rebbieħa tal-palju fl-1929

# Ir-Regatta

## bejn iż-żewġ gwerrer dinjija

**L-ewwel Parti**

Minkejja l-Ewwel Gwerra Dinjija ftit li xejn kellha impatt fuq Malta, il-Port il-Kbir kien mimli bil-bastimenti tal-gwerra u minħabba hekk ma kinux saru t-tiġrijiet tad-dgħajjes bejn l-1914 u l-1919. Mid-dehra, il-waqfien ta' din it-tradizzjoni fil-portijiet tagħna effettwa ħażin lill-qaddiefa ta' Marsamxett għaliex fl-edizzjonijiet tar-Regatta li kienu saru bejn l-1920 u l-1938, dan id-distrett tilef id-dominanza li għal bosta snin kien ilu jgawdi fil-korsi l-kbar. Ironikament, tmiem il-qawwa ta' Marsamxett f'dawn it-tiġrijiet ġab miegħu qawmien ġdid fost id-distretti tal-Kottonera u reġa' qabbad mill-ġdid il-ġmamar tar-rivalità li minn dejjem eżistiet fost dawn l-ibliet ġirien.

Ħafna xjuħ jiddeskrivu t-tiġrijiet tad-dgħajjes li saru fil-Port il-Kbir bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija bħala l-isbaħ u l-aktar tiġrijiet akkaniti fl-istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja. Tismagħhom jirrakkontaw tifkiriet ta' bosta episodji sbieħ u koroh li ġraw matul dan il-perjodu ta' snin, kemm dwar ix-xenarju brijuż u pikuż li ta' kull sena kienu joħolqu l-partitarji avversarji fil-kanal u fil-Port il-Kbir, kif ukoll dwar l-entużjażmu, is-saħħa u d-determinazzjoni tal-qaddiefa li pparteċipaw fil-korsi tal-Ferilli, Midalji u ta' bl-Erbgħa. Jgħidulek ukoll li xi wħud minn dawn it-tiġrijiet kellhom tmiem eċċitanti, fejn id-dgħajjes daħlu flimkien u l-ġurija kellha biċċa xogħol iebsa biex finalment tagħżel ir-rebbieħ tal-korsa. F'dak iż-żmien l-apparat tal-*photo finish* ma kienx jeżisti u għalhekk id-deċiżjoni tal-ġurija kienet waħda finali.

Jirrakkontaw ukoll dwar id-deċiżjonijiet żbaljati li ġie li ħadet il-ġurija u li minħabba hekk inqala' ħafna ġlied u ġieli tħassru wkoll xi tiġrijiet. Sfortunatament anke fi żmienna, f'ċerti dixxiplini sportivi ġieli jinqala' nkwiet kbir fost il-partitarji opposti b'detriment serju għall-isport in ġenerali kif ukoll għall-isportività ġenwina fost il-kompettituri.

F'dak iż-żmien, l-istorja kienet differenti ħafna ! Il-ġlied u l-istorbju li kien jinqala' matul l-ewwel korsa kien awgurju sabiħ ta' Regatta akkanita u eċċitanti ħafna. Fil-fatt, frażi komuni ħafna li kienet tingħad fost il-partitarji avversarji qabel kull edizzjoni kienet tgħid hekk : "Tiġrija mingħajr ġlied m'hi tiġrija xejn!"

Inkomplu! Għalkemm l-ekwipaġġi tad-distretti tal-Kottonera minn dejjem kienu magħrufin li kienu jitqatlu bejniethom f'kull korsa tar-Regatta, b'danakollu, fl-imgħoddi, meta xi distrett minnhom kien ikun involut f'xi tiġrija tad-dgħajjes barra minn żmienna kontra Marsamxett,

id-dilettanti tat-tlitt ibliet kienu jappoġġjaw lil xulxin u jifirħu ħafna kull meta kienu jirbħu. Dan il-fatt tikkonfermah kitba li dehret f'gazzetta lokali ta' l-1888 dwar tiġrija tad-dgħajjes li saret bejn Bormla u Marsamxett, aktarx fl-14 ta' April 1888, fuq korsa twila minn Ras Ħanżir sal-Bokka tal-Port il-Kbir fejn il-Bormliżi ħarġu rebbieħa.

L-istess kitba tikkonferma wkoll li qabel din id-data kienu saru bosta tiġrijiet oħra bejn id-distretti tal-Kottonera u dak ta' Marsamxett. Il-Bormliżi ċċelebraw din ir-rebħa b'festi kbar u l-ġirien tagħhom ferħu magħhom ukoll. Iżda, realment din is-solidarjeta kienet tkun waħda momentarja għaliex l-istorja dejjem għallmitna li f'kull kompetizzjoni sportiva li fiha kienu jkunu nvoluti kompettituri minn dawn il-bliet dejjem spikkat il-pika fosthom, u bla dubju ta' xejn, fit-tiġrijiet tad-dgħajjes ta' l-imgħoddi din r-rivalità kienet fl-aqwa tagħha.

L-istorja titkellem weħedha! F'kitbiet antiki nsibu diversi każi ta' dgħajjes u kajjikki tat-tiġrija li ġew imkissrin jew maħruqin fis-satra tal-lejl minn partitarji rivali. Minħabba hekk, kull distrett kien jitlob lill-qaddiefa tiegħu biex jgħassu lejl u nhar lill-opri tat-tiġrija, b'mod speċjali f'lejljet il-Vitorja. Dawn il-kitbiet isemmu diversi okkażjonijiet soċjali kif ukoll ta' xeħta reliġjuża li ġew sfrattati minħabba l-ġlied li nqala' fihom, fejn sfortunatament, il-pern tal-kwistjoni kollha jkun relatat mar-Regatta. Każ simili ġara fl-1906, meta l-bandisti Sengleani ġew aggrediti minn partitarji Bormlizi waqt il-festa tal-Madonna ta' Grazzja f'Ħaż Żabbar.

**Id-Dgħajjes tal-Midalji**
Biex wieħed janalizza l-qawwa u s-saħħa tad-distretti parteċipanti fir-Regatta tad-dgħajjes bejn l-1920 u l-1938, u kemm dawn irnexxielhom jiddominaw dawn it-tiġrijiet, naħseb li tkun idea tajba li nagħtu ħarsa ħafifa lejn kull korsa tradizzjonali u naraw x'suċċessi nkisbu minnhom. Nibdew bil-korsa tad-dgħajjes tal-Midalji.

Għalkemm din il-korsa minn dejjem kienet korsa popolari ħafna f'kull Regatta, jidher ċar, li bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija, il-korsi tal-Ferilli u tad-dgħajjes tax-xogħol kienu l-aktar korsi li jiġbdu attenzjoni tad-dilettanti u ta' l-eluf kbar ta' spettaturi li ta' kull sena kienu jsegwu dawn it-tiġrijiet tradizzjonali. Ir-raġuni kienet waħda! Dawn kienu l-aktar il-korsi akkaniti u pikużi ta' kull edizzjoni! Tifhmunix ħażin, il-korsa tad-dgħajjes tal-Midalji kienet korsa sabiħa, eċċitanti wkoll, tant hu hekk, li bejn l-1920 u l-1938 il-palju tagħha għadda minn distrett għall-ieħor, bl-aqwa żewġ distretti li kisbu suċċess fiha jkunu Bormla u l-Birgu.

Fl-1920, l-ekwipaġġ Senglean iffurmat minn Pawlu Casha (ta' Baruna), Xandru Chircop (l-Isnopp), Pawlu Chircop (l-Isnopp) u Karmenu Cachia (il-Kaxu jew il-Kajxu) kompla fejn ħalla qabel il-Gwerra l-Kbira, iżda din id-darba r-rebħa tagħhom kienet aqwa u akbar milli stennewha. Jingħad li din il-korsa kienet missielta ħafna bejn l-ekwipaġġi ta' l-Isla, Marsamxett, il-Birgu u Bormla, u kellu jkun il-kuraġġ u d-determinazzjoni ta' dan l-ekwipaġġ biex finalment irnexxielu jidħol fl-ewwel post u jegħleb l-isfida qawwija tat-tliet ekwipaġġi l-oħra, li mill-bidu sat-tmiem il-korsa ppruvaw kemm-il darba jissikkawhom bid-dgħajjes tagħhom. Din it-tiġrija kienet diskreta bħala tiġrija sabiħa, eċċitanti u storbjuża ħafna.

Fl-1921 l-Isla ma ħaditx sehem fir-Regatta minħabba l-festi Marjani kbar li kienu saru f'din il-Belt Marittima, fejn fl-4 ta' Settembru ta' l-istess sena l-istatwa mirakoluża ta' Marija Bambina ġiet ikkurunata mill-Arcisqof Dom Mauro Caruana fix-Xatt ta' l-Isla.

In-nuqqas ta' l-Isla fir-Regatta għen ħafna lill-Marsamxett biex jerġa' kiseb mill-ġdid dan il-palju, suċċess li l-ekwipaġġ Belti reġa' rrepetieh b'mod konvinċenti s-sena ta' wara. Iżda fl-1923, l-Isla, din id-darba b'ekwipaġġ ġdid iffurmat minn Salvu Formosa (il-Pa Salv), Fredu Zahra (ta' Indri), Joseph Lia ( taż-Żejt) u Ġelardu Caruana (il-Bubbli John) reġgħet rebħet dan il-palju prestiġġjuż. Fis-sena ta' wara l-Bormliżi dehru ppreparati tajjeb għal din il-korsa. It-taħriġ estensiv ta' l-ekwipaġġi Bormliżi fil-kanal ta l-frott tiegħu b'rebħiet sbieħ fl-1925, fl-1927 u fl-1928.

Fl-istess epoka, il-qaddiefa Vittoriosani wkoll kienu għatxana għal dan il-palju u rnexxielhom iwettqu x-xewqa tagħhom b'rebħiet kbar fl-1929, fl-1931 u fl-1934. Fis-snin '30, il-Birgu kellu diversi ekwipaġġi li rebħu dan il-palju, fosthom l-ekwipaġġ tad-dgħajsa Santa Paċenzja, b'Ġammri Bonnici, Karmenu Grima (Tikki Tajki), Ċikku Cassar (Il-Flora) u Ċensu Ciantar (tal-Beraq).

Fl-1932, b'sorpriża kbira għad-distretti tal-Kottonera, id-dgħajsa tal-Marsa daħlet fl-ewwel post iżda ma ngħatax il-palju għax il-korsa ġiet kanċellata. Rebħiet oħra Bormliżi f'din il-korsa inkisbu wara konfrontazzjoni diffiċli mal-Birgu u l-Marsa fl-1933, fl-1935 u fl-1936. Ekwipaġġ Bormliż imsemmi ħafna f'din l-epoka kien iffurmat minn Gużeppi Degiorgio (Kalì),Toni Livori, Ċikku Grech (ta' Grezz) u Karmenu Degiorgio (il-Boċċa).

Id-distrett tal-Marsa matul dan il-perjodu kien għaddej minn zmien ta' sfortuna kbira. Minkejja li l-ekwipaġġ Marsi fis-snin 1934 u fl-1936 kien meqjus bħala l-isfidant ewlieni ta' Bormla għar-rebħ ta' dan il-palju, huwa qatt ma rnexxielu jirbaħ din il-korsa, iżda fiż-żewġ edizzjonijiet daħal fit-tieni post. L-akbar sorpriża f'din il-korsa ġrat fl-1938, l-aħħar edizzjoni tar-Regatta ta' qabel il-gwerra, meta d-distrett ta' Marsamxett reġa' rebaħ mill-ġdid dan il-palju wara 16-il sena.

(Ir-riżultati uffiċjali ta' l-1926 u l-1932 m'humiex pubblikati, waqt li fl-1930 din il-korsa kienet tħassret)

**Il-Korsa tal-Ferilli**
Ħafna xjuħ isostnu li sa l-1924 il-korsa tal-Ferilli kienet l-aktar korsa akkanita u tisboq sew lil kull korsa oħra fit-Tiġrija tal-Vitorja. Dan jikkonfermawh bosta qaddiefa veterani li għexu f'dawk iż-żminijiet u li r-Regatta kienu jħobbuha daqs il-festa ta' pajjiżhom. Anzjan Senglean kien iħobb jgħid li l-festa tal-Bambina mingħajr rebħa fir-Regatta kienet titlef is-sabiħ tagħha! L-istess xjuħ isostnu li l-korsa tal-Ferilli kienet differenti ħafna minn kull korsa li naraw illum fir-Regatta, u ħasra li fi żmienna, opra antika bħalma hi l-Ferilla m'għandhiex il-korsa tagħha.

Għedt drabi oħra li Marsamxett u l-Isla kienu l-aktar żewġ distretti li ddominaw din il-korsa minkejja li fiha ġie li pparteċipaw ukoll Ferilli minn Bormla, il-Marsa u l-Kalkara. Qaddiefa veterani jirrakkontaw li dawn iż-żewġ distretti rivali tant kienu jarmaw tajjeb f'din il-korsa li ġie li pparteċipaw fiha bi tliet Ferilli, waħda tajba ħafna u l-oħrajn ftit inqas minnha. Nafu li fuq il-Ferilli kienu jintlagħbu ħafna mħatri, u meta ma kienx ikun hemm tfixkil u ġlied fil-kanal din il-korsa kienet tagħti ġost u pjaċir lil kulħadd.

B'danakollu, għalkemm teknikament iż-żewġ distretti kellhom ekwipaġġi abbli ħafna fil-qdif, jekk wieħed jagħti ħarsa lejn ir-riżultati uffiċjali


Il-Ferilla d-Dieka ta' Bormla rebbieħa tal-palju fl-1912



Il-Ferilla Sengleana 'Fort St. Michael rebbieħa tal-palju fl-1922

Il-koppja leġġendarja ta' Karmenu Grech (tal-Posta) u Pietru Farrugia (it-Tinejt) jippożaw għar-ritratt fl-1926




mill-ewwel josserva li l-Beltin kisbu aktar suċċessi mis-Sengleani fil-Ferilli. Insibu li fl-ewwel tiġrijiet, tas-snin '20, id-distrett ta' Marsamxett kompla bis-suċċessi tiegħu f'din il-korsa.

Ir-rebħiet Beltin f'din il-korsa bdew jinkwetaw ħafna lis-Sengleani u riedu jsibu mezz kif ikissru darba għal dejjem id-dominaza tagħhom fiha. L-aħħar rebħa kbira Sengleana fuq il-Beltin kienet tmur lura sal-1908 meta l-ekwipaġġ iffurmat minn Ġużeppi Borg (it-Twila) Ġanni Camilleri, Pawlu Galea (Mammalokk) u Ġanni Caruana (Bubbli John) kien rebaħ dan il-palju bil-Ferilla x-Xiħa li kienet inxtrat £5 mill-Imġarr ta' Għawdex. Issa s-Sengleani kienu twebblu li jirbħu dan il-palju mill-ġdid b'rebħa kbira li ma tintesa qatt, u biex jaslu għal dan il-għan, kien hemm soluzzjoni waħda – Ferilla ġdida mibnija apposta għat-tiġrija.

Ironikament, dawn it-tip ta' Ferilli ħfief minflok taw spinta 'l quddiem lil din il-korsa u għamluha aktar eċċitanti fil-fatt ġara l-kuntrarju. Ħafna huma tal-fehma li l-introduzzjoni tal-Ferilli Fancy mis-Sengleani mhux biss tat id-daqqa tal-mewt lil din il-korsa popolari iżda qanqlet rabja kbira fost il-partitarji Beltin li minn dejjem kellhom għall-qalbhom din l-opra antika. Ta' min jinnota wkoll, li fl-istess epoka, fil-gazzetti lokali dehru għadd ġmielu ta' ittri ta' lmenti u protesti relatati mal-korsa tal-Ferilli.

Sadanittant is-Sengleani baqgħu għaddejjin bil-ħsieb tagħhom, u fl-1922 bnew il-Ferilla Fort St. Michael. L-ekwipaġġ tagħha li kien iffurmat minn Salvu Formosa (il-Pa Salv), Xandru Chircop (l-Isnopp), Pawlu Chircop (l-Isnopp) u Karmenu Cachia (il-Kajxu) mhux biss waqqaf il-mixja tal-Beltin f'din il-korsa iżda jingħad li fit-tiġrija għaddihom b'żewġ tulijiet. Meta aktar tard il-Beltin skoprew li l-Ferilla ta' l-Isla kienet waħda tal-ġiri marru jipprotestaw mal-Kollettur tad-dwana. Huma saħqu li f'din il-korsa dejjem ġerrew b'Ferilli tax-xogħol, u jekk l-Isla tingħata l-permess biex iġerri b'din il-Ferilla fit-tiġrija huma ma kinux se jieħdu sehem. Barra hekk, huma sostnew li f'kull tiġrija se jkunu żvantaġġjati għaliex il-Ferilli tagħhom huma ferm itqal mill-Ferilla ta' l-Isla li diffiċli ħafna li tgħaddiha.

Din ir-rebħa tat spirtu ġdid lis-Sengleani u dak in-nhar iċċelebraw bil-ħruq tas-suffarelli u b'musketterja kbira wara t-trunċieri. Għall-okkażjoni żejnu l-Ponta bil-bnadar u stiednu l-għannejja biex jallegraw lin-nies li niżlet bi ħġara l-Ponta. Biex tibqa' mfakkra din ir-rebħa, xi dilettanti qabblu taqbila li kienet tgħid hekk : 'Il-Kajxu poppier tajjeb, il-Pa Salv ġerra darbtejn, Pawlu u Xandru żewġ Sansuni u ma' l-Isla ma tagħmlu xejn'

Jingħad li fl-1923 iż-żewġ distretti ordnaw Ferilli ġodda, bid-distrett ta' l-Isla jordna Ferilla (San Pietru) għand l-imgħallem Leli Pule tal-Kalkara. Jingħad li f'din it-tiġrija, sa 100 metru 'l bogħod mid-dħul, iż-żewġ Ferilli kienu għadhom flimkien, iżda matul il-korsa deher ċar li l-ekwipaġġ Belti kellu aktar nifs mis-Sengleani u dan urieh fl-aħħar ftit metri, meta ta spissjatura qawwija li biha qabeż biċċa sew lill-Ferilla ta' l-Isla u daħal fl-ewwel post.

Is-sena ta' wara (1924) l-Isla ordnaw Ferilla oħra li kienet magħrufa bħala l-Kaħla. Qaddiet veteran iddiskrivili din il-Ferilla bħala l-isbaħ Ferilla li kellhom is-Sengleani u li fil-mixi kienet tiġri daqs mutur. L-ekwipaġġ tagħha kien iffurmat minn Wigi Mangion (l-iskarpan ), Toni Farrugia (Toni Xkata), Salvu Rizzo (it-Tumażin) u Ġużeppi Gilford (Peppi Bajd).

Fit-tiġrija, f'din il-korsa kienu ħadu sehem biss erba' Ferilli, tnejn mill-Isla u tnejn minn Marsamxett. Għajnejn id-dilettanti u l-lagħba kienu fuq iż-żewġ Ferilli rivali, il-Karmena ta' Marsamxett u l Kaħla ta' l Isla. Mas sinjal tat-tluq, iż-żewġ Ferilli ħarġu fuq quddiem, biż-żewġ ekwipaġġi jaqdfu b'kemm Alla tahom saħħa. Sa nofs il-korsa ż-żewġ ekwipaġġi baqgħu telgħin flimkien, bl-ebda differenza bejniethom. Iżda aktar maż-żewġ Ferilli bdew resqin lejn tmiem il-korsa, in-nies bdiet aktar teċċita ruħha u f'daqqa waħda l-kanal żbroffa f'għajjat ta' kuraġġ għaż-żewġ ekwipaġġi rivali.

Dan l-għajjat, tisfir u l-kant partiġġjan mela liż-żewġ ekwipaġġi b'aktar kuraġġ u komplew iżidu fil-qdif. Ġara iżda, li meta ż-żewġ Ferilli kien fadilhom madwar 50 metru għad-dħul, in-nofsier tal-Ferilla ta' l-Isla beda jħeġġeġ lill-sħabu biex jaqdfu aktar għax il-Beltin kienu se jgħadduhom. Sa l-aħħar ftit metri ż-żewġ Ferilli baqgħu flimkien, dejjem ras imb' ras, iżda meta waslu fil-qbid il-poppier ta' l-Isla għejja jaqdef u waqaf mill-qdif, b'konsegwenza li l-Ferilla daret fuq naħa waqt li dik ta' Marsamxett baqgħet dieħla fl-ewwel post. Jingħad li f'din il-korsa nqala' ġlied aħrax u weġġgħu ħafna nies.

Jingħad li f'din it-tiġrija l-Isla tilfu ħafna flus u dak in-nhar qamet straġi kbira l-Ponta. Tant ħaduha bi kbira, li ħafna dilettanti bdew iwaħħlu fil-poppier meta miskin ma kellux tort. L-imsejken qaddief mhux biss tilef postu fil-Ferilla u qatt aktar ma qadef ma' l-Isla, iżda għal bosta xhur ħadd ma kien ikellmu jew jgħinu jiġbed id-dgħajsa l-art. Ironikament, snin wara, membru ta' l-istess ekwipaġġ li fl-1923 kien qadef f'din il-Ferilla (il-Kaħla) kien stqarr ma' xi ħbieb tiegħu, li l-bord tiegħu kien aktar b'saħħtu mill-bord l-ieħor u għalhekk Ġużeppi Gilford ma kellux tord fit-telfa. Din it-telfa ġabet diżgwid kbir fost il-qaddiefa Sengleani u minħabba hekk dan id-distrett dam snin biex reġa' ħa r-ruħ fir-Regatta.

Il-protesti kbar li ta' kull sena bdew jinqalgħu f'din il-korsa kif ukoll il-ġlied fost il-qaddiefa fil-kanal beda jinkwieta ħafna lill-organizzaturi ta' dawn it-tiġrijiet. Sadanittant il-Beltin ma ridux jaqdfu ma' l-Isla sakemm dan id-distrett jibqa' jġerri fil-Ferilli Fancy. Fl-1925, il-Kollettur tad-Dwana ffaċċjat b'din il-problema, iddeċieda li fir-Regatta jintroduċi żewġ korsi tal-Ferilli separati li fihom iż-żewġ distretti jkunu jistgħu jġerru b'Ferilli b'kategoriji differenti. Fil-fatt fil-korsa 'A' kienu jġerru Marsamxett b'Ferilli tax-Xogħol waqt li fil-'B' l-Isla b'Ferilli Fancy.

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA



Wistin Grogan ( il-Ħmar t'ella) u Ċikku Fenech wara r-rebħa tagħhom fir-Regatta fl-1921

Sfortunatament dawn iż-żewġ korsi ma kellhomx ħajja twila fir-Regatta għaliex maż-żmien intilef l-interess fihom. Fl-1935, il-Kollettur tad-Dwana kien kostrett li jwaqqaf dawn iż-żewġ korsi antiki u minflokhom jintroduċi żewġ korsi ġodda tal-Frejgatini.

**Il-korsa ta' bi Tnejn**

Bla dubju ta' xejn, il-korsa tad-dgħajjes ta' bi Tnejn kienet tiġbed l-ammirazzjoni tad-dilettanti kollha tar-Regatta minħabba l-pika u l-antagoniżmu kbir li kien fiha. F'din korsa, il-koppja leġġendarja Bormliża ta' Pietru Farrugia (it-Tinejt) u Karmnu Grech (tal-Posta) kienet waqfet rekord ta' 13-il rebħa mill-1923 sa' l-1930 u mill-1932 sa l-1936. Dan ir-rekord seta' kien wieħed konsekuttiv li kieku din il-koppja fl-1931 qadfed f'din il-korsa minflok ipparteċipat fil-korsa ta' bl-Erbgħa.

Il-Bormliżi jsostnu li dan ir-rekord bdewh fl-1922 u mhux fl-1923. Fil-fatt, ritratt sabiħ li ttieħed fil-bidu tas-snin '20 lill-koppja Bormliża qed tippoża mad-dgħajsa Lady B… tidher il-kitba 'from 1922 -1926'. Minkejja li ritratti oħra li ttieħdu fis-snin '30 jikkonfermaw ukoll l-1922 bħala s-sena li nbeda dan ir-rekord Bormliż, uffiċjalment, fl-1922, dan palju ntrebaħ mill-koppja Ġużeppi Cutajar (l-Għarwien) u Toni Saliba (tal-Luminata) f'isem Marsamxett bid-dgħajsa ta' Bormla tidħol fit-tieni post. Jista' jagħti l-każ li meta ġew biex jippubblikaw ir-riżultati ħadu żball u tniżżel Marsamxett minflok Bormla, iżda f'każ ta' dubju, ir-riċerkatur hu dejjem obbligat li bħala gwida jimxi fuq ir-riżultati uffiċjali.

Nafu li sa qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija l-Birgu kien l-isfidant ewlieni tad-distrett ta' Marsamxett li f'dik l-epoka kien jiddomina din il-korsa. Ironikament Marsamxett tilfet dan il-palju fl-1920 għaliex il-qaddiefa tal-Kalkara f'dik l-edizzjoni ma biddlux posthom fid-dgħajsa kif kienet l-użanza tal-qdif f'dik l-epoka.

F'dak iż-żmien kienet drawwa li l-qaddiefa tad-dgħajjes ta' bi Tnejn ibiddlu posthom matul il-korsa. Issa jekk dan il-bdil kienx ikun ta' darba jew aktar minn darba ma nafx, iżda li waqt il-korsa kien isir dan il-bdil ikkonfermajtu ma' diversi ħabrieka veterani waqt l-intervisti li kont għamiltilhom fis-snin '80. Wieħed mill-ħabrieka kien qalli, li matul il-korsa, kull ekwipaġġ kien joqgħod attent li l-bdil jissinkronizza mal-qaddiefa tad-dgħajjes l-oħra biex b'hekk ħadd minnhom ma jieħu vantaġġ fuq l-ieħor. Iżda ġara li fl-1920, il-koppja Kalkariża ta' Wistin Grogan (il-Ħmar t'Ella) u Kieli Stivala (il-Waħx) kissru din id-drawwa billi mil-ħruġ sad-dħul ma biddlux posthom u komplew jaqdfu bl-istess pożizzjoni.

Fl-1921, Wistin Grogan, din id-darba ma' Ċikku Fenech reġa' rebaħ dan il-palju fuq id-dgħajsa John Portelli (numru 444) li kienet miżbugħa bil-kuluri tal-Bandiera Amerikana. Wieħed mir-ritratti li għandi ta' din il-koppja qed tippoża għar-ritratt ta' l-okkażjoni, mar-rota ta' wara tidher wkoll il-bandiera bis-serduk. Għalkemm tradizzjonalment din il-bandiera kienet tindika li dan il-palju ntrebaħ tliet darbiet konsekuttivi mill-istess distrett, jien għandi d-dubji tiegħi dwar it-tielet rebħa tal-Kalkara, dejjem jekk kinux saru tiġrijiet tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir fl-1919. Jekk fil-fatt saru, dawn ir-riżultati sa issa ma ġewx f'idejja.

Qaddief ieħor veteran qalli li Grogan u Kieli Stivala ma kinux l-ewwel qaddiefa li ma biddlux posthom waqt tiġrija ta' bi Tnejn, għax qabilhom kien hemm il-koppja Sengleana ta' Karmnu Caruana (il-Vopa) u kuġinuh Gelardu Caruana (il-Bubbli John) li f'waħda mit-tiġrijiet li kienet torganizza l-flotta Ingliża għad-dgħajjes Maltin tas-Ship Company fil-Port il-Kbir, dawn kienu ġerrew il-korsa kollha minn Ras Ħanżir sal-Break Water bla ma biddlu posthom. Mid-dehra, il-koppja Grogan u Stivala kkuppjaw lill-koppja Sengleana u b'riħet ta' hekk irnexxielha tniżżel isimha fl-istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja bħala l-ewwel koppja li qadfet it-triq kollha bla ma biddlet postha fid-dgħajsa.

Aċċennajt għar-rekord tat-Tinejt u tal-Posta u għedt li fl-1931 ma kinux qadfu f'din il-korsa biex jieħdu sehem fil-korsa ta' bl-Erbgħa. Din il-koppja formidabbli ħadd ma seta' jegħlibha, u matul ir-rekord tagħha għamlu użu minn diversi dgħajjes fosthom id-dgħajsa John Portelli li kienu ġerrew biha Grogan u Stivala fl-1921. B'danakollu, l-aktar dgħajsa li kienet għall-qalb din il-koppja kien jisimha Lady Bronk jew il-Bronka, il-laqam kif kienet magħrufa bih f'Bormla, omm Pietru Farrugia.

Jingħad li bejn l-1923 u l-1936, kien hemm bosta koppji ta' ħila minn Marsamxett, l-Isla, l-Birgu u minn Bormla li ta' kull sena kienu jisfidaw lit-Tinejt u tal-Posta għar-rebħ ta' dan il-palju, iżda sakemm din il-koppja Bormliża rtirat mill-qdif, dan il-palju dejjem intrebaħ minnhom. Iżda, bla dubju ta' xejn, l-aħwa Wenzu u Ġużeppi Fabri (ta' Patatiet) mill-Birgu kienu l-isfidanti ewlenin tagħhom f'bosta edizzjonijiet, fis-snin '30, fejn dejjem kellhom jikkuntentaw bil-palju tat-tieni post. Iżda kif kien mistenni, meta l-koppja Bormliża rtirat mill-qdif dan il-palju għadda għand il-Birgu, fejn l-aħwa Wenzu u Ġużeppi Fabri kisbu rebħiet sbieħ fl1937 u fl-1938 kontra Marsamxett u l-Marsa.

Fuq il-koppja Bormliża tat-Tinejt u tal-Posta hemm ħafna wieħed xi jgħid, iżda naħseb li l-akbar ġest li wieħed kien jammira fihom kien l-imħabba kbira li kellhom belt twelidhom.

F'intervista li kont għamilt lil Karmenu Grech fl-1982 kien qalli hekk : ".... f'nhar il-Vitorja ta' l-1924, ħassejtni ma niflaħx ħafna … niftakar li f'ħin minnhom, waqt il-korsa, la bdejt nara u lanqas nisma', iżda Pietru beda jagħmilli ħafna kuraġġ u jien komplejt nisforza sa l-aħħar qadfa... kif spiċċat il-korsa, jien tlabt lil sieħbu biex iwassalni x-xatt ta' l-Isla, fejn tlajt dritt il-knisja biex nirringrazzja lill-Madonna."

Wara pawsa qasira kompla jirrakkonta :

".....ftit jiem qabel it-tiġrija ta' l-1926 kelli musmar maqlub fil-warrani tiegħi u minħabba hekk ma kontx qed ninżel fid-dgħajsa. F'Jum il-Vitorja, Pietru qalli biex waqt il-korsa ngerbeb xugaman kbir u noqgħod fuqu. Hekk għamilt ! Iżda waqt il korsa ħadt skoss, ix xugaman ħareġ minn taħti u ma stajtx naqdef sewwa … f'ħin minnhom bl-iskossi tal-qdif infetaħli l-musmar … imlejt il-bank bid-demm u tgħidx kemm kont muġugħ, iżda komplejt naqdef sa tmien il-korsa għax ridt nirbaħ il-palju għal-lokal tiegħi …"

*ikompli f'ħarġa oħra*

# Irridu nibnu pedament sod għal mentalità

## Chairman KMS

***Kulħadd jafek fl-isport tal-basketball u oħrajn jassoċjawk ma' dak tal-waterpolo, iżda min hu eżatt Bernard Vassallo u x'esperjenza għandek fit-tmexxija ta' l-isport?***

Għandi 38 sena. Twelidt fl-4 ta' Diċembru, 1970, iben Willie (ġurnalist u kummentatur ta' l-isport għal dawn l-aħħar 35 sena) u Jane nèe Axiaq. Illum noqgħod is-Siġġiewi u miżżewweġ lil Michelle nèe Pulis u għandna tifel, Matthias, ta' erba' snin. Il-familja hija ferm importanti u l-appoġġ tagħha huwa fattur kbir biex jinkiseb is-suċċess meħtieġ. Dan għaliex il-mara u t-tifel jagħmlu sagrifiċċji meta jien inkun impenjat fil-ħidma tiegħi, speċjalment meta nkun barra minn Malta. Mil-lenti akkademika, iggradwjajt BA (Honours) fl-Ekonomija, fl-1992, u wara ksibt diploma fl-Edukazzjoni, fl-1994, kif ukoll fil-Computer Science, fl-2004. Ma niddejjaqx ngħid li missejt ma' l-isport f'diversi livelli u rwoli fosthom bħala atleta, kowċ, amministratur, ġurnalist u ovvjament bħala referee. Dan jista' jgħinni sabiex nifhem aħjar il-problemi u l-emozzjonijiet ta' kull qasam. L-enfażi ewlenija dejjem kienet il-logħba tal-basketball li jien bdejt nipprattika ta' disa' snin, inċidentalment fi SkolaSport. Imbagħad bdejt nilgħab fuq bażi kompetittiv, l-ewwel fis-settur taż-Żgħażagħ sakemm għamilt id-debutt tiegħi fl-ewwel diviżjoni, meta kelli 15-il sena. Kont player validu ħafna fejn anke rbaħt unuri personali bħal 'Plejer tax-Xahar' f'Marzu, 2003, iżda ta' kważi 23 sena kelli nieqaf nilgħab minħabba injury.

Sentejn wara, erġajt ippruvajt nilgħab, din id-darba fit-tieni diviżjoni, iżda għalkemm ma mortx ħażin (fejn anke irbaħt l-unur tal-Plejer tas-Sena fil-kategorija), ħassejt li ma stajtx nagħti l-massimu tiegħi u ddeċidejt li npoġġi l-isforzi tiegħi kollha fir-refereeing li kont bdejt tliet snin qabel meta waqaft mil-logħob fl-ewwel diviżjoni. Bħala referee, sa issa, kelli bosta sodisfazzjonijiet (għalkemm bħal kollox fil-ħajja dejjem tiffaċċja ukoll sitwazzjonijiet f'pajjiżek stess li ma tantx jimlewk b'kuraġġ). Kont fortunat li meta bdejt nikkontrolla l-logħbiet (ta' 23 sena), sibt nies li għarfu li kont naf il-logħba sew u mlewni kuraġġ kif ukoll imbuttawni malajr sa l-ogħla livell lokali sabiex ta' 25 sena rnexxieli nsir ukoll l-iżgħar referee internazzjonali. Issa dieħel fit-13-il staġun tiegħi bħala referee nternazzjonali u f'dawn is-snin kelli opportunità li nesperjenza ħafna aktar minn mitt partita nternazzjonali. Fost dawn nibqa' ngħożż, bla dubju, il-final fil-logħob tal-Commonwealth, 2006, fl-Awstralja, u anke l-Kampjonati Ewropej 2008 Maskili ta' Taħt l-20 sena, fir-Rumanija, xahrejn ilu. Dawn kienu żewġ esperjenzi mill-isbaħ li bihom kburi tassew, għax mhux faċli tasal meta tkun ġej minn gżira zgħira b'ranking baxx fl-isport, iżda kien hemm ukoll avvenimenti oħra li mmotivawni fi żminijiet differenti bħall-fatt li rnexxieli nikkontrolla final f'kull livell tal-FIBA Promotion Cup u anke l-final tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, 2003. Lokalment, l-akbar sodisfazzjoni ħadtu meta fi Frar, 2007, ġejt magħżul bħala l-Uffiċjal Nazzjonali tas-Sena, 2006, mill-ġurnalisti Maltin. Bħala atleta ppratikkajt ukoll il-waterpolo (sentejn ma' Sliema u xahar ma' Exiles) u anke l-futbol (Stelmar) għal xi żmien meta kont żagħżugħ. Fl-għoxrinijiet tiegħi, lgħabt staġun sħiħ ta' handball ma' Black Panthers waqt li ħadt sehem f'xi nofs maratoni fejn l-aħjar li mort kien, fl-2004, b'ħin ta' siegħa u 19-il minuta. Għal sentejn servejt ta' kowċ mal-kategorija ta' Taħt il-15 u s-17-il sena ta' Floriana Basketball. Mil-lenti amministrattiva kelli esperjenza fi ħdan il-Malta Basketball Association meta għal sentejn, bejn l-1993 u l-1995, kont ngħin lis-segretarju ġenerali li dak iż-żmien kien is-sur Louis Micallef. Kont ukoll president ta' l-Assocazzjoni tar-Referees tal-basketball lokali bejn l-1998 u l-2000. Imbagħad, għamilt kważi sentejn, bejn l-2001 u l-2003, ngħin lis-sur John Bugeja, dak iż-żmien segretarju ta' Sliema Wanderers. Is-sena li għaddiet ġejt mistieden sabiex nifforma parti mill-kumitat organizzattiv għall-Konferenza Nazzjonali ta' l-iSport li saret f'Diċembru li għadda.

***Bħala Chairman ġdid tal-Bord tad-Diretturi tal-Kunsill Malti għall-iSport għandek fir-responsabbilta' tiegħek xogħol u impenn vast. X'inhuma l-prioritajiet li se tkun qiegħed taħdem fuqhom fix-xhur li ġejjien?***

L-isport kapaċi jagħti kontribut kbir lejn is-soċjetà. L-effett ta' l-isport fuq il-poplu jista' jkun ferm pożittiv u jista' jilħaq kull sezzjoni tal-poplu, mhux biss liż-żgħażagħ. Madankollu naħseb li ħafna persuni għadhom mhumiex konxji ta' kemm verament l-isport jista' jaffetwahom, possibbilment anke fil-fond. L-isport jispira ċerta dedikazzjoni u passjoni li eventwalment jilagħbu parti ċentrali fil-ħajja ta' bosta Maltin. Sew jekk wieħed hux jilgħab fl-ogħla livell nazzjonali jew sempliċiment logħba bejn il-ħbieb, sew jekk qed jagħti appoġġ u nkoraġġiment lit-tfal fl-isport jew qiegħed jassisti għal xi logħba fi ground mimli, l-isport huwa mezz li kapaċi jaffettwa persuni, familji u komunitajiet sħaħ. Dan għaliex l-isport jista' jbiddel lilna bħala individwi mhux biss mill-aspett ta' saħħa imma anke f'oqsma oħra għaliex l-esperjenzi tagħna fl-isport jiżviluppaw ukoll fil-ħajja soċjali tagħna għaliex wieħed ikun kapaċi jiżviluppa aktar il-karattru tiegħu billi jaqsam esperjenzi, emozzjonijiet u ħsibijiet man-nies ta' madwaru u b'hekk ikun ukoll aktar tolleranti kif ukoll miftuħ għad-diversità tal-ħajja. F'mod ġenerali, ħafna huma dawk li qed jaraw biċ-ċar x'kontribut importanti joffri l-isport għal setturi mportanti bħall-edukazzjoni, turiżmu u s-saħħa. Aktar 'il bogħod minn hekk, esperti jemmnu wkoll li l-isport kapaċi saħansitra jbiddel l-identità nazzjonali u kulturali ta' pajjiż. Wieħed, iżda, irid iżomm saqajh ma' l-art u ma jippretendix li l-isport huwa l-kura u s-salvazzjoni tal-problemi li jistgħu jeżistu fis-soċjetà Maltija. Madankollu nemmen li jekk wieħed ikompli jaħdem fuq it-tajjeb li sar fil-passat waqt li nitgħallmu minn xi żbalji li jistgħu jkunu saru u mbagħad nippjanaw għall-futur b'serjetà, deċiżjoni u b'viżjoni ċara



# u kultura sportiva - Bernard Vassallo

nistgħu naslu sabiex nilħqu l-għan tagħna li jkollna poplu aktar attiv, b'saħħtu u sportiv. F'dan ir-rigward irridu wkoll nħarsu 'l bogħod minn xtutna u nanalizzaw bir-reqqa (u fejn hu possibbli nibdew nikkupjaw u napplikaw għal pajjiżna) dawk il-pajjiżi li żviluppaw ferm 'il quddiem fl-isport u huma xempju ta' pajjiż b'viżjoni sportiva ta' suċċess indiskuss.

***L-isport huwa żvilupp, saħħa u suċċess. Għaldaqstant kemm taħseb li huwa parti essenzjali fil-ħajja soċjali tal-pajjiż?***

Waħda mill-miri prinċipali tal-KMS hija li naħdmu, kemm bħala entità ndividwali, f'dawk l-oqsma fejn għandna kontroll sħiħ, kif ukoll ma' entitajiet oħra fil-pajjiż f'dawk l-oqsma li ma jaqgħux kompletament taħt il-kontroll tagħna, sabiex inkattru ambjent fejn l-isport u l-attività fiżika huma aċċessibbli għal kulħadd. Biex nuża analoġija, nixtiequ li nipprovdu kemm il-furketta u s-sikkina kif ukoll l-ikel innifsu fuq il-platt sabiex imbagħad huwa f'idejn il-pubbliku li jsib kollox lest u effettivament jiekol.

Jekk timmaġina l-isport bħala piramida, kull pajjiż li jrid jiżviluppa l-isport irid jibda mill-qiegħ nett. Jekk inkunu kapaċi li niżviluppaw pedament qawwi, bi tfal u żgħażagħ b'mentalità u kultura sportiva ta' veru kif ukoll b'motivazzjoni ċara li jaslu sal-veru potenzjal tagħhom, ikun kważi kważi jonqos biss li nsibu strutturi, serji u b'mentalità mhux ta' dilettanti puri, li kapaċi jieħdu ħsieb u jiżviluppaw dawn it-tfal u żgħażagħ mil-lat tekniku, psikoloġiku u fiżjoloġiku bl-aqwa mod possibbli biex naslu li naraw għadd ta' Maltin li jikkompetu f'isem pajjiżna b'distinzjoni u unur fil-qasam internazzjonali. Nixtieq nagħmilha ċara li ma rridx li niġi miftiehem li jien inħares lejn jew nixtieq atleti li jispikkaw biss. Anke dawk li forsi huma bla talent għandu jingħatalhom opportunità li jipprattikkaw l-isport jew attività fiżika. Filwaqt li l-isport mhuwiex biss li tikkompeti u tirbaħ, dawn it-talin jistgħu jrawmu ġo fihom imħabba lejn l-isport u jekk xi darba jagħżlu li jieqfu jikkompetu, jistgħu faċilment jibqgħu fl-isport imma f'irwol ieħor bħal dak amministrattiv. Il-maġġoranza tal-persuni mhumiex se jsiru champions u jirbħu l-midalji. Madankollu rridu nwasslu l-messaġġ li l-isport mhuwiex ċertament biss rebħ, tazez u midalji imma joffri opportunità mill-aqwa ta' ħbiberija, sfidi u rivalità sportiva kif ukoll pjaċir. L-isport huwa pjaċir u gost u x'inhu gost, mhux wieħed mill-affarijiet sbieħ tal-ħajja? Naqbel mija fil-mija mal-kunċett li jekk wieħed vera jrid li jkollu poplu li jispikka fl-isport irid bilfors ikollu parteċipazzjoni wiesa'. Mingħajr bażi kbira fil-qiegħ tal-piramida, huwa kważi mpossibbli li nsibu kull champion tal-futur.

***Kien biss matul dawn l-aħħar snin li f'pajjiżna sar l-Att dwar l-iSport. Min meta dan ġie rikonoxxut fil-Parlament, x'titjib sar fil-livell nazzjonali?***

F'Jannar tal-2003, il-gvern Malti ppreżenta l-Att dwar l-iSport, liġi li tipprovdi struttura legislattiva għall-isport kif ukoll tirregola l-isport, minn diversi oqsma bħal dak loġistiku u finanzjarju, fil-gżejjer Maltin. B'konsegwenza ta' din il-liġi, li kellha l-għan ukoll li toħloq ordni fl-ambjent sportiv nazzjonali, ġie mwaqqaf il-Kunsill Malti għall-iSport magħruf bħala KMS. Fi ftit kliem, l-irwol tal-KMS, kif anke indikat fil-liġi, hu ta' l-awtorità ewlenija ta' l-isport f'Malta fejn tassisti u tirregola l-entitajiet, għaqdiet u klabbs rispettivi ta' l-isport kif ukoll li tassisti lill-gvern ċentrali fit-tnedija ta' politika nazzjonali ta' l-isport. Bejn wieħed u ieħor, hemm aktar minn 70 għaqda sportiva nazzjonali li jaqgħu taħt il-kappa tal-KMS minbarra entitajiet oħra, bħal ngħidu aħna l-Kumitat Olimpiku Malti. Jekk nibqgħu fl-ambitu legali, din is-sena stess ġie maħruġ avviz legali (nru 63/2008) li jispjega sew l-irwol tal-KMS bħala r-reġistratur ta' l-isport f'Malta. F'dan ir-rigward, fi ftit ġranet oħra l-KMS għandha jkollha l-istruttura lesta sabiex jibda l-proċess sħiħ ta' reġistrazzjoni. Aħna ninkoraġixxu kemm lill-għaqdiet kif ukoll lill-klabbs u anke l-isportivi ndividwali u dawk midħla ta' l-isport sabiex jirreġistraw mal-KMS. Tajjeb li wieħed ifakkar li dan isir mhux biss bla ħlas imma qegħdin nanalizzaw kif nistgħu noffru inċentivi għall-isportivi bħal l-iskema ta' assikurazzjoni għall-kowċis li nedejna ftit ġranet ilu fejn kull kowċ li se jkun reġistrat mal-KMS se jingħatalu, bla ħlas, *personal liability insurance* awtomatika pprovduta minn kumpanija lokali bi ftehim mal-KMS. Hekk kif jibda l-process ta' reġistrazzjoni, dawk li jirreġistraw biss ikunu jistgħu jgawdu mid-diversi assistenzi u nċentivi li l-KMS tipprovdi. Minbarra hekk, tajjeb li nsemmi punt importanti li sabiex għaqda jew klabb jikkwalifika għall-inċentivi sportivi li nieda l-gvern fl-aħħar budget, wieħed irid ikun reġistrat mal-KMS. Dan ifisser li b'reġistrazzjoni mal-KMS biss tista' għaqda jew klabb jieħdu lura l-VAT fuq sponsorship jew infiq kapitali jew sabiex il-ġenituri tat-tfal li jattendu n-Nursery jieħdu r-rebate fuq it-taxxa tad-dħul. Nappella lill-entitajiet kollha sportivi sabiex jagħmlu użu mill-programmi ta' assistenza li l-KMS toffri matul is-sena. Bħala prinċipju, il-KMS jemmen fi struttura u servizzi trasparenti u li huma faċilment aċċessibbli minn kulħadd. Min-naħa l-oħra nemmen bi sħiħ li ħadd ma għandu jippretendi li jikseb kollox mill-KMS iżda għandu jkun hemm ukoll kontribut finanzjarju ntern mill-istess għaqda jew klabb. Dan mhux qed ngħidu jien imma tirrakommandah iċ-Charter Ewropeja dwar l-isport. Permezz ta' dan il-proċess ta' reġistrazzjoni se nimmiraw ukoll li nibdew ngħollu l-livell ta' l-isport f'pajjiżna għaliex kull entità jew individwu reġistrat mal-KMS irid jilħaq ċerti livelli jew kriterji minimi f'diversi elementi rispettivi bħal per eżempju il-coaching, health & safety u child protection.

Fuq l-aħħar punt, fil-ġranet li ġejjin, il-KMS se tiċċirkola fost l-għaqdiet draft paper ippreparata min kummissjoni nterna, komposta minn diversi elementi esperti fil-qasam tat-tfal u sport, biex l-istess għaqdiet jipprovdu l-feedback tagħhom qabel ma tkun imnedija uffiċjlament ċ-*child protection policy* nazzjonali. L-istess proċess demokratiku u trasparenti se jkun attwat fir-rigward ta' l-elementi l-oħra li se jkunu kriterji tassativi sabiex wieħed jirreġistra mal-KMS. Dan ifisser li wara li kummissjoni stabbilita mill-KMS tlesti r-rapport tagħha, dan jiġi mpoġġi għal diskussjoni ma' kull entità sportiva qabel ma tittieħed deċiżjoni finali. Nemmen li b'hekk noħolqu lok fejn kulħadd jista' jipparteċipa u mhux nkunu dittatorjali mingħajr ebda ċans ta' konsultazzjoni.

***Matul l-aħħar konferenza nazzjonali dwar l-isport tħejja d-dokument 'Forma Ġdida lill-iSport'. Dan f'hiex jikkonsisti u x'forma ġdida qegħdin tħarsu lejha biex tressqu lill-poplu aktar viċin l-isport f'Malta?***

Fis-settur edukattiv nemmen li hemm nuqqas fis-sistema preżenti għaliex kemm il-ħin allokat għall-isport kif ukoll il-parteċipazzjoni, kemm għas-subien kif ukoll għat-tfajliet, mhumiex f'livell li nixtiequ. Bi sfortuna ngħid, bla tlaqliq, li nisimgħu ħafna fuq edukazzjoni sħiħa u ħolistika imma fil-verità, qegħdin nifhmu u napprezzaw li l-parteċipazzjoni attiva fi programmi u attivatijiet sportivi għandha tkun fil-qalba tal-proċess sħiħ edukattiv? Għandna nibqgħu b'din il-pressjoni kollha sabiex jinkisbu ċ-ċertifikati akkademiċi biss? Qegħdin nintebħu li f'pajjiżi oħra żviluppati, dawk li jħaddmu mhumiex biss ifittxu għaċ-ċertifikati imma anke għall-evidenza ta' *life skills* u esperjenza? Nemmnu fil-fatt ippruvat li l-isport jista jilgħab rwol sinjifikanti f'dan ir-rigward? Jien nemmen li m'għandux ikun hemm dubju li wieħed mill-oqsma prinċipali li l-KMS għandha tiddentifika f'diskussjoni nazzjonali dwar l-edukazzjoni huwa li nbiddlu l-kurrikulu nazzjonali sabiex innaqqsu mill-importanza żejda akkademika u noffru aktar ħin għall-isport u l-attività fiżika. Għandna dejjem nagħtu mportanza mistħoqqa lill-parti akkademika. Huwa biss iżżejjed, biss ma ngħidx l-ossessjoni għamja, f'ċertu sitwazzjonijiet, li tagħmel ħafna ħsara. Diġà beda xi xogħol utli f'dan ir-rigward għaliex dan ix-xahar stess gie mwaqqaf unit taħt il-kappa tal-KMS u bl-għajnuna tal-ministeru ta' l-edukazzjoni, liema unit se jaħdem għall-promozzjoni ta' l-isport u fil-fatt diġà nieda proġett pilota ma' tliet kulleġġi sabiex jibdew jiġu organizzati attivitajiet sportivi matul il-ħin ta' l-iskola. Għandi fiduċja li dan il-unit se jaħdem b'serjetà u 'l quddiem ser ikollna d-domanda sabiex nwessgħu l-proġett madwar il-gżejjer kollha. Tajjeb li ngħid li dan il-unit mhux se jieħu post l-għalliema tal-PE fl-iskejjel imma se jaħdem magħhom sabiex nipprovdu aktar opportunitajiet ta' eżerċizzju u sport lit-tfal. Wara kollox huwa fl-iskola li t-tfal jiskopru dak li jattirahom l-aktar kif ukoll jiskopru t-talent u l-potenzjal tagħhom. F'dan iż-żmien hemm bżonn li t-tfal ndewwquhom varjetà ta' sport biex ikollhom ċans ta' veru biex jaraw x'jogħġobhom. Fl-istess ħin hemm bżonn li, permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ ta' kwalità, jiġu mgħallma l-iskills bażiċi għall-isport. Eventwalment it-tfal jipproċedu lejn strutturi aktar speċjalizzati u b'coaching serju u kwalifikat u b'appoġġ kontinwu adekwat għall-età tagħhom, jiġu ggwidati b'mod ċar lejn parteċipazzjoni aktar avvanzata fl-isport li jagħżlu. Il-KMS timmira li toħloq opportunitajiet sportivi għal kulħadd. Qegħdin inħarsu għal modi oħra kif inħeġġu n-nies jiċċaqalqu bl-isport anke wara li jħallu l-iskola.

***Bħal f'kollox fil-ħajja fl-isport ukoll jidħol l-abbuż. X'se jsir biex il-parteċipanti jkunu jafu aktar dwar il-konsegwenzi li dawn l-irregolaritajiet iġibu magħhom?***

L-aqwa atleti tagħna tal-preżent iridu jifhmu li huma jġorru responsabbiltà kbira għax huma l-eżempju ħaj għat-tfal u żgħażagħ u għalhekk iridu joffru, ta' kull ħin u mhux biss waqt l-kompetizzjoni, eżempju ta' ntegrità, sportività u *fair play*. Bi sfortuna, il-pjaga tad-drogi fl-isport hija realtà u xi drabi nisimgħu b'xi każ jew ieħor, anke lokalment. Wieħed ma jistax jagħlaq għajnejh, jitfa' kollox taħt it-tapit u jippretendi li din mhux problema li trid tilqa' għaliha. Il-KMS temmen bi sħiħ fi sport nadif u diġà jeżisti programm ta' assistenza fejn għandhom x'jaqsmu doping tests imma issa se nippruvaw nimxu lejn stadju ieħor. Fil-fatt dan is-sajf, il-KMS ġie rikonoxxut b'mod esklussiv mill-World Anti-Doping Agency (WADA) bħala l-entità regolatorja nazzjonali fejn jidħol id-doping. Lokalment tlesta x-xogħol mill-

*Tkompli...*

# Il-funzjoni tal-KMS fl-isport

*advisory committee* u issa l-KMS ikkonkludiet rapport li għandu jitressaq fil-parlament fil-ġranet li ġejjin. Hekk kif dan iseħħ, għandna l-mekkaniżmu kollu lest sabiex il-KMS tibda topera l-Anti-Doping Unit Malti.

***F'intervista li għamilt lis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Kultura, Clyde Puli, kien ħareġ biċ-ċar li matul din il-leġislatura l-gvern għandu d-dmir li f'pajjiżna jdaħħal kultura ġdida sportiva. Dan xi jfisser eżatt, fejn ninsabu u x'hemm ipproġettat għall-futur?***

Jeżistu bosta pjani diversi u tajjeb li nsemmu ftit. Dan ix-xahar stess għandu jibda x-xogħol ta' l-estenzjoni tal-fitness centre tal-KMS fil-pixxina nazzjonali, Tal-Qroqq. Dan il-fitness centre kiber sew fil-popolarità mhux biss ma' l-istudenti universitarji, li jingħataw ukoll rati sussidjati għall-membership kemm għall-fitness centre u anke għall-użu tal-pixxina, imma wkoll fost l-għaqdiet sportivi u l-pubbliku. Tajjeb li wieħed ifakkar li l-KMS kull sena tipprovdi 100 membership b'xejn lill-għaqdiet sabiex dawn iqassmuhom lill-aqwa atleti tagħhom. Fix-xhur li ġejjin qed nistennew li jitlesta x-xogħol fil-kumpless sportiv ġdid ta' Kirkop, biswit il-Kulleġġ San Benedittu biex imbagħad jibda jiġi pproġettat il-kumpless ġdid tat-tramuntana ta' Malta. Bħalissa ninsabu għaddejjin ukoll mill-proċess fejn il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel qed jgħaddu f'idejn il-KMS wara li tispiċċa l-iskola. Dan għaliex nemmnu li l-iskejjel jistgħu jkunu għodda mportanti biex nipprovdu aktar opportunatijiet ta' sport u jkun ħażin ferm li riżors bħal dan jitħalla magħluq u rieqed filgħaxija. B'aktar faċiltajiet nistgħu, minbarra li noffru aktar spazju lill-għaqdiet/klabbs, inżidu mad-diversi programmi li diġà tħaddem il-KMS. Jekk nitkellem fuq programmi, ftit ġranet ilu reġgħet fetħet il-KMS Skolasport, programm ta' suċċess indiskuss fejn din is-sena kellna rekord ta' applikanti u kien hemm bżonn li nużaw faċiltajiet privati għax ma laħħaqniex mad-domanda tal-pubbliku. Biex insemmi żewġ programmi oħra, mingħajr ma nnaqqas mill-mertu ta' oħrajn, Girls on the Move u Summer on the Move kienu wkoll suċċess kbir. Il-ħidma tal-KMS, fir-rigward ta' programmi, għandha tkun li tara kif se ntejbu u nwessgħu l-prodott tagħna sabiex nilħqu perċentwal akbar mill-pubbliku, speċjalment f'setturi li nħoss li għadhom lura bħan-nisa, anzjani, nies b'diżabbilità u programmi oħra li jimmiraw lejn inklużjoni fis-soċjetà. U ladarba qed insemmi programmi, tajjeb li nsemmi għan kbir personali tiegħi li l-KMS isir aktar magħruf mal-pubbliku. Dan qed ngħidu għaliex meta dħalt fil-kariga tiegħi, f'Lulju li għadda, jiena stess indunajt li ma kontx konxju biżżejjed tal-ġid kbir li twettaq il-KMS fost il-poplu fejn jidħol l-isport. Fl-aħħar ġimgħat ippruvajt nitkellem ma' ħafna nies tat-triq u ndunajt li ħafna nies, per eżempju, ma jafux li SkolaSport hija mħaddma mill-KMS jew inkella jirreferu għall-programmi l-oħra tal-KMS bħala dawk ta' SkolaSport. Ħafna wkoll m'għandhomx idea li l-pixxina nazzjonali (inkluż il-fitness centre, l-isquash courts u l-uffiċini kollha, anke dawk li huma okkupati minn xi entità oħra) hija tal-KMS. Saħansitra smajt atleta promettenti li qiegħed jitħarreġ b'xejn ġewwa l-fitness centre tal-KMS li l-anqas jaf li l-membership b'xejn tiegħu ġiet maħruġa mill-istess KMS. Quddiem eżempji bħal dawn, bdiet ħidma fil-qasam ta' relazzjonijiet pubbliċi biex nippromovu lil KMS, kemm bħala entità kif ukoll ix-xogħol tagħha, madwar il-pajjiż. Fl-istess ħin jiena ħtart kummissjoni ta' l-istampa fi ħdan il-KMS sabiex mhux biss ikollna kanal ta' kommunikazzjoni miftuħ mal-media lokali imma nirċievu wkoll kritika u suġġerimenti. Jien wieħed li qatt ma bżajt mill-kritika għaliex permezz tagħha nista' nitgħallem u noħroġ ferm aktar qawwi minn qabel.

Fl-aħħar xahar, il-KMS irnexxielu, għall-ewwel darba, jinfed b'mod regolari fil-media stampata u viżiva. Dan għaliex minbarra li ksibna spazju fil-magazin popolari 'L-Isportiv' u anke qed inkunu mistiedna residenti għal spots żgħar f'ċertu programmi televiżivi, il-KMS beda jxandar ukoll l-ewwel programm televiżiv tiegħu, KMS SportLink. Dan jixxandar nhar ta' Ġimgħa fuq Education 22 u b'repetizzjoni wkoll fuq TVM. F'dan il-programm qegħdin nagħtu l-ispazju lill-għaqdiet sportivi li jwasslu leħinhom, liema spazju jista' jkompli jiżdied fil-ġimgħat li ġejjin hekk kif qed nimmiraw li niksbu aktar air time u nipproduċu programmi oħra.

Indur fuq qasam ieħor. Fix-xhur li ġejjin, il-KMS, li minn dejjem kien mibni fuq l-integrità u t-trasparenza, irid ikun aktar effiċjenti u effettiv aktar minn kif kien diġà qabel u dan nemmen li jista' jintlaħaq jekk inżommu komunikazzjoni konsistenti ma' kull entità sportiva, minn dik żgħira li forsi hija mwaqqfa għal skop ta' divertiment pur sa entità kbira bħal Kumitat Olimpiku Malti. Rigward din l-aħħar entità, għandi t-tama li jekk ikun hemm rieda tajba u fiduċja sħiħa, il-KMS u l-KOM jistgħu jaħdmu aktar ma' xulxin u joħolqu sinerġija qawwija li tkopri l-'piramida' kollha sportiva. Hemm lok ukoll li ma jkunx hemm mumenti ta' dupplikazzjoni ta' xogħol li jwassal għal ħela ta' riżorsi. Ovvjament biex iseħħ dan, irid ikun hemm rispett reċiproku ta' l-irwoli rispettivi fejn il-KMS trid tagħraf l-irwol importanti li għandha l-KOM fejn jidħlu l-atleti elite li jippreparaw għal kompetizzjonijiet maġġuri kif ukoll li l-KOM tirrappreżenta d-dixxiplini sportivi Olimpiċi waqt li l-KOM trid tirrispetta l-KMS bħala l-awtorità sportiva u r-regolatur ta' l-isport fil-pajjiż. Diġà teżisti kollaborazzjoni bejn l-KMS u l-KOM imma bħal kollox fil-ħajja, xejn ma hu perfett u dejjem hemm lok ta' titjib. Il-KMS irid jgħin, sa fejn hu possibbli, lill-KOM u għalhekk ta' kull sena jgħaddi aktar minn kwart ta' miljun ewro lill-istess KOM. Fejn imbagħad jidħol l-istat, irid ikun hemm aktar kollaborazzjoni bejn l-entitajiet varji governattivi. Nemmen li rridu nagħmlu ċert li jkun hemm kontroll sħiħ kontra dupplikazzjoni ta' fondi sabiex ħadd, sew jekk għaqda jew klabb, ma japprofitta ruħu ngustament, a skapitu ta' għaqdiet/klabbs oħra, u jirċievi għajnuna minn aktar minn aġenzija waħda governattiva.

Fl-aħħarnett insemmi wkoll l-importanza li jkollna statistika fattwali u cara sabiex ikollna għodda oħra kredibbli meta niġu biex inressqu argumenti validi ma' l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż. Nemmen li hemm bżonn li nibnu fuq l-istudju ta' l-effett ekonomiku ta' l-isport li sar ftit zmien ilu mill-KMS u possibbilment flimkien ma' l-uffiċċju nazzjonali ta' l-istatistika naslu fi ftehim li finalment iwassal li tingabar statistika reali tal-kontribut ta' l-isport lejn l-ekonomija Maltija. Ċert li bħalissa l-indikaturi ma jirriflettux il-konribut kollu ta' l-isport sew fil-qasam dirett sportiv kif ukoll f'oqsma oħra bħat-turiżmu. Barra minn hekk, mhux qed insemmi wkoll l-effett moħbi ta' kemm jiġu ffrankati flus fis-saħħa jekk ikun hawn poplu attiv u b'saħħtu.

# Il-KMS jipprovdi

***IL-KMS huwa l-organu ewlieni ta' l-isport f'pajjiżna, iżda ftit huma dawk li jafu dwar il-ħafna xogħol li qiegħed isir. Kif beda l-KMS u x'mezzi għandu biex iwassal l-għarfien u jirriklama l-prodott sportiv?***

Qabel ma ġiet fis-seħħ il-Liġi tal-isport, il-Kunsill Malti għall-iSport kien biss bord konsultattiv għall-ministru responsabbli mill-isport. Dan il-bord ra l-bidu tiegħu fl-1995. Il-liġi ta' l-isport għaddiet mill-Parlament f'Novembru, 2002, u daħlet fis-seħħ f'Jannar, 2003. Bis-saħħa ta' din il-liġi ġie stabbilit ir-rwol u l-poteri tal-KMS. Il-liġi tat lill-Kunsill Malti għall-iSport dimensjoni ġdida u status legali bħala entità governattiva Maltija. Il-KMS beda l-funzjonijiet uffiċjali tiegħu ftit ġimgħat qabel il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, fl-2003. Hija l-istess liġi li tispjega l-iskop għaliex saret. Fil-fatt l-att dwar l-isports sar biex jinkoraġġixxi u jippromwovi l-isport, jipprovdi għat-twaqqif ta' Kunsill Nazzjonali għall-isport biex jeżerċità l-funzjonijiet relatati ma' l-isport u li kienu jaqgħu taħt id-Dipartiment taż-Żgħażagħ u Sport. Il-liġi tagħti s-setgħa lill-KMS biex jipprovdi għar-reġistrazzjoni ta' organizazzjonijiet sportivi, l-amministrazzjoni tal-faċilitajiet nazzjonali u t-tfassil u t-twettieq ta' programmi sportivi. Il-liġi tagħti wkoll importanza lill-għanijiet ta' l-istess KMS biex jippromwovi u jmexxi l-iżvilupp ta' aktar parteċipazzjoni sportiva f'pajjiżna. Il-KMS ukoll irid jiżviluppa u jippromwovi aċċess indaqs u aktar parteċipazzjoni fl-isport. Fil-fatt fil-preżent il-KMS qiegħed jopera u joffri 13-il programm sportiv differenti għal firxa ta' klijenti differenti.

***Joe Cassar fil-pożizzjoni ta' CEO, jieħu ħsieb l-operat ta' din l-organizazzjoni nazzjonali. Għidilna ftit x'tirrikjedi kariga bħal din u liema huma l-għanijiet prinċipali li tixtieqU tilħqu fis-snin li ġejjin?***

Fil-pożizzjoni ta' Kap Ezekuttiv irrid nara li l-oġġettivi u l-funzjonijiet kif stabbiliti u elenkati fil-liġi ta' l-isport jiġu imħarsa u mwettqa. Sabiex dan ikun jista' jsir jeħtieġ li jkun hemm sinerġija u rieda tajba bejn l-impjegati full u part-time, il-membri tagħna prinċipalment l-għaqdiet sportivi bl-ammont kbir ta' voluntiera fi ħdanhom, entitajiet oħra fosthom id-dipartiment tal-Edukazzjoni u fuq kollox il-pubbliku Malti.

Fost il-ħafna programmi sportivi li joffri l-KMS, insibu dawk għaż-żgħar u oħrajn għall-membri tal-familja, programmi oħra huma bbażati fuq skala soċjali u ħafna aktar. Eżattament x'inhu l-obbligu tal-Kunsill Malti għall-iSport?

Il-KMS fit-tfassil tal-programmi sportivi tiegħu, b'mod partikolari fejn jidħlu t-tfal, jinsab jaħdem sabiex kemm jista' jkun it-tfal jingħataw opportunitajiet differenti fejn jistgħu ikunu attivi. Fil-fatt fuq livell tat-tfal fis-settur primarju, il-KMS għandu programmi kemm għal waqt ħin l-iskola, fosthom lezzjoni ta' l-għawn, il-proġett tal-walking bus, fejn it-tfal jimxu flimkien mal-ġenituri għall-iskola tal-lokal u kif ukoll il-programm SportsFun. Wieħed ma jridx jinsa jsemmi l-inizjattiva

# programmi għall-familja kollha - Joe Cassar

## Chief Executive Officer KMS

meħuda mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport għal waqt il-ħin tal-iskola wkoll.

***Għalkemm issa l-Kunsill Malti għall-iSport ilu diversi snin jippromwovi l-iżvilupp sportiv f'pajjiżna, fadal ħafna nies li jgħidulek li l-isport ma jingħatax bizzejjed spazju fost it-tfal fl-iskejjel jew huma ftit in-nisa u l-irġiel li jagħmlu eżercizju fiżiku fuq bażi regolari. Kif tqis dawn il-ħsibijiet u x'inizjattivi saru matul dawn l-aħħar snin biex l-isport isib postu fost il-prioritajiet fil-ħajja tal-poplu Malti?***

Eżattament wara l-iskola, l-KMS qiegħed ikompli joffri programmi sportivi għall-istudenti f'etajiet differenti b'għażla ta' attivitajiet differenti. Il-programm 'After Schools' fejn wieħed isib attivitajiet fiżiċi għall-livell primarju u attivtajiet sportivi għal-livell sekondarju. Il-KMS jinsab jaħdem bi sħab ma' numru ta' Għaqdiet Sportivi Nazzjonali u fuq sillabu differenti skond l-età tal-parteċipanti. Apparti dan il-KMS qiegħed joffri programmi oħra b'kollaborazzjoni ma' Għaqdiet Sportivi, programmi speċifiċi ta' l-għawn u kif ukoll il-programm 'Girls on the Move'.

***Nitkellmu dwar dawk li jaħdmu fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport, jiġifieri, l-promoturi ta' l-isport li jmexxu u jħarrġu lill-parteċipanti fil-programmi tagħkom. Dawn huma nies ikkwalifikati. L-iżvilupp u t-taħriġ tagħhom f'hiex jikkonsisti?***

Il-KMS mit-twaqqif tiegħu minn dejjem ħadem sabiex il-ħaddiema tiegħu fil-programmi sportivi jkunu persuni ikkwalifikati. Fil-fatt l-istaff tekniku tal-KMS jikkonsisti f'għalliema tal-edukazzjoni fiżika, studenti universitarji li qegħdin jistudjaw biex isiru għalliema ta' l-edukazzjoni fiżika, kowċis ikkwalifikati fl-isport tagħhom jew mill-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u Sport fi ħdan l-Università ta' Malta u persuni oħra li jitħarrġu u jingħataw ċertifikazzjoni mill-MCAST. Minbarra dawn il-persuni, il-KMS għandu numru sostanzjali ta' plejers attivi f'dixxiplini sportivi varji u li jagħtu s-sehem tagħhom waqt it-taħriġ u fl-operat tal-programmi.

***Ninsabu ngħixu f'dinja ta' konsumiżmu sfrenat, fejn l-ikel hekk imsejjaħ "junk food" u x-xaħmijiet u x-xorb mimli zokkor qegħdin iwasslu għal ħafna problemi fiżiċi li jsarfu f'sitwazzjonijiet inkwetanti fil-futur. F'Malta għandna problemi kbar ta' l-obeżità, il-cholesterol u l-arthritis. X'kampanji qegħdin isiru biex negħlbu l-ostaklu ta' ħafna kumpaniji minn madwar id-dinja globalizzata li b'reklamar abbużżiv qegħdin ipinġu l-prodotti tagħhom bħala tajba u neċessarji?***

Il-KMS għandu ftehim mal-Università ta' Malta biex ġie imwaqqaf l-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u Sport. L-għan ta' dan l-istitut huwa dak li jorganizza korsijiet f'livelli differnti fejn jidħol il-coaching mingħajr ma jiffoka fuq l-aspett tekniku ta' l-isport partikolari. Il-KMS jemmen li l-aspett tekniku huwa fir-responsabbilità tal-Għaqda Sportiva Nazzjonali. Minbarra dawn il-korsijiet, l-istitut jorganizza wkoll seminars li jinkludu edukazzjoni fuq l-ikel li jiġi kkonsmat.

***Nitkellmu ftit dwar il-faċilitajiet sportivi f'pajjiżna, liema faċilitajiet huma fir-responsabbiltà tal-Kunsill Malti għall-iSport. Matul dawn l-aħħar snin il-gvern ċentrali investa flus kbar biex l-infrasstruttura sportiva fil-pajjiż tiżdied. Xi proġetti hemm għall-futur u wara li dawn il-kumplessi u l-faċilitajiet jitlestew min jista' jgawdi minnhom?***

Bħala faċilitajiet sportivi l-KMS huwa responsabbli tal-Kumpless Sport tal-Kottonera mibni fl-2003, taċ-Ċentru Sportiv tal-Marsa, il-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali inkluż il-Fitness Centre u kif ukoll għandu taħtu ħamsin fil-mija tas-sala ta' l-Università. Fil-preżent qiegħed jinbena l-Kumpless Sportiv f'Ħal-Kirkop, filwaqt li qiegħed jitlesta r-rapport dwar il-kumpless sportiv ġdid li mistenni jinbena fit-tramunata ta' Malta. Il-KMS qiegħed jonfoq is-somma ta' €1,372,958 għall-operat ta' dawn il-kumplessi, minbarra l-ħlas ta' pagi. L-ispiża prinċipali tirrigwardja s-settur tal-manutenzjoni u x-xiri ta' fuel biex tinżamm imsaħħna l-pixxina ewlenija tal-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali. Wieħed irid isemmi wkoll li l-użu ta' dawn il-faċilitajiet mill-għaqdiet sportivi qiegħed ikunu issussidjat mill-KMS sabiex il-ħlas jinżamm ferm baxx. Dan għandu jitqies bħala mezz ieħor ta' għajnuna lill-istess għaqdiet.

***Il-Kunsill Malti għall-iSport jirċievi allokkazzjoni finanzjarja mingħand il-Gvern biex isir investiment u jitħares l-iżvilupp sportiv. Fuq liema bażi tiġi mqassma din l-allokkazzjoni?***

Il-KMS qiegħed jalloka s-somma ta' €385,000 għall-programmi sportivi organizzati, inkluż inizjattivi sportivi u edukattivi fosthom assistenza lill-għadiet sportivi. L-akbar somma f'dan ir-rigward mill-KMS tiġi mgħoddija lill-Kumitat Olimpiku Malti. Il-KOM jingħata €973,440 għat-tħejjija tal-atleti elite, jew aħjar dawk l-atleti li jirrappreżentaw lil pajjiżna fil-logħob internazzjonali bħall-Olimpjadi, l-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar u oħrajn.



# Il-faċilitajiet sportivi tal-Kunsill Malti għall-iSport

## Tal-Qroqq Fitness Centre

Tal-Qroqq Fitness Centre fetaħ għall-ewwel darba, f'Settembru 2000. Mill-ewwel inħass li kien hemm bżonn li nagħtu servizz ta' dan it-tip, fil-fatt il-konkorrenza tal-pubbliku kienet waħda inkoraġġanti ħafna. Bdejna b'gym equipment limitat u wara li d-domanda tan-nies bdiet dejjem tikber, il-Kunsill Malti għall-iSport ħass il-ħtieġa biex ikompli jinvesti f'aktar apparat ta' l-ogħla livell biex b'hekk jgħin lill-membri sabiex jitħarrgu regolarment mingħajr problemi. Fost l-apparat li wieħed isib f'dan il-Fitness Centre hemm ammont sostanzjali ta' free-weights, bar-bells u dumb-bells, ammont kbir ta' fixed weights machines u ammont vast ta' cardio machines, fosthom treadmills, concept rowers, cross trainers u gym bikes, kollha ta' kwalità kummerċjali u li huma popolari u mportanti ma' dawk kollha li jipprattikaw dan it-tip ta' taħriġ.

Dan il-Fitness Centre huwa organizzat ħafna fejn tingħata mportanza għall-indafa madwar iż-żona kollha, mgħammar bl-arja kundizzjonata u mużika adattata il-ħin kollu, minn x'ħin jiftaħ sakemm jagħlaq. Dan it-tip ta' ambjent jgħin lill-membri jitħarrġu b'aktar entużjażmu. F'kelma waħda dan il-Fitness Centre armat b'dak kollu li d-dilettanti ta' dan l-isport jistennew li jsibu ġewwa gym.

Minbarra l-ammont kbir ta' membri individwali li jagħmlu użu minn dan il-Fitness Centre, għandna wkoll diversi timijiet minn dixxiplini sportivi differenti, fosthom klabbs tal-water polo, l-Elite athletes tal-Kumitat Olimpiku Malti, tim ta' għawwiema, ammont sabiħ ta' studenti mill-Università u diversi klabbs tal-futbol u kif wkoll timijiet ta' għawwiema barranin.

Biex kull membru jkun moqdi aħjar hemm aċċess ta' parkeġġ kbir. Fil-futur qrib il-Kunsill Malti għall-iSport qiegħed jippjana proġett ta' estensjoni tal-Fitness Centre fejn id-daqs eżistenti mistenni jirdoppja u b'hekk jitkompla l-investiment b'aktar apparat. Dan żgur li mistenni jgħin u jagħmilha aktar faċli għall-membri sabiex ikomplu jwettqu t-taħriġ tagħhom b'aktar kumdità speċjalment meta jiltaqgħu ammont kbir ta' membri jitħarrġu fl-istess ħin. F'Tal-Qroqq Fitness Centre hemm tim ta' instructors dedikati u ta' esperjenza kbira f'dan il-qasam, persuni li jippreparaw programmi ta' taħriġ b'mod individwali kemm għall-membri li m'għandhomx esperjenza u kif ukoll għall-membri bl-esperjenza.

F'dan il-Fitness Centre jipparteċipaw nies ta' kull età, minn 16-il sa 80 sena, kollha jattendu regolarment. Biex ikompli jagħmilha aktar faċli u jżid il-kumdità għall-membri, il-Kunsill Malti għall-iSport qiegħed jippjana wkoll biex jagħmel entratura separata, biex b'hekk il-membri jkollhom aċċess dirett għall-Fitness Centre. L-għan tal-KMS dejjem kien li jgħin u jħajjar kemm jista' jkun nies jipparteċipaw fl-isport u jżommu attivi.

Dan kollu jagħmel lil Tal-Qroqq Fitness Centre uniku, u l-pubbliku għandu jħossu xxurtjat u japprezza x-xogħol verament siewi u ta' ġid li b'mod professjonali l-Kunsill Malti għall-iSport qiegħed kontinwament iwettaq sabiex ikollna ġenerazzjoni aktar b'saħħitha.

Tal-Qroqq Fitness Centre jiftaħ mit-Tnejn sal-Ħadd f'dawn il-ħinijiet:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 9.00 am – 9.00 pm
Is-Sibt u l-Ħadd: 9.00 am – 5.00 pm





## Il-Kumpless Sportiv Reġjonali - Ħal Kirkop



# Kumpless Sportiv tal-Marsa



Il-Kumpless Sportiv tal-Marsa qiegħed fil-post fejn snin ilu kienu jsejħulu l-Marsa ta' l-Ingliżi. Dan il-Kumpless jitmexxa wkoll mill-Kunsill Malti għall-iSport u fih hemm ground tal-futbol, il-Matthew Micallef St. John athletic track, ground tar-rugby, ground li juntuża kemm għas-softball u kif ukoll għall-baseball u court tan-netball. Il-grounds kollha f'dan il-kumpless huma ta' ħaxix naturali.

Matul l-istaġun tax-xitwa dawn il-grounds jintużaw regolarment. Matul il-ġimgħa t-track tintuża l-aktar minn atleti u dilettanti oħra. Tul is-sena, il-Malta Amateur Athletics Association, torganizza kemm laqgħat nazzjonali u kif ukoll oħrajn internazzjonali.

Il-Malta Rugby Union jagħmlu użu mill-ground għat-taħriġ matul il-ġimgħa, filwaqt li nhar ta' Sibt u Ħadd jiġi organizzat il-logħob mill-Kampjonat Nazzjonali.

Il-Maltese Association Baseball/Softball ukoll jagħmlu użu mill-parti allokata lilhom għat-taħriġ u kif ukoll isiru l-avvenimenti skedati skond il-programm ta' logħob nazzjonali u nternazzjonali.

Minbarra l-assoċjazzjonijiet imsemmija, bejn Frar u Marzu, timijiet tal-futbol minn barra l-pajjiż jorganizzaw program ta' taħriġ fil-Kumpless.

Il-KMS juża' wkoll dan il-Kumpless għall-programmi sportivi tiegħu, partikolarment għall-programm Skolasport, programm li jseħħ kull nhar ta' Sibt bejn Ottubru u Mejju.






Il-Kunsill Malti għall-iSport għandu wkoll ir-responsabbiltà tat-tmexxija tal-Kumpless Sportiv Reġjonali li jagħmel parti mill-Kulleġġ San Benedittu. Għalkemm ix-xogħlijiet fuq il-Kumpless għadhom għaddejjin, il-KMS diġà jieħu ħsieb it-tmexxija tal-faċilitajiet sportivi tal-Kulleġġ San Benedittu fil-ħinijiet ta' wara l-iskola u fi tmiem il-ġimgħa.

# Il-Kumpless Sportiv tal-Kottonera

Il-Kumpless Sportiv tal-Kottonera huwa wieħed mill-aktar faċilitajiet moderni u huwa mmexxi mill-Kunsill Malti għall-iSport. Dan il-kumpless ġie rikonoxxut minn madwar id-dinja bħala wieħed mill-kumplessi sportivi li għandhom faċilitajiet għall-persuni b'diżabbilità.

Il-kumpless jikkonsisti f'sala ewlenija fejn isir il-logħob tal-volleyball mill-kampjonat nazzjonali, taħriġ tal-volleyball u l-badminton, kif ukoll il-programmi sportivi tal-Kunsill Malti għall-iSport. Din is-sala hi attrezzata għal-logħob internazzjonali fir-rigward tal-volleyball u mgħammra bi press office għall-ġurnalisti. Is-sala takkomoda mhux inqas minn 1,250 spettatur.

Fin-naħa ta' wara hemm sala li tintuża għal diversi attivitajiet fosthom taħriġ u laqgħat għall-assoċjazzjonijiet, isiru l-attivitajiet tal-programm Skolasport u tilqa' attivitajiet oħra soċjali.

Fit-tielet sular tal-Kumpless hemm aktar swali li jiġu utilizzati mill-assoċjazzjonijiet sportivi. Fis-sular t'isfel hemm martial arts dogo li hu ammministrat mit-Traditional Karate Federation of Malta u kif ukoll kafetterija u ċentru għall-fiżika u s-saħħa.

Il-kumpless kien użat għal diversi funzjonijiet nazzjonali, bħal meta ir-Reġina Eliżabetta żaret Malta u ltaqgħet mat-tfal f'Jum it-Tfal, iċ-ċerimonja ta' inawgurazzjoni f'ġieħ l-Isqof ta' Malta, u tournaments internazzjonali bħal dawk tal-karate, il-judo u t-table tennis.

Matul il-ġimgħa, il-kumpless ikun okkupat bil-parteċipazzjoni vasta ta' attivitajiet li jvarjaw minn sports day ta' l-iskejjel, fun days għat-tfal, taħriġ filgħaxijiet mid-diversi assoċjazzjonijiet sportivi u fi tmiem il-ġimgħa jsiru attivitajiet sportivi mill-programmi ta' sport imtella' mill-Kunsill Malti għall-iSport u l-kampjonat nazzjonali tal-volleyball.

Il-kumpless, għalkemm għadu relattivament ġdid, issirlu manutenzjoni regolari biex il-post jibqa' jinżamm fi stat tajjeb, minkejja atti varji ta' vandaliżmu partikolarment fil-kurituri.

Din is-sena wkoll, bħal kull sena minn meta nfetaħ il-kumpless, il-programm ta' attivitajiet skedati huwa vast u varjat. Mistennija jkunu diversi l-assoċjazzjonijiet, l-iskejjel pubbliċi u privati li se jagħmlu użu minn din il-faċilità. Minbarra dawn huma ħafna t-tournaments nazzjonali u nternazzjonali li mistennija jsiru fil-kumpless fix-xhur li ġejjien, fosthom dawk tal-weightlifting u t-table tennis u naturalment se jibqa' l-ispazju ddedikat lill-iskeda ta' programmi offruti mill-KMS.







# Pixxina Nazzjonali Tal-Qroqq

Il-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq hija meqjusa bħala pixxina ta' livell Olimpiku. Din kienet mibnija, fl-1993, u kienet miftuħa uffiċjalment fl-okkażjoni tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar ta' l-Ewropa.

Kemm ilha f'idejn il-Kunsill Malti għall-iSport sar ħafna tibdil fl-istruttura tal-bini u kif ukoll fuq ġewwa biex dan il-kumpless ikun jista' jilqa' fih numru differenti ta' dixxiplini sportivi u kif ukoll numru ta' għaqdiet u assoċjazzjonijiet sportivi. L-attività prinċipali tal-Kumpless tirrigwardja l-isport akwatiku.

Il-KMS ħaseb ukoll biex jinvesti f'sistema kompjuterizzata fir-reception biex tkun tista' tlaħħaq mad-domanda tan-nies u għaldaqstant il-KMS ikun jista' jipprovdi servizz aktar effiċjenti. Il-Kumpless jinkludi wkoll changing rooms u lockers li l-pubbliku u kif ukoll il-membri jistgħu jużaw, dejjem għal aktar sigurtà u konvenjenza. L-aċċess fil-Kumpless hu ffaċilitat b'rampi biex persuni b'diżabbilità ikunu jistgħu jattendu u jużawh mingħajr tbatija u problemi.

Dan il-Kumpless jospita attivatijiet tal-baħar, bħall-kampjonat nazzjonali tal-waterpolo u numbru kbir ta' tournaments internazzjonali mill-istess dixxiplina. Min-naħa tagħha, l-ASA, tuża l-Kumpless ukoll għal laqgħat internazzjonali ta' l-għawm.

Aktar ma jgħaddi żmien in-nies aktar qed isiru konxji li l-għawm hu parti importanti mill-attività fiżika tagħhom u l-attendenza f'dan ir-rigward qiegħda tiżdied. Il-Pixxina Nazzjonali tilqa' wkoll esibizzjonijiet u wirjiet spettakolari, fosthom (u kif sar fil-passat), is-Synchronised Swimming Theme u l-Jeux Sans Frontiers.

Fil-Pixxina hemm żewġ fresh water pools, il-kbir għandu daqs ta' 50 x 25 metru u ż-żgħir li jisejjaħ dive pool għandu daqs ta' 25 x 25 metru. Dan ta' l-aħħar huwa aktar fond mill-ieħor għaliex jintuża biex isir l-iSpring Board Diving. Il-Pixxina hija mgħammra b'electronic timing equipment u l-koros tat-tlielaq huma tal-livell mitlub mill-Kumitat Olimpliku Internazzjonali. Il-pixxina l-kbira tissaħħan matul is-sena kollha, b'temperatura ta' 26.5 gradi celsius. Minbarra dan u biex is-servizz ipprovdut ikun ta' l-aqwa kwalità, il-pixxina hija wkoll mgħammra b'apparat sofistikat biex tiġi vverifikata l-kwalità ta' l-ilma skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Is-servizz ta' lifeguards li huma mħarrġa fil-first-aid, hu pprovdut il-ħin kollu, filwaqt li fil-pixxina hemm ukoll klinika mgħammra bl-affarijiet mediċi kollha meħtieġa biex f'każ ta' incident tingħata l-ewwel assistenza medika fuq il-post.

Dan l-aħħar fil-Pixxina qegħdin ikunu organizzati lezzjonijiet ta' l-għawm u attivitajiet oħra li huma parti mill-programmi sportivi li joffri l-KMS. Il-Pixxina tilqa' wkoll ħafna skejjel oħra, kemm matul l-istaġun tas-sajf u kif ukoll matul ix-xitwa.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan prinċipali hu li dan il-Kumpless iservi ta' faċilità sportiva mill-aqwa, bil-funzjoni li jkabbar l-interess tal-poplu Malti kollu fil-qasam ta' l-isport akwatiku.



# PLAY THE GAME

# SEPARATE YOUR WASTE






MINISTERU
GĦALL-AFFARIJIET
RURALI U L-AMBJENT
www.mrae.gov.mt

## FREEPHONE

SERVIZZI AMBJENTALI - NUMRU WIEĦED

**8007 2210**

# Sports & Physical Activity: what's common to both?

Gvern ta' Malta
Diviżjoni Regolazzjoni Saħħa Pubblika
Ministeru għall-Politika Soċjali

Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5A, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.sahha.gov.mt

Now-a-days, we are getting more and more conscious about the importance of healthy lifestyles in order to keep at bay conditions such as heart disease, diabetes, obesity and depression. We hear a lot about sports and physical activity (PA). The two terms seem to be interchangeable.

It is also a fact that, whereas athletes prefer to speak about the sport they practice, health-care professionals tend to speak more on PA. So, what is common and distinctive to both terms?





The entire spectrum of body movements that each person undertakes in daily life are all examples of PA. These vary from one person to another and include examples from below:

- Daily living movements including: walking, housework, washing the car, gardening, going up the stairs.
- Aerobic (cardio) activities use the heart, lungs and most skeletal muscles over a period of time. Examples include: aerobics classes, jogging, cycling, swimming, dancing, athletics, volleyball, tennis, football, hiking.
- Resistance training exercises strengthen the muscles that are worked. These can be done by lifting your own bodyweight (eg. sit-ups, push-ups), or by using free weights or resistance machines.
- Stretching exercises help improve joint flexibility and reduce muscle tension. Latest research shows that post-exercise stretching entail most benefits. Any static full range of movement should be held for at least 10 seconds.

Therefore, we can say that any bodily movement produced by skeletal muscles that results in energy expenditure above resting level is defined as PA. The reason why it has to be 'above resting level' is due to the fact that even whilst sleeping, we are still burning some calories as the vital organs such as the heart and lungs are still doing their important physiologic functions.

So, what is Sport? In its broadest sense, the term sport refers to any type of PA that involves an element of competition. However, any sport can also be played for recreation purpose as well. So, we can say that any sport is an example of PA but not every PA is a sport.

For health-enhancing PA (HEPA), the sport has to involve an appreciable degree of physical exertion, preferably affecting the whole body, in order to be mostly effective for general health. The list of types of active sports is endless and includes: basketball, tennis, football, volleyball, athletics, martial arts and many others. Athletics and martial arts on their own also include a very long list of examples of active disciplines.

Between the terms PA and sport, comes exercise. Like sport, exercise is a subset of PA. Exercise usually consists of planned, structured and repetitive bodily movements done to improve or maintain one or more components of physical fitness (speed, stamina or endurance, strength and suppleness or flexibility).

For further information, feel free to call us on the following helpline during office hours.

**Charles Micallef, B. Pharm (Hons), Cert (Exer&Fit), Fitness promoter, Health Promotion & Disease Prevention Department**



Be Active Helpline
2326 6115




# Spot the ball u irbaħ Nike Watch



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mid-19 ta' Novembru 2008

Kompetizzjoni Spot the Ball,
'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata Nike Watch ġentilment mogħti lilna minn Urban Jungle.

## Soluzzjoni Ħarġa nru.18

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru.18 huwa Massimo Saliba - Zurrieq



# SPORTIV Kriss-Kross



## IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK

THE WESTIN DRAGONARA RESORT Malta

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mid-19 ta' Novembru 2008: **Kompetizzjoni Sportiv, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi**

Flimkien mat-tweġibiet trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 18



Ir-rebbieħ tal-Westin Weekend Break tal-Ħarġa ta' Settembru/Ottubru 2008 huwa Paul Buttigieg - Senglea

### Mimdudin

3) Inter Amateur Soccer Association (1,1,1,1)
6) L-ex goalkeeper Freddie Mizzi "Il-........" (8)
9) Kowċ nazzjonali Portugiż tal-Futbol (7)
10) L-Olimpjadi 2012 hawn se jsiru (6)
12) Żomm in-nifs f'dan li sport ta' l-iscuba diving (5)
14) Rebħu x-shield tar-Regatta għad-19 -il darba (4)
15) L-ex Portelli ta' Marsa FC u Cini ta' Valletta FC (6)
18) Sport tal-Bike fil-'muntanji' (8)
19) Klabb tal-Futbol Ingliż imwaqqaf fl-1885 (5)
21) Sitta fiha l-mejda ta' l-Isnooker (7)
24) Aquatic Sports Association (1,1,1)
26) Kif inhu magħruf li sport ta' l-Ibburdjar (7)
27) Baldacchino, ġerrej fil-korsa tal-Marsa (4)
28) Arthur Antunes Coimbra jew aħjar '....' (4)
29) Perjodu ħażin għal tim jew atleta (5)
30) Jesmond, kowċ ta' Qormi FC (6)
31) Dinamo ...., tim tal-Futbol mill-Ukrajna (4)
32) Ex-midfielder ta' Tottenham u West Ham (6)
34) It-tim tal-Futbol tal-President Lotito (5)
37) David, difensur ta' Man Utd 1994-2003 (3)
38) Steffie, ex-tennista ta' fama mondjali (4)

### Weqfin

1) L-attakkant Montenegrin ta' Floriana FC (6)
2) Jibdluh il-captains qabel partita Futbol (6)
3) Sports li ma jintlagħabx fl-apert hekk jissejjaħ (6)
4) Żarbun tal-Futbol mhux wieħed ikun fih (4)
5) Ix-shield introdotta mill-Malta FA fl-1914/15 (6)
7) Iċ-ċirkwit tal-Formula Wieħed fil-Belġju (3)
8) Flavio, il-boss tar-Renault fil-Formula 1 (8)
11) UEFA ....... Cup, futbol bejn id-dilettanti (7)
13) Isem id-difensur 'kannella' ta' Man Utd (3)
16) Niki, tlett darbiet rebbieħ tal-Grand Prix (5)
17) Kunjom assoċjat mall-Futbol fil-Birgu (9)
19) Vittoriosa .... Tennis Club (4)
20) U li ma kienux dawn għall-iSports? (8)
22) Klabb tan-nofs inhar fit-Tielet Diviżjoni ta' l-MFA (7)
23) Isem "Il-Koj", qaddief leġġendarju (4)
25) L-isport ta' l-Isparar bil-Qaws (7)
26) Għar-rebħ ta' din jirsistu l-qaddiefa (6)
28) Il-mascot tat-Tazza tad-Dinja 2010 (6)
33) Qabel Persie, Basten u Bommel (3)
35) Il-goalkeeper 'nannu' rebbieħ fi Spanja 82 (4)
36) Trafford, "Theatre of Dreams" (3)


SPARK
Cola
Carbonated soft drink




- Local & Overseas Car Hire
- Chauffeur Drive services (24 hours)
- Limousine VIP Service
- Weddings Service

Freephone 8007 2337

JOHNS GARAGE

38, Villambrosa Street, Hamrun, HMR1128 T: (+356) 2298 2298 F: (+356) 2298 2299
www.johnsgarageltd.com info@johnsgarageltd.com www.johnsgroup.eu